# Skema ta’ Appoġġ għall-Iscreen

**Linji Gwida u Regolamenti 2026**

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠIN: MARZU 2026

L-Ewwel Fergħa: Kitba tal-Iskripts


1. Introduzzjoni ... 3
2. Id-definizzjonijiet ... 3
3. L-eliġibbiltà ... 7
4. L-evalwazzjoni ... 12
5. It-tressiq tal-applikazzjoni ... 13
6. Il-proċess tal-evalwazzjoni ... 15
7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett ... 16
8. Il-proċedura tal-ilmenti ... 18
9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ... 19

Teħtieġ parir? ... 20


It-Tieni Fergħa: Żvilupp


1. Introduzzjoni ... 3
2. Id-definizzjonijiet ... 3
3. L-eliġibbiltà ... 7
4. L-evalwazzjoni ... 12
5. It-tressiq tal-applikazzjoni ... 13
6. Il-proċess tal-evalwazzjoni ... 16
7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett ... 16
8. Il-proċedura tal-ilmenti ... 18
9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ... 19

Teħtieġ parir? ... 20


It-Tielet Fergħa: Films Qosra


1. Introduzzjoni ... 3
2. Id-definizzjonijiet ... 3
3. L-eliġibbiltà ... 7
4. L-evalwazzjoni ... 12
5. It-tressiq tal-applikazzjoni ... 14
6. Il-proċess tal-evalwazzjoni ... 16
7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett ... 17
8. Il-proċedura tal-ilmenti ... 19
9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ... 19

Teħtieġ parir? ... 21

Ir-Raba’ Fergħa: Produzzjoni ta’ Films Twal

1. Introduzzjoni ... 3

2. Id-definizzjonijiet ... 3

3. L-eliġibbiltà ... 7

4. L-evalwazzjoni ... 12

5. It-tressiq tal-applikazzjoni ... 14

6. Il-proċess tal-evalwazzjoni ... 16

7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett ... 17

8. Il-proċedura tal-ilmenti ... 19

9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajununa mill-Istat ... 19

Teħtieġ parir? ... 21

Il-Ħames Fergħa: Programmi Kulturali

1. Introduzzjoni ... 3

2. Id-definizzjonijiet ... 3

3. L-eliġibbiltà ... 7

4. L-evalwazzjoni ... 12

5. It-tressiq tal-applikazzjoni ... 14

6. Il-proċess tal-evalwazzjoin ... 16

7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett ... 17

8. Il-proċedura tal-ilmenti ... 18

9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ... 19

Teħtieġ parir? ... 20

# Skema ta’ Appoġġ għall-Iscreen:

# —

# L-Ewwel Fergħa:
# Kitba tal-Iskripts

**Linji Gwida u Regolamenti 2026**

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠIN: MARZU 2026

**L-ALLOKAZZJONIJIET**

| IL-BAĠIT GĦAS-SESSJONI | L-AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| €100,000 | €25,000 |

| IL-KOFINANZJAMENT | L-IŻBORŻ |
|---|---|
| L-Iskema tista' tkopri sa 100% tal-ispejjeż totali tal-proġett | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

**L-ISKEDA TA' ŻMIEN**

| L-ISKADENZA | IR-RIŻULTATI | L-ISKEDA TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 14 ta' April 2026 | 25 ta' Ġunju 2026 | mis-26 ta' Ġunju 2026<br>sas-26 ta' Ġunju 2028 |

# 1. Introduzzjoni

L-għan tal-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen: Qabel il-Produzzjoni – L-Ewwel Fergħa: Kitba tal-Iskripts** huwa li tappoġġja l-istadju tal-kitba tal-iskript ta’ produzzjonijiet awdjoviżivi kulturali u kreattivi f’Malta. Din il-fergħa tappoġġja finanzjarjament il-kitba tal-iskript u r-riċerka (jew deskrizzjoni/trattament tal-iffilmjar, fil-każ ta’ dokumentarji) marbuta magħha bl-involviment ta’ kittieb(a) tal-iskript b’esperjenza (jew direttur/kittieb, fil-każ ta’ dokumentarji kreattivi). Kittieba tal-iskripts ġodda jistgħu jiġu kkunsidrati bil-kundizzjoni li dawn ikunu akkumpanjati minn konsulent tal-iskript, li hu kkonfermat b’ittra ta’ intenzjoni.

L-applikanti huma mitluba jikkunsidraw id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta’ Riżorsi meta jizviluppaw il-proposta tagħhom b’rabta ma’ kif jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet u l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta’ imkulħadd fix-xogħol tagħhom. Il-pakkett ta’ riżorsi għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u jappoġġja l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta’ kuljum.

L-applikanti huma meħtieġa wkoll jikkunsidraw il-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u ta’ programmazzjoni tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u deċenti għall-artisti u l-prattikanti kreattivi li jħaddnu l-libertà artistika, l-aċċessibbiltà, ir-rikonoxximent ta’ ħiliet formali/informali/non-formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi deċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, konsiderazzjonijiet etiċi u aderenza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex tipprovdi qafas dinamiku ta’ referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f’Malta f’konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. Id-definizzjonijiet

Applikant:

- Applikant jista’ jkun Professjonist Individwali fis-Settur Awdjoviżiv bħalma hu definit jew Entità Awdjoviżiva Indipendenti. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni tal-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen: L-Ewwel Fergħa: Kitba tal-Iskripts**.

  Il-kodiċi NACE tal-applikant trid tkun waħda minn dawn li ġejjin:

  - J59.11 Attivitajiet ta’ produzzjoni ta’ films taċ-ċinema, video u programmi tat-televiżjoni
  - J59.12 Attivitajiet ta’ postproduzzjoni ta’ films taċ-ċinema, video u programmi tat-televiżjoni
  - J59.13 Attivitajiet ta’ tqassim ta’ films taċ-ċinema u vidjo
  - S90.13 Attivitajiet oħra ta’ ħolqien artistiku

## Applikazzjoni:

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formula tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.

## Benefiċjarju:

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-Iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista' jinħareġ biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT hija maħruġa f'ismu u li tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tiegħu.

## Bidu tax-xogħolijiet:

- Tfisser wieħed minn dawn, skont liem jiġi l-ewwel: il-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà tal-ispejjeż jew l-iffirmar ta' ftehim bi rbit legali għall-akkwist ta' prodott jew servizz relatat mal-proġett, li jagħmel dan l-investiment irriversibbli. Xogħolijiet preparatorji mhumiex meqjusa bħala l-bidu tax-xogħolijiet.

## Dokumentarju:

- Produzzjoni li bħala punt tat-tluq tagħha għandha suġġett reali imma li tirrikjedi kitba oriġinali sostanzjali u li tistabbilixxi l-punt di vista tal-awtur u/jew tad-direttur minn perspettiva storika u/jew kontemporanja. Dokumentarju għandu jkollu ċertu elementi li jgħoddu għal kull żmien u għandu jkollu wkoll filming oriġinali sinifikanti (sakemm mhux dokumentarju bbażat fuq filmati arkivjali jew animazzjonijiet) u mhux wieħed li sempliċiment jgħaddi informazzjoni. Għall-għanijiet ta' dawn il-linji gwida, dokumentarju b'tul ta' 52 minuta jew aktar għandu jitqies bħala film twil.

## Dokumentazzjoni obbligatorja:

- Kwalunkwe dokument meħtieġ li jappoġġja l-proposta tiegħek u jgħin l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek.

## Eliġibbiltà:

- L-applikazzjonijiet se jiġu qabelxejn skrinjati f'termini ta' eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-managers tal-fond. Il-proposti li ma jiġux ikkunsidrati eliġibbli f'termini tal-kriterja mwaqqfa ma jiġux ipproċessati aktar jew evalwati.

## Entità Awdjoviżiva Indipendenti:

- Entità Awdjoviżiva Indipendenti hija persuna ġuridika debitament irreġistrata f'Malta, bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata, sħubija en Commandite jew li tistabbilixxi fergħa jew post tan-negozju f 'Malta taħt Taqsima XI Kapitolu 1 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta) u li l-attività prinċipali tagħha tikkonsisti fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi. Hija meqjusa indipendenti jekk l-oriġini tagħha huma indipendenti mill-Istat, jew entitajiet pubbliċi u/jew parastatali, organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliċi jew privati, pjattaformi ta' streaming jew kumpaniji tat-telekomunikazzjoni. L-istokks jew l-ishma tal-entità ma jistgħux jappartjenu lill-Istat, entitajiet pubbliċi u/jew parastatali, organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliċi jew privati, pjattaformi ta' streaming jew kumpaniji tat-telekomunikazzjoni.

Evalwaturi:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar tim ta’ evalwaturi għal kull sejħa taħt l-Iskema. Il-Kunsill Malti għall-Arti jista’ jaħtar kemm professjonisti lokali kif ukoll barranin fis-settur tal-kultura u l-arti. Il-Kunsill tal-Arti se jiżgura li l-bord ikun bilanċjat u jinkludi kemm professjonisti lokali u/jew barranin b’esperjenza ta’ minimu ta’ ħames snin f’din il-fergħa.

Evalwazzjoni:

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f’dawn il-linji gwida.

Films twal:

- Dawn jistgħu jkunu xogħol fittizju, dokumentarju jew animazzjoni, b’tul minimu ta’ 70 minuta fil-każ ta’ xogħol fittizju u 52 minuta fil-każ ta’ dokumentarju.

Finanzjament massimu:

- L-allokazzjoni massima għal kull proġett hija ta’ €25,000. Kull każ jiġi deċiż għalih, skont il-proġett.

Ġestjoni u amministrazzjoni:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-ġestjoni ta’ din l-Iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluża s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, għandha tintbagħat lill-indirizz indikat f’dawn il-linji gwida.

Impriża:

- Impriża hija definita bħala entità involuta f’attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE (jiġifieri kwalunkwe attività li tikkonsisti fil-forniment ta’ oġġetti u servizzi f’suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li tiġi ffinanzjata bih. Il-klassifikazzjoni ta’ entità partikulari bħala impriża tiddependi għalkollox min-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma tiddependix minn jekk l-entità tkunx ġiet stabbilita biex tiġġenera l-profitti. L-entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ jistgħu wkoll ifornu oġġetti u servizzi fis-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, l-entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ jibqgħu ’l barra mill-ambitu tal-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta’ entità bħala impriża tibqa’ dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward tal-ewwel.

Impriża f’diffikultà:

- Impriża f’diffikultà tfisser impriża rigward liema sseħħ għall-inqas waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi:
    - Fil-każ ta’ kumpanija b’responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs tal-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta’ telf akkumulat. Dan ikun il-każ meta t-tnaqqis ta’ telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi l-oħra kollha ġeneralment meqjusa bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv negattiv li jaqbeż nofs il-kapital tal-ishma sottoskritt. Għall-finijiet ta’ din id-dispożizzjoni, “kumpanija b’responsabbiltà limitata” tirreferi b’mod partikulari għat-tipi ta’ kumpaniji msemmijin fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-

Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew u l-“kapital azzjonarju” jinkludi, fejn relevanti, kwalunkwe primjum azzjonarju.

- Fil-każ ta’ kumpanija fejn mill-inqas uħud mill-membri huma responsabbli mingħajr limitu għad-dejn tal-kumpanija (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa bħala riżultat ta’ telf akkumulat. Għall-finijiet ta’ din id-dispożizzjoni, “kumpanija fejn mill-inqas uħud mill-membri huma responsabbli mingħajr limitu għad-dejn tal-kumpanija” tirreferi b’mod partikulari għat-tipi ta’ kumpaniji msemmijin fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE.
- Meta l-impriża tkun soġġetta għal proċeduri kollettivi ta’ insolvenza jew tkun tissodisfa l-kriterji biex, skont il-liġi domestika tagħha, jinbdew kontriha proċeduri kollettivi ta’ insolvenza fuq talba tal-kredituri tagħha.
- Fejn l-impriża tkun irċeviet għajnuna għas-salvataġġ u għadha ma tkunx ħallset lura s-self jew temmet il-garanzija, jew tkun irċeviet għajnuna għar-ristrutturar u tkun għadha soġġetta għal pjan ta’ ristrutturar.
- Fil-każ ta’ impriża li mhix SME, fejn, għal dawn l-aħħar sentejn:
  - il-proporzjon tad-dejn kontabilistiku mal-ekwità tal-kumpanija kien ogħla minn 7.5; u
  - il-proporzjon tal-kopertura tal-imgħax EBITDA tal-impriża kien inqas minn 1.0.

## Intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju

- It-terminju jirreferi għal impriża li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta’ Ġunju 2014 li tiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat.

## Katina tat-titlu:

- Kull ftehim/dokumentazzjoni li huma evidenza tas-sekwenza tat-trasferimenti tat-titlu għal xogħol.

## Mood board:

- Għodda viżwali intenzjonata biex tikkomunika l-kunċetti tal-film ta’ proġett partikulari. Hija arranġament maħsub tajjeb u ppjanat ta’ immaġni, materjali, biċċiet tat-test, eċċ. li hija maħsuba biex tevoka jew tipproġetta stil jew tonalità partikulari.

## Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi:

- Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti u huma Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika ta’ Malta, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta International Contemporary Arts Space, Festivals Malta u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva.

## Perjodu ta’ eliġibbiltà tal-ispejjeż:

- Il-perjodu ta’ eliġibbiltà tal-ispejjeż stabbilit f’paġna 2 ta’ dan id-dokument u huwa indikat fil-ftehim.

## Produttur:

- Il-persuna responsabbli li ssib u tniedi l-proġett awdjoviżiv. Dan jinkludi responsabbiltà għal aspetti kreattivi, finanzjarji u ta’ ġestjoni fil-ħolqien ta’ film jew produzzjoni televiżiva. Produttur jissorvelja l-elementi kollha ta’ qabel, waqt u wara l-produzzjoni, sakemm din tinħareġ.

Produzzjoni/proġett awdjoviżiv:

- Produzzjoni/proġett awdjoviżiv jistgħu jkunu xogħol fittizju, dokumentarju jew animazzjoni.

Professjonist Individwali fis-Settur Awdjoviżiv:

- Persuni naturali li qed japplikaw għal dan il-fond iridu jkunu ċittadini Maltin jew għandhom permess ta’ reżidenza permanenti Maltija, jew ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija jew passaport Malti. Persuni naturali jridu jkunu professjonisti fis-settur awdjoviżiv attivi fl-attivitajiet NACE eliġibbli.

Proposti mressqa mill-ġdid:

- Proġett jew proposta li tressqu f’sejħa preċedenti jistgħu jitressqu mill-ġdid biss jekk sar tibdil konsiderevoli fihom jew jekk elementi ġodda ġew żviluppati mill-aħħar sottomissjoni. Fil-każ ta’ tressiq mill-ġdid, l-applikant għandu jippreżenta rapport jew stqarrija li juru b’mod ċar il-bidliet li saru.

Trattament:

- Sommarju ddettaljat li normalment jippreżenta l-istruttura tal-istorja sħiħa u jwassal id-dinja, il-karattri, ix-xeni importanti u l-punti tal-istorja; li jservi ta’ pjan direzzjonali għall-qarrej, il-produttur u l-kittieb.

# 3. L-eliġibbiltà

Qabelxejn, il-proġetti jiġu skrinjati f’termini ta’ eliġibbiltà. Proposti ineliġibbli f’termini tal-punti msemmija hawn taħt ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

L-iskeda ta’ żmien massima biex twettaq il-proġett: 24 xahar.

## 3.1 Min jista’ japplika?

L-għotja hija miftuħa għal impriżi (li għalihom tingħata għajnuna skont ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFEU) [jekk jogħġbok irreferi għal Taqsima 9 ta’ dawn il-linji gwida għal aktar informazzjoni].

L-applikanti jeħtieġ jikkwalifikaw bħala:

- Entità Awdjoviżiva Independenti kif iddefinita f’dawn il-linji gwida.
- Professjonist Individwali fis-Settur Awdjoviżiv kif definiti f’dawn il-linji gwida.

Barra minn hekk, l-applikanti jeħtieġ jissodisfaw dawn il-kriterji kollha:

- Huma intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju.
- Fejn applikabbli, l-applikanti jridu jkunu l-oriġinaturi tal-proġett, l-iskript jew it-trattament, jew għandhom il-maġġoranza tad-drittijiet (sakemm l-applikant ma jkunx koproduttur b’minoranza) fir-rigward tal-proġett li għalih qed jintalab appoġġ.

- Fil-każ ta' kittieba tal-iskripts mingħajr esperjenza, iridu jkunu akkumpanjati minn konsulent/editur tal-iskripts ta' esperjenza (ikkonfermat b'ittra ta' intenzjoni).
- Jeħtieġ li għall-inqas direttorat wieħed jew il-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jkunu miżmuma minn ċittadini Maltin jew persuni li għandhom status ta' residenza permanenti f'Malta.
- Jeħtieġ li l-applikanti jkollhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-VAT.
- Jeħtieġ li l-applikanti jkunu fil-pussess ta' katina sħiħa tat-titlu. Id-dokumenti tal-katina tat-titlu se jkunu meħtieġa meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Jekk il-katina tat-titlu ma tkunx kompluta, il-KMA jkollu d-dritt li jirtira kwalunkwe appoġġ mogħti.
- Jeħtieġ li waqt it-tressiq tal-applikazzjoni, l-applikanti jkunu reġistrati mal-korp regolatorju applikabbli.
- Ressaq applikazzjoni kompleta għal assistenza permezz ta' din l-Iskema, qabel il-bidu tax-xogħolijiet.

Fil-każ ta' aktar minn produttur wieħed, jeħtieġ li l-applikazzjoni timtela minn entità waħda. Il-produtturi li huma parti mill-koproduzzjoni jridu jilħqu ftehim fuq dan il-punt u jinkludu dikjarazzjoni konġunta li trid tiġi inkluża fl-applikazzjoni.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti jiġu esklużi milli japplikaw għall-appoġġ jekk huma, jew, fejn applikabbli, l-azzjonisti jew il-persuni li għandhom setgħat ta' rappreżentanza jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet:
    i. instabu ħatja permezz ta' sentenza finali ta' wieħed minn dawn ir-reati li ġejjin: parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, korruzzjoni, frodi, ħasil ta' flus, tħaddim ta' tfal, traffikar tal-bnedmin;
    ii. jinsabu f'sitwazzjoni ta' falliment, likwidazzjoni, terminazzjoni tal-attivitajiet, insolvenza jew arranġament mal-kredituri jew kwalunkwe sitwazzjoni simili li tirriżulta minn proċedura tal-istess tip, jew soġġetti għal proċedura tal-istess tip; jew
    iii. instabu ħatja b'sentenza finali ta' mġiba professjonali ħażina serja jew kwalunkwe reat ieħor relatat mal-integrità professjonali.
- Applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat minħabba li ma jkunx komplut sforz in-nuqqas tad-dokumenti obbligatorji mniżżlin hawn isfel:
    - kopja tal-karta tal-identità Maltija (quddiem u wara); jew permess ta' residenza f'Malta; jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx bħala applikant skont id-definizzjoni ta' din il-fergħa speċifika.
- Benefiċjarji li ma onorawx impenji ta' finanzjament preċedenti.
- Benefiċjarji li ma ressqux jew li ma kkonkludewx saż-żmien stipulat minn tal-inqas rapport finali wieħed b'rabta ma' għotja passata u ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti.
- Entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali mitluba mill-Malta Business Registry.
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi lokali permezz ta' voti stabbiliti fil-baġit tal-Gvern.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?[1]

L-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen – L-Ewwel Fergħa: Kitba tal-Iskripts** tista’ tkopri sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli indikati hawn taħt (sa massimu ta’ €25,000, liema minnhom tkun l-inqas).

L-ispejjeż diretti eliġibbli huma identifikati bħala spejjeż speċifiċi marbutin direttament mal-istadju ta’ qabel il-produzzjoni, fosthom:

- Abbonamenti għal pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħra fejn hu relevanti (bħal software għal kitba tal-iskript, eċċ.;
- Akkomodazzjoni ekonomika;
- Akkwist tad-drittijiet meħtieġa (inkluż il-materjali tal-arkivji);
- Animazzjoni, disinn u illustrazzjoni, fil-każ ta’ proġett ta’ animazzjoni;
- Konsulent tal-iskript;
- Kontinġenza, sa massimu ta’ 10% tal-ispejjeż totali;
- Spejjeż ta' ħidma/iet (above the line and below the line): Persunal u talent li jaħdmu taħt kuntratt ta’ impjieg mal-applikant u assenjati għall-proġett, li jinkludi salarji attwali flimkien ma’ kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u spejjeż statutorji oħrajn inklużi fir-remunerazzjoni tagħhom, sakemm dawn l-ispejjeż ikunu konformi mal-politika normali tal-applikant dwar ir-remunerazzjoni jew, fejn applikabbli, dawk tas-sħab tiegħu;
- Spejjeż ta’ produzzjoni għal teaser/trailer/sekwenza ta’ materjal ta’ riċerka (massimu ta’ 7 minuti) biex juru l-approċċ viżiv, l-istil u t-ton, f’każ ta’ dokumentarju;
- Spejjeż ta’ produzzjoni għal trailer/animazzjoni tal-kunċett (massimu ta’ 30 sekonda) u spejjeż għat-tħejjija ta’ pakkett ta’ animazzjoni, f’każ ta’ proġett ta’ animazzjoni;
- Tariffi għad-diretturi, riċerkaturi u produtturi, fejn applikabbli;
- Tariffi għal konsultazzjoni, riċerka u pariri minn professjonisti li jirrigwardjaw ngħidu aħna, il-legalità, il-marketing, l-impatt, l-editjar u konsulenza professjonali relatata oħra;
- Tariffi oħrajn marbutin direttament mat-twettiq tal-proġett (fosthom, imma mhux b’mod esklużiv, mentors, fornituri ta’ servizzi, tariffi għal parteċipazzjoni, tariffi lingwistiċi, eċċ.);
- Tariffi tal-kittieba;
- Traduzzjoni mill-Malti għal kwalunkwe lingwa oħra Ewropea;
- VAT li ma tistax tinġabar lura, fejn applikabbli;
- Viża tal-ivvjaġġar;
- Vjaġġar (fil-klassi ekonomika), inklużi fost oħrajn it-trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru, il-kiri ta’ karozzi/vetturi);
- Workshop għall-iskript.

[1] L-ispejjeż kollha jiġu kkunsidrati biss jekk dawn ir-riżorsi mhumiex diġà koperti/ma jistgħux jiġu koperti mill-applikanti jew mill-organizzazzjonijiet li qed jappoġġjaw/huma sħab fil-proġett.

Fil-każ ta' servizzi interni, dikjarazzjoni ffirmata mid-direttur tal-entità ġuridika flimkien ma' evidenza ta' pussess ta' tagħmir (jekk applikabbli) hija biżżejjed.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati se jiġu kkunsidrati qabel kwalunkwe tnaqqis tat-taxxa jew tariffa oħra. L-ispejjeż eliġibbli se jkunu sostnuti minn evidenza dokumentata li se tkun ċara, speċifika u kontemporanja. Il-limiti tal-intensità tal-għajnuna għall-iskemi ta' appoġġ li jaqgħu taħt l-istadju ta' qabel il-produzzjoni jistgħu jitilgħu sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli. Madankollu, jekk l-iskript li joħroġ jew il-proġett jinqalbu għal xogħol awdjoviżiv, l-ispejjeż ta' qabel il-produzzjoni għandhom jiġu inkorporati fil-baġit ġenerali u għandhom jitqiesu fil-kalkulazzjoni tal-intensità tal-għajnuna.

Għal aktar informazzjoni kif tippreżenta l-baġit tiegħek, irreferi għal-Linji Gwida Ġenerali dwar il-Baġit, li jinsabu hawn.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Dejn dubjuż;
- Dejn u spejjeż tas-servizz tad-dejn;
- Dħul minn kapital;
- Imgħax dovut;
- Kopertura għal telf jew dejn;
- Spejjeż diġà koperti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, jew minn programmi ta' finanzjament pubbliku oħrajn ġestiti jew koġestiti mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika, Dipartiment tal-Gvern jew Ministeru ieħor;
- Spejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju u koperti minn għotja oħra tal-Gvern ta' Malta jew tal-Unjoni Ewropea: l-appoġġ finanzjarju mogħti taħt din l-Iskema jista' jingħata flimkien ma' appoġġ finanzjarju mogħti minn awtoritajiet oħra tal-għoti (taħt skemi multipli ta' appoġġ), sakemm dan ma jkunx eskluż b'mod espliċitu mil-linji gwida jew mir-regolamenti tal-awtoritajiet l-oħra tal-għoti u sakemm tali appoġġ kumulattiv ma jaqbiżx l-ispejjeż reali mġarrba u l-limiti tal-għajnuna għall-intensità, kif applikabbli;
- Spejjeż imġarrba minn koprodutturi li mhux se jkun kobenefiċjarju tal-ftehim f'każ ta' għażla;
- Spejjeż imġarrba qabel il-bidu tax-xogħlijiet;
- Spejjeż imġarrba qabel it-tressiq tal-applikazzjoni;
- Spejjeż imġarrba wara t-tlestija tal-proġett jew l-iskadenza ta' żmien eliġibbli;
- Spejjeż li mhumiex marbuta direttament mal-proġett;
- Spejjeż meqjusa eċċessivi jew imprudenti;
- Spejjeż retroattivi;
- Spejjeż ta' fjuwil;
- Spejjeż tal-produzzjoni (esklużi t-teaser/trailer/sekwenza/animazzjoni ta' materjal ta' riċerka għal dokumentarji u proġetti ta' animazzjoni);
- Sussistenza, catering u ospitalità;
- Tariffi għal servizzi pprovduti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jew aġenziji pubbliċi oħra, Dipartiment tal-Gvern jew Ministeru;
- Tariffi indiretti tal-koprodutturi u kontinġenzi;

- Tariffi li jirriżultaw minn kirjiet, ftehim għal xiri bin-nifs, deprezzament, tariffi tas-self, imgħax fuq id-dejn, tariffi għal tranżazzjonijiet finanzjarji, kummissjonijiet u telf tal-kambju, multi, penali finanzjarji u spejjeż ta’ litigazzjoni, dejn irrikuperabbli u spejjeż purament finanzjarji oħrajn;
- Telf fil-kambju;
- VAT rikuperabbli, fejn applikabbli;
- Xiri ta’ art jew proprjetà immobbli;
- Xiri ta’ tagħmir ta’ kwalunkwe tip.

L-ispejjeż kollha eliġibbli għal finanzjament taħt din l-Iskema jridu jkunu neċessarji u raġonevoli għat-tlestija tal-proġett u konsistenti mal-prinċipji ta’ ġestjoni finanzjarja soda u l-prattiki kontabilistiċi.

## 3.5 Liema applikazzjonijiet huma eliġibbli għal appoġġ?

Il-proġetti jridu jissodisfaw għall-inqas TNEJN minn dawn il-kriterji:

- Il-produttur jew koprodutturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta;
- Il-kittieb jew kittieba huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta;
- Id-direttur jew diretturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta.

Kitba tal-Iskripts għal proġetti ta’ fizzjoni, animazzjoni u dokumentarji li huma eliġibbli:

- Film twil intenzjonat għal teatri, festivals, televiżjoni, VOD;
- Serje televiżiv (Episodju Pilota; Episodji Sussegwenti individwali jew bħala staġun sħiħ; Mini-Series sħiħa – din tapplika għal series ġodda kif ukoll għal staġuni ġodda ta’ series eżistenti).

Barra minn hekk, l-appoġġ jista’ jingħata biss lil Proġetti Awdjoviżivi li huma prodotti kulturali. Il-proġetti jiġu kkunsidrati prodotti kulturali jekk:

- jikkontribwixxu lill-kultura Maltija u/jew Ewropea; jew
- jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-industrija tal-film u t-televiżjoni f’Malta u/jew l-Ewropa; jew
- jiġu kkunsidrati kulturali fid-dawl tal-kontenut tagħhom.

L-evalwaturi għandhom jivverifikaw dawn il-kriterji skont il-parametri ta’ eliġibbiltà kif stabbiliti mill-KMA għal kull wieħed mill-kriterji kulturali ta’ hawn fuq. Il-proġetti ddikjarati mhux kulturali ma għandhom jingħataw l-ebda għajnuna. Agħfas hawn biex tniżżel l-Eżami Kulturali - l-applikanti huma mitluba li jimlewh u jtellgħuh fil-parti indikata meta jissottomettu l-applikazzjoni fuq is-CRM tal-KMA.

## 3.6 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

- Applikazzjonijiet imressqa minn entitajiet pubbliċi b’vot fuq linja baġitarja jew mingħajru;
- Applikazzjonijiet imressqa wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data ta’ skadenza;
- Applikazzjonijiet li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni ta’ produzzjoni/proġett awdjoviżiv kulturali għal din l-Iskema speċifika;

- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għat-Taqsima 5.1 – Lista ta' Kontroll);
- Attivitajiet bil-għan li jinġabru fondi jew jagħmlu propoganda politika;
- Attivitajiet mhux marbuta mal-kultura, l-arti u l-industriji kreattivi;
- Films ta' reklamar, korporattivi, taħriġ u/jew films promozzjonali jew infomercials;
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta jew l-Iskema ta' Boroż ta' Studju tal-Arti f'Malta;
- Proġetti li jinkludu u/jew jippromwovu propoganda politika;
- Proġetti li jintemmu qabel in-notifikazzjoni tar-riżultat lill-applikant(i);
- Proġetti li jippromwovu vjolenza, razziżmu u kontenut pornografiku li jiksru l-Kostituzzjoni Maltija;
- Proġetti li l-ispejjeż jaqgħu kompletament barra mill-perjodu ta' żmien eliġibbli;
- Proposti mressqa mill-ġdid mingħajr ma jkunu sarulhom bidliet konsiderevoli jew elementi ġodda meta mqabblin mas-sottomissjoni preċedenti jew li ma jinkludux rapport/stqarrija li jistqarru biċ-ċar il-bidliet li saru;
- Reality shows, programmi stil magazine u dwar l-istil ta' ħajja, programmi kulturali, programmi ta' diskussjoni, kwizzijiet u game shows, reklami, divertiment, films qosra.

Kwalunkwe attività oħra li tiġi żviluppata barra l-ambitu tal-**Iskema ta' Appoġġ għall-Iscreen – L-Ewwel Fergħa: Kitba tal-Iskripts** mhix eliġibbli għal appoġġ.

L-applikanti jistgħu jressqu aktar minn applikazzjoni waħda taħt l-istess sejħa, imma f'kull fergħa applikazzjoni waħda biss tista' tiġi ffinanzjata.

# 4. L-evalwazzjoni

Il-Bord Evalwattiv se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kriterji li ġejjin:

## 4.1 L-Ewwel Kriterju: Il-Kunċett (45 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità, il-qawwa u l-oriġinalità tal-kunċett u l-iskript/it-trattament kif ukoll il-potenzjal li jintlaħqu udjenzi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Kemm il-kunċett u l-iskript/it-trattament juru oriġinalità (fit-tema, il-perspettiva u l-approċċ viżiv) (L-applikanti għandhom iqisu wkoll kif il-proposta tallinja mal-prinċipji fi ħdan id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi u l-Karta għall-Istatus tal-Artist bħal fit-Taqsima 1); (15-il marka)
- Il-viżjoni u l-istil; (15-il marka)
- Proposta b'saħħitha li għandha potenzjal li tilħaq udjenzi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. (10 marki)

- Il-pjanijiet lil hinn mill-implimentazzjoni ta' din il-proposta. (5 marki)

## 4.2 It-Tieni Kriterju: Il-Ġestjoni tal-Proġett (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-livell ta' impenn u tħejjija qabel it-tressiq tal-proposta kif ukoll il-pjan propost biex iwassal u jikseb l-objettivi fil-mira. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Il-kapaċità tal-produzzjoni u r-rieda biex jiġi prodott ix-xogħol propost b'suċċess; (15-il marka)
- Ir-reputazzjoni finanzjarja u legali tat-tim kreattiv. (5 marki)

## 4.3 It-Tielet Kriterju: L-Involviment tal-Udjenza u l-Potenzjal ta' Ċirkolazzjoni (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp ta' udjenzi stabbiliti u ġodda. L-involviment jirreferi għall-irwol, in-natura tal-involviment u l-esperjenza offruta lill-udjenza.
Il-potenzjal ta' ċirkolazzjoni jirreferi għall-potenzjal ta' parteċipazzjoni f'festivals (u rikonoxximent) u distribuzzjoni internazzjonali, kif ukoll il-potenzjal biex jiġi stimulat interess minn koprodutturi, festivals, swieq, aġenti tal-bejgħ, distributuri u/jew xandara/pjattaformi. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Iddefinixxi l-udjenzi fil-mira u spjega kif se jintlaħqu dawn l-udjenzi. Ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-marketing, PR u pjan ta' komunikazzjoini kif meqjus relevanti għall-programm/i ta' attivitajiet proposti. Spjega r-raġunijiet wara l-metodi magħżula. (20 marka)
- Jekk disponibbli ipprovdi:
    - Ittra/i ta' intenzjoni minn distributuri u membri oħra fl-industrija relatati mal-iskreening, il-festival u l-potenzjal tas-suq.
    - Ittra/i ta' intenzjoni jew kuntratti iffirmati għal każvilupp jew koproduzzjoni.

## 4.4 Ir-Raba' Kriterju: Il-Baġit u l-Pjan Finanzjarju (15-il marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità u l-vijabbiltà (skont l-istandards tal-industrija) tal-baġit u l-pjan finanzjarju (fejn applikabbli). Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Ipprovdi tqassim ċar tal-baġit li jinkludi l-ispejjeż relatati direttament max-xogħol propost. (15-il marka)

# 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Biex tapplika segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Iċċekkja jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn din l-Iskema.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq 'Irreġistra Issa' u imla d-dettalji.

5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-Iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta’ sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġ jirreġistraw profil fuq is-sistema CRM tal-KMA tal-inqas ġimagħtejn qabel id-data ta’ skadenza tas-sejħa.

Jekk ikollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista’ ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formula ta’ applikazzjoni kompluta kif spjegat f’dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formoli tal-applikazzjoni tiegħek mhux ser jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti qabel id-data ta’ skadenza tal-applikazzjoni. Il-Kunsill għandu d-diskrezzjoni esklużiva li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data ta’ skadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, inklużi d-dokumenti li jappoġġjaw il-proposta.

L-applikazzjonijiet li jaslu wara 12:00 (nofsinhar) tad-data ta’ skadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-lista ta’ Kontroll

Biex l-applikazzjoni tkun sħiħa, trid tkun akkumpanjata minn:

- Katina sħiħa tat-titlu;
- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT Malti;
- Ċertifikat ta’ reputazzjoni tajba tar-reġistrazzjoni l-aktar riċenti – Dan id-dokument jiġġedded kull sena mill-Malta Business Registry u huwa prova ta’ konformità;
- Bijonoti tal-kontributuri ewlenin tal-proġett;
- Dikjarazzjoni li l-applikant ma jaqax taħt id-definizzjoni ta’ impriża f’diffikultà, hekk kif definit f’dawn il-linji gwida;
- Kopja tal-karta tal-identità Maltija, permess ta’ residenza Maltija, ċertifikat taċ-ċittadinanza Maltija jew passaport Malti tal-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jew id-direttur;

- Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għas-sottomissjoni tal-proposta;
- Pakkett ta’ proġett kreattiv:
    i. Logline
    ii. Sinopsi
    iii. Trattament (massimu ta’ 10 paġni)
    iv. Stqarrija ta’ intenzjoni tal-kittieba (massimu ta’ paġna)
    v. Deskrizzjoni fil-qosor tal-udjenza fil-mira u l-istrateġija maħsuba fl-aħħar tal-proċess (pitching, eċċ.) (massimu ta’ paġna)
    vi. Sekwenza ta’ materjal riċerkattiv / filmati (massimu ta’ 5 minuti) / teaser / trailer u/jew materjal li jikkonċerna l-karattri ewlenin (jekk applikabbli) jew għall-inqas ritratti li juru l-approċċ viżiv, l-istil u t-ton intenzjonati f’każ ta’ proġetti ta’ dokumentarju
- Baġit (sommarju fuq quddiem u ieħor dettaljat, importanti li turi l-ammont nett u l-ammont tal-VAT);
- Pjan finanzjarju (jekk il-baġit jeċċedi l-finanzjament massimu ta’ €25,000);
- Applikazzjonijiet bi ftehim ta’ kożvilupp/koproduzzjoni diġà ffirmati jiġu kkunsidrati biss jekk l-applikant jista’ jipprovdi l-ftehim ta’ kożvilupp/koproduzzjoni jew memo ta’ ftehim debitament iffirmati. Il-ftehim jew il-memo ta’ ftehim għandhom jinkludu klawżoli standard tal-industrija, fost l-oħrajn klawżoli li jirregolaw it-taqsim ta’ drittijiet u l-input kreattiv ta’ kull produttur.

Dokumentazzjoni supplimentari (jekk disponibbli):

- Kopja ta’ dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tad-Dħul li juri li l-applikant huwa kontribwenti f’Malta
- Ittra/i ta’ intenzjoni, memo ta’ ftehim jew ftehimiet minn sħab finanzjarji u xerrejja
- Ftehim(iet) ta’ kożvilupp u/jew koproduzzjoni, memo ta’ ftehim jew ittra/i ta’ intenzjoni
- Xogħlijiet preċedenti
- Noti tad-direttur
- Stqarrija tal-produttur
- Deskrizzjonijiet qosra tal-karattri
- Mood board

N.B. Dokumenti li jeħtieġu numru minimu jew massimu ta’ paġni għandhom jinkitbu bil-Font – Times New Roman u bil-Font-Size – 12.

Fajls ta’ 5MB jew inqas jistgħu jinthemżu direttament fil-formola tal-applikazzjoni, fajls akbar jistgħu jiġu pprovduti permezz ta’ ħolqa li ma tiskadix jew li teħtieġ verifikazzjoni tal-identità.

# 6. Il-proċess tal-evalwazzjoni

Din l-Iskema hija kompetittiva u tiġi evalwata minn bord ta’ esperti settorjali skont kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju għandu allokat għadd ta' marki speċifiċi. Sabiex proġetti jiġu kkunsidrat għal finanzjament, jeħtieġ jiksbu minimu ta' 60 marka.

Madankollu, is-sessjoni ta' evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti mressqa u mid-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk jekk proġett jikseb 60 marka jew aktar, ma jfissirx li se jingħata l-fondi awtomatikament. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi totali disponibbli għal sejħa partikulari kemm-il darba l-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont il-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom. Il-Kunsill jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija.

## 6.1 Komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2, għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament, nehmżu wkoll kopja tal-formula tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, dejjem skont il-kriterji tal-fond.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet tal-proġetti li jingħataw il-fondi. Fil-każ ta' proġetti li ma jingħatawx il-fondi, jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek, tista' tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-Eżekuttiv Anzjan tal-Fond, il-Manager tal-Fond u l-evalwaturi tal-fond titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett

Il-Kunsill jaċċetta varjazzjoni mill-baġit propost. Il-kontinġenza indikata fil-pjan baġitarju tappoġġja kwalunkwe varjazzjoni mill-baġit propost. Taħt ebda ċirkustanza, il-Kunsill mhu se jkun f'pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija.

Jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond. L-għotja tista' tingħata biss wara tlestija tal-proċess imsemmi qabel fiż-żmien stabbilit.

70% tal-ammont totali allokat mill-Bord Evalwattiv jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. Il-pagament finali ta’ 30% jingħata wara sottomissjoni tar-rapport finali mill-benefiċjarju u l-approvazzjoni mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo uffiċjali tal-Kunsill fuq il-materjal relatat kollu u jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġjat bl-għotja kif ġej: **Dan il-proġett huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti**. Dan għandu jiġi applikat fil-materjal kollu maħsub għall-marketing, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-istampa. L-għotja mogħtija għandha tintuża esklużivament għall-għan li ngħatat għalih, f’konformità mal-proposta mressqa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill minnufih jekk waqt it-twettiq tal-proġett jiżvolġu bidliet li jaffettwaw lin-natura tiegħu. Ma jistgħux jiġu implimentati bidliet mingħajr ma tkun ingħatat ebda approvazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-benefiċjarju li jiġġustifika l-bidliet, u dawn il-bidliet ma għandhomx jinżammu jekk dawn huma normalment aċċettati fl-industrija internazzjonali tal-films.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett ma tkunx ikkunsidrata allinjata mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jiġix infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjonijiet ma’ rappreżentanti tal-Kunsill għal finijiet ta’ monitoraġġ, kemm waqt it-twettiq tal-proġett kif ukoll wara t-tlestija.

Il-Kunsill jirriżerva wkoll id-dritt li jirrevedi l-pagament finali jekk l-infiq totali jkun inqas minn dak stmat fil-formula tal-applikazzjoni.

## 7.1 Rapport

Fl-għeluq tal-proġett, se tintalab tressaq rapport dettaljat li jenfasizza x-xogħol li sar u l-kisbiet tal-proġett, sa mhux aktar tard minn tliet xhur mill-konklużjoni tal-proġett tiegħek. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell għar-rapport tiegħek.

Se tintalab ukoll tippreżenta:

- tqassim dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq. It-tqassim tad-dħul u l-infiq għandu jitħejja f’konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli u allinjati ma’ dawn il-linji gwida u regolamenti, u għandu jiġi ċċertifikat minn *accountant* jew awditur bil-warrant.
- skript, fejn,
    - fil-każ ta’ dokumentarji kreattivi, it-trattament (u/jew possibbilment teaser/trailer/sekwenza tal-materjal riċerkattiv) ikun biżżejjed,
    - fil-każ ta’ serje televiżiva, jekk l-applikant japplika għal staġun sħiħ jew miniserje sħiħa, deskrizzjoni tal-episodji dettaljata tkun biżżejjed;
- sinopsi rivedut;
- stqarrija ta’ intenzjoni tal-kittieb riveduta;
- rapport miktub mill-konsulent tal-iskript (fil-każ ta’ *workshop* al-iskript ir-rapport jista’ jinkiteb mill-benefiċjarju u jkun akkumpanjat minn prova tal-attendenza);

- Series Bible (Dokument ta’ 10 – 15-il-paġna ddisinjat għall-proġett, inkluż logline, sinopsi, ħarsa ġenerali tal-proġett (baġit/format/ġeneru), informazzjoni dwar dinja/ton/*setting*, deskrizzjoni tal-karattru u tal-episodju, kwalunkwe informazzjoni pertinenti tat-tim) – dan huwa applikabbli biss fil-każ ta’ serje.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jitlob lill-Benefiċjarju biex jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew l-irċevuti fiskali biex issostni t-tqassim dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq

Il-Kunsill Malti għall-Arti jżomm id-dritt li jirkupra l-fondi f’każ li ma ġewx użati u/jew intużaw ħażin u/jew ma ntużawx skont il-baġit imressaq jew ir-regoli stabbiliti f’dawn il-linji gwida u r-regolamenti.

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta’ lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b’mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri u r-regolamenti stipulati f’dawn il-linji gwida. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern, u/jew,
- Il-merti tal-applikazzjoni f’termini tal-kriterji stipulati f’dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta’ lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista’ jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b’dokumentazzjoni jew bi provi relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f’dawn il-linji gwida u regolamenti jew f’regoli u regolamenti ta’ governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa’ finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Fondi, fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill ilaqqa’ bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f’aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord hija finali.

# 9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

Din l-Iskema hija applikabbli għal:

- Entitajiet Awdjoviżivi Indipendenti kif definiti f’dawn il-linji gwida.
- Professjonist Individwali fis-Settur Awdjoviżiv hekk kif definit f’dawn il-linji gwida.

Għall-fini ta’ regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, tali applikanti jitqiesu bħala impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE. It-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f’dawn il-linji gwida se jiġu implimentati f’konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta’ għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1084 tal-14 ta’ Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 f’dak li għandu x’jaqsam ma’ għajnuna għal infrastruttura tal-port u tal-ajruport, livelli limitu ta’ notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u għajnuna għall-infrastrutturi għall-isport u għar-rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta’ għajnuna operatorja reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 f’dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli, bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta’ Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1407/2013 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u l-aġġustamenti rilevanti, bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1237 tat-23 ta’ Lulju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1315 tat-23 ta’ Ġunju 2023, *li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat u r-Regolament (UE) 2022/2473 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna lil impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat*, u kif jista’ jiġi sussegwentament emendat [minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa].

Din l-Iskema mhix applikabbli għal dawn li ġejjin:

a. Attivitajiet fl-Artikolu 1(2), (3), (4) u (5) tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa [fejn applikabbli].
b. L-impriżi f’diffikultà huma fil-prinċpju esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din l-Iskema, sakemm l-impriża ma kinitx f’diffikultà fil-31 ta’ Diċembru 2019 iżda saret impriża f’diffikultà fil-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2020 sal-31 ta’ Diċembru 2021.

Barra minn hekk, ma tistax tingħata għajnuna jekk din hija:

a. Relatata ma’ attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u l-operazzjoni ta’ network ta’ distribuzzjoni jew ma’ nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;
b. Dipendenti fuq l-użu ta’ prodotti domestiċi bi preferenza fuq prodotti importati;

c. Favur benefiċjarju li huwa soġġett għal ordni ta’ rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li għajnuna mogħtija minn Malta hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis ta’ taxxa jew imposta oħra. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu appoġġjati minn evidenza dokumentata, li għandha tkun ċara, speċifika u kontemporanja.

Għajnuna pagabbli fil-futur, inkluża għajnuna pagabbli f’diversi pagamenti, għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. L-ispejjeż eliġibbli għandhom jiġu skontati għall-valur tagħhom fil-mument li tingħata l-għajnuna. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għal skopijiet ta’ skont għandha tkun ir-rata ta’ skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għajnuna.

Ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni tal-għajnuna għandhom ikunu skont l-Artikolu 8 tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

# Teħtieġ parir?

Qabel it-tressiq tal-applikazzjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizzi ta’ konsultazzjoni biex jgħinek tiżgura l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu disponibbli matul kull pass tal-proċess. Nistgħu ngħinuk tiddeċiedi jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek humiex konformi mal-mekkaniżmu tal-appoġġ inkwistjoni u nagħtuk feedback dwar il-mod kif qed tippjana li tippreżenta l-proġett. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba’ ġimgħat qabel id-data ta’ skadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b’hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista’ ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Dawn il-linji gwida ġew aġġornati fit-02 ta’ Marzu 2026.

# Skema ta’ Appoġġ għall-Iscreen:

—

# It-Tieni Fergħa:
# Żvilupp

**Linji Gwida u Regolamenti 2026**

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠIN: MARZU 2026

**L-ALLOKAZZJONIJIET**

| IL-BAĠIT GĦAS-SESSJONI | L-AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| €550,000 | €50,000 |

| IL-KOFINANZJAMENT | L-IŻBORŻ |
|---|---|
| L-Iskema tista' tkopri sa 100% tal-ispejjeż totali tal-proġett | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

**L-ISKEDA TA' ŻMIEN**

| L-ISKADENZA | IR-RIŻULTATI | L-ISKEDA TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 14 ta' April 2026 | 25 ta' Ġunju 2026 | għal Xogħol Fittizju u Animat<br>mis-26 ta' Ġunju 2026<br>sas- 26 ta' Ġunju 2029<br><br>għal Dokumentarji<br>mis-26 ta' Ġunju 2026<br>sas-26 ta' Ġunju 2031 |

# 1. Introduzzjoni

L-għan tal-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen – It-Tieni Fergħa: Żvilupp** huwa li tappoġġja l-istadju ta’ żvilupp tal-produzzjonijiet awdjoviżivi kulturali u kreattivi f’Malta. Dan jinkludi l-kitba u/jew aktar żvilupp tal-iskript (jew deskrizzjonijiet xena xena tat-trattament/iffilmjar fil-każ ta’ dokumentarji kreattivi), xogħol riċerkattiv (fosthom arkivjali fil-każ ta’ dokumentarji kreattivi), il-casting/l-għażla ta’ membri kreattivi ewlenin u l-passi kollha (pereżempju ħidma fuq baġit, definizzjoni tal-udjenza u s-suq fil-mira) meħudin mit-tim li jwassal lill-proġett fi stadju fejn jista’ jiġi ppreżentat lil sħab potenzjali u membri tal-indjustrija bil-għan ta’ finanzjament. Għalhekk, dan jinkludi parteċipazzjoni fis-swieq, f’sessjonijiet ta’ pitching u festivals kif ukoll il-produzzjoni ta’ materjali viżivi li jtejbu l-pakkett tal-pitching. Din il-fergħa se tkun limitata għal dawn il-produzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji kulturali eliġibbli: animazzjoni, dokumentarji u fizzjoni.

L-applikanti huma mitluba jikkunsidraw id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta’ Riżorsi meta jizviluppaw il-proposta tagħhom b’rabta ma’ kif jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet u l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta’ kulħadd fix-xogħol tagħhom. Il-pakkett ta’ riżorsi għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u jappoġġja l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta’ kuljum.

L-applikanti huma meħtieġa wkoll jikkunsidraw il-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u ta’ programmazzjoni tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u deċenti għall-artisti u l-prattikanti kreattivi li jħaddnu l-libertà artistika, l-aċċessibbiltà, ir-rikonoxximent ta’ ħiliet formali/informali/non-formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi deċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, konsiderazzjonijiet etiċi u aderenza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex tipprovdi qafas dinamiku ta’ referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f’Malta f’konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. Id-definizzjonijiet

Applikant:

- Applikant jista’ jkun Entità Awdjoviżiva Indipendenti. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni tal-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen– It-Tieni Fergħa: Żvilupp**.

Il-kodiċi NACE tal-applikant trid tkun waħda minn dawn li ġejjin:

- o J59.11 Attivitajiet ta’ produzzjoni ta’ films taċ-ċinema, video u programmi tat-televiżjoni
- o J59.12 Attivitajiet ta’ postproduzzjoni ta’ films taċ-ċinema, video u programmi tat-televiżjoni
- o J59.13 Attivitajiet ta’ tqassim ta’ films taċ-ċinema u vidjo

Applikazzjoni:

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formula tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.

Benefiċjarju:

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur l-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-Iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista’ jinħareġ biss f’isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT hija maħruġa f’ismu u li tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tiegħu.

Bidu tax-xogħolijiet:

- Tfisser wieħed minn dawn, skont liem jiġi l-ewwel: il-bidu tal-perjodu ta’ eliġibbiltà tal-ispejjeż jew l-iffirmar ta’ ftehim bi rbit legali għall-akkwist ta’ prodotti jew servizzi relatati mal-proġett, li jagħmel dan l-investiment irriversibbli. Xogħolijiet preparatorji mhumiex meqjusa bħala l-bidu tax-xogħolijiet.

Dokumentarju:

- Produzzjoni li bħala punt tat-tluq tagħha għandha suġġett reali imma li tirrikjedi kitba oriġinali sostanzjali u li tistabbilixxi l-punt di vista tal-awtur u/jew tad-direttur minn perspettiva storika u/jew kontemporanja. Dokumentarju għandu jkollu ċertu elementi li jgħoddu għal kull żmien u għandu jkollu wkoll filming oriġinali sinifikanti (sakemm mhux dokumentarju bbażat fuq filmati arkivjali jew animazzjonijiet) u mhux wieħed li sempliċiment jgħaddi informazzjoni. Għall-għanijiet ta’ dawn il-linji gwida, dokumentarju b’tul ta’ 52 minuta jew aktar għandu jitqies bħala film twil.

Dokumentazzjoni obbligatorja:

- Kwalunkwe dokument meħtieġ li jappoġġja l-proposta tiegħek u jgħin l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek.

Eliġibbiltà:

- L-applikazzjonijiet se jiġu qabelxejn skrinjati f’termini ta’ eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-managers tal-fond. Il-proposti li ma jiġux ikkunsidrati eliġibbli f’termini tal-kriterja mwaqqfa ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

Entità Awdjoviżiva Indipendenti:

- Entità Awdjoviżiva Indipendenti hija persuna ġuridika debitament irreġistrata f’Malta, bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata, en Commandite jew li tistabbilixxi fergħa jew post tan-negozju f ’Malta taħt Taqsima XI Kapitolu 1 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (KAP 386 tal-Liġijiet ta’ Malta), u li l-attività prinċipali tagħha tikkonsisti fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ xogħlijiet awdjoviżivi. Hija meqjusa indipendenti jekk l-oriġini tagħha huma indipendenti mill-Istat, jew entitajiet pubbliċi u/jew parastatali, organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliċi jew privati, pjattaformi ta’ streaming jew kumpaniji tat-telekomunikazzjoni. L-istokks jew l-ishma tal-entità ma jistgħux jappartjenu lill-Istat, entitajiet pubbliċi u/jew parastatali, organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliċi jew privati, pjattaformi ta’ streaming jew kumpaniji tat-telekomunikazzjoni.

Evalwaturi:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar tim ta’ evalwaturi għal kull sejħa taħt l-Iskema. Il-Kunsill Malti għall-Arti jista’ jaħtar kemm professjonisti lokali kif ukoll barranin fis-settur tal-kultura u l-arti. Il-Kunsill tal-Arti se jiżgura li l-bord ikun bilanċjat u jinkludi kemm professjonisti lokali u/jew barranin b’esperjenza ta’ minimu ta’ ħames snin f’din il-fergħa.

Evalwazzjoni:

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f’dawn il-linji gwida.

Films twal:

- Dawn jistgħu jkunu xogħol fittizju, dokumentarju, jew animazzjoni, b’tul minimu ta’ 70 minuta fil-każ ta’ xogħol fittizju u 52 minuta fil-każ ta’ dokumentarju.

Finanzjament massimu:

- L-allokazzjoni massima għal kull proġett hija ta’ €50,000. Kull każ jiġi deċiż għalih, skont il-proġett.

Ġestjoni u amministrazzjoni:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-ġestjoni ta’ din l-Iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluża s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, għandha tintbagħat lill-indirizz indikat f’dawn il-linji gwida.

Impriża:

- Impriża hija definita bħala entità involuta f’attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE (jiġifieri kwalunkwe attività li tikkonsisti fil-forniment ta’ oġġetti u servizzi f’suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li tiġi ffinanzjata bih. Il-klassifikazzjoni ta’ entità partikulari bħala impriża tiddependi għalkollox min-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma tiddependix minn jekk l-entità tkunx ġiet stabbilita biex tiġġenera l-profitti. L-entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ jistgħu wkoll ifornu oġġetti u servizzi fis-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, l-entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ jibqgħu ’l barra mill-ambitu tal-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta’ entità bħala impriża tibqa’ dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward tal-ewwel.

Impriża f’diffikultà:

- Impriża f’diffikultà tfisser impriża rigward liema sseħħ għall-inqas waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi:
  - Fil-każ ta’ kumpanija b’responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs tal-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta’ telf akkumulat. Dan ikun il-każ meta t-tnaqqis ta’ telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi l-oħra kollha ġeneralment meqjusa bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv negattiv li jaqbeż nofs il-kapital tal-ishma sottoskritt. Għall-finijiet ta’ din id-dispożizzjoni, “kumpanija b’responsabbiltà limitata” tirreferi b’mod partikulari għat-tipi ta’ kumpaniji msemmijin fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-

Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew, u l-“kapital azzjonarju” jinkludi, fejn relevanti, kwalunkwe primjum azzjonarju.

- Fil-każ ta’ kumpanija fejn mill-inqas uħud mill-membri huma responsabbli mingħajr limitu għad-dejn tal-kumpanija (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa bħala riżultat ta’ telf akkumulat. Għall-finijiet ta’ din id-dispożizzjoni, “kumpanija fejn mill-inqas uħud mill-membri huma responsabbli mingħajr limitu għad-dejn tal-kumpanija” tirreferi b’mod partikulari għat-tipi ta’ kumpaniji msemmijin fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE.
- Meta l-impriża tkun soġġetta għal proċeduri kollettivi ta’ insolvenza jew tkun tissodisfa l-kriterji biex, skont il-liġi domestika tagħha, jinbdew kontriha proċeduri kollettivi ta’ insolvenza fuq talba tal-kredituri tagħha.
- Fejn l-impriża tkun irċeviet għajnuna għas-salvataġġ u għadha ma tkunx ħallset lura s-self jew temmet il-garanzija, jew tkun irċeviet għajnuna għar-ristrutturar u tkun għadha soġġetta għal pjan għar-ristrutturar.
- Fil-każ ta’ impriża li mhix SME, fejn, għal dawn l-aħħar sentejn:
  - il-proporzjon tad-dejn kontabilistiku mal-ekwità tal-kumpanija kien ogħla minn 7.5; u
  - il-proporzjon tal-kopertura tal-imgħax EBITDA tal-impriża kien inqas minn 1.0.

### Intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju

- It-terminju jirreferi għal impriża li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta’ Ġunju 2014 li tiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat.

### Katina tat-titlu:

- Kull ftehim/dokumentazzjoni li huma evidenza tas-sekwenza tat-trasferimenti tat-titlu għal xogħol.

### Mood board:

- Għodda viżwali intenzjonata biex tikkomunika l-kunċetti tal-film ta’ proġett partikulari. Hija arranġament maħsub tajjeb u ppjanat ta’ immaġni, materjali, biċċiet tat-test, eċċ. li hija maħsuba biex tevoka jew tipproġetta stil jew tonalità partikulari.

### Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi:

- Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti u huma Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika ta’ Malta, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta International Contemporary Arts Space, Festivals Malta u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva.

### Perjodu ta’ eliġibbiltà tal-ispejjeż:

- Il-perjodu ta’ eliġibbiltà tal-ispejjeż stabbilit f’paġna 2 ta’ dan id-dokument u se jkun indikat fil-ftehim.

### Produttur:

- Il-persuna responsabbli li ssib u tniedi l-proġett awdjoviżiv. Dan jinkludi responsabbiltà għal aspetti kreattivi, finanzjarji u ta’ ġestjoni fil-ħolqien ta’ film jew produzzjoni televiżiva. Produttur jissorvelja l-elementi kollha ta’ qabel, waqt u wara l-produzzjoni, sakemm din tinħareġ.

Produzzjoni/proġett awdjoviżiv:

- Produzzjoni/proġett awdjoviżiv jistgħu jkunu xogħol fittizju, dokumentarju jew animazzjoni.

Proposti mressqa mill-ġdid:

- Proġett jew proposta li tressqu f’sejħa preċedenti jistgħu jitressqu mill-ġdid biss jekk sar tibdil konsiderevoli fihom jew jekk elementi ġodda ġew żviluppati mill-aħħar sottomissjoni. Fil-każ ta’ tressiq mill-ġdid, l-applikant għandu jippreżent rapport jew stqarrija li juru b’mod ċar il-bidliet li saru.

Trattament:

- Sommarju ddettaljat li normalment jippreżenta l-istruttura tal-istorja sħiħa u jwassal id-dinja, il-karattri, ix-xeni importanti u l-punti tal-istorja; iservi ta’ pjan direzzjonali għall-qarrej, il-produttur u l-kittieb.

# 3. L-eliġibbiltà

Qabelxejn, il-proġetti jiġu skrinjati f’termini ta’ eliġibbiltà. Proposti ineliġibbli f’termini tal-punti msemmija hawn taħt ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

L-iskeda ta’ żmien massima biex twettaq il-proġett:

- Fil-każ ta’ xogħol fittizju u animat, 36 xahar mid-data tan-notifikazzjoni tar-riżultat, fejn il-perjodu ta’ eliġibbiltà għall-ispejjeż huwa bejn is-26 ta’ Ġunju 2026 u s-26 ta’ Ġunju 2029.
- Fil-każ ta’ dokumentarji, 60 xahar mid-data tan-notifikazzjoni tar-riżultat, fejn il-perjodu ta’ eliġibbiltà huwa bejn is-26 ta’ Ġunju 2026 u s-26 ta’ Ġunju 2031.

## 3.1 Min jista’ japplika?

L-għotja hija miftuħa għal impriżi (li għalihom tingħata għajnuna skont ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFEU) [jekk jogħġbok irreferi għal Taqsima 9 ta’ dawn il-linji gwida għal aktar informazzjoni].

L-applikanti jeħtieġ jikkwalifikaw bħala:

- Entità Awdjoviżiva Independenti kif iddefinita f’dawn il-linji gwida.

Barra minn hekk, l-applikanti jeħtieġ jissodisfaw dawn il-kriterji kollha:

- Huma intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju.
- Fejn applikabbli, l-applikanti jridu jkunu l-oriġinaturi tal-proġett, l-iskript jew it-trattament jew għandhom il-maġġoranza tad-drittijiet (sakemm l-applikant ma jkunx koproduttur b’minoranza) fir-rigward tal-proġett li għalih qed jintalab appoġġ.
- Jeħtieġ li l-applikanti jkollhom ċertifikat ta’ reġistrazzjoni tal-VAT.

- Jeħtieġ li l-applikanti jkunu fil-pussess ta’ katina sħiħa tat-titlu. Id-dokumenti tal-katina tat-titlu se jkunu meħtieġa meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Jekk il-katina tat-titlu ma tkunx kompluta, il-KMA jkollu d-dritt li jirtira kwalunkwe appoġġ mogħti.
- Jeħtieġ li għall-inqas direttorat wieħed jew il-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jkunu miżmuma minn ċittadini Maltin jew persuni li għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta.
- Jeħtieġ li waqt it-tressiq tal-applikazzjoni, l-applikanti jkunu reġistrati mal-korp regolatorju applikabbli.
- Ressaq applikazzjoni kompleta għal assistenza permezz ta’ din l-Iskema, qabel il-bidu tax-xogħolijiet.

Fil-każ ta’ aktar minn produttur wieħed, jeħtieġ li l-applikazzjoni timtela minn entità waħda. Il-produtturi li huma parti mill-koproduzzjoni jridu jilħqu ftehim fuq dan il-punt u jinkludu dikjarazzjoni konġunta li trid tiġi inkluża fl-applikazzjoni.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti jiġu esklużi milli japplikaw għall-appoġġ jekk huma, jew, fejn applikabbli, l-azzjonisti jew il-persuni li għandhom setgħat ta’ rappreżentanza jew ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet:
  i. instabu ħatja permezz ta’ sentenza finali ta’ wieħed minn dawn ir-reati li ġejjin: parteċipazzjoni f’organizzazzjoni kriminali, korruzzjoni, frodi, ħasil ta’ flus, tħaddim ta’ tfal, traffikar tal-bnedmin;
  ii. jinsabu f’sitwazzjoni ta’ falliment, likwidazzjoni, terminazzjoni tal-attivitajiet, insolvenza jew arranġament mal-kredituri jew kwalunkwe sitwazzjoni simili li tirriżulta minn proċedura tal-istess tip, jew soġġetti għal proċedura tal-istess tip; jew
  iii. instabu ħatja b’sentenza finali ta’ mġiba professjonali ħażina serja jew kwalunkwe reat ieħor relatat mal-integrità professjonali.
- Applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat minħabba li ma jkunx komplut sforz in-nuqqas tad-dokumenti obbligatorji mniżżlin hawn isfel:
  - kopja tal-karta tal-identità Maltija (quddiem u wara); jew permess ta’ residenza f’Malta; jew ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx bħala applikant skont id-definizzjoni ta’ din il-fergħa speċifika.
- Benefiċjarji li ma onorawx impenji ta’ finanzjament preċedenti.
- Benefiċjarji li ma ressqux jew li ma kkonkludewx saż-żmien stipulat minn tal-inqas rapport finali wieħed b’rabta ma’ għotja passata u ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti.
- Entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali mitluba mill-Malta Business Registry.
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi lokali permezz ta’ voti stabbiliti fil-baġit tal-Gvern.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?[2]

L-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen – It-Tieni Fergħa: Żvilupp** tista’ tkopri sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli indikati hawn taħt (sa massimu ta’ €50,000, liema ammont minnhom ikun l-inqas).

L-ispejjeż diretti eliġibbli huma identifikati bħala spejjeż speċifiċi marbutin direttament mal-iżvilupp tax-xogħol, fosthom:

- Akkomodazzjoni ekonomika;
- Akkwist tad-drittijiet neċessarji (fosthom tariffa raġonevoli għal opzjoni jekk l-iskript huwa bbażat fuq materjal sottostant, awtorizzazzjoni tal-mużika, materjal arkivjali);
- Animazzjoni, disinn u illustrazzjoni, fil-każ ta’ proġett ta’ animazzjoni;
- Assigurazzjoni;
- Ġestjoni tal-proġett (inklużi fost l-oħrajn l-amministrazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iżvilupp);
- Kiri ta’ spazji;
- Kiri/xiri ta’ tagħmir u teknoloġija (ix-xiri ta’ tagħmir jiġi kkunsidrat biss jekk meqjus neċessarju għall-proġett);
- Kontinġenza, sa massimu ta’ 10% tal-ispejjeż totali;
- Spejjeż ta' ħidma/iet (above the line and below the line): Persunal u talent li jaħdmu taħt kuntratt ta’ impjieg mal-applikant u assenjati għall-proġett, li jinkludi salarji attwali flimkien ma’ kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u spejjeż statutorji oħrajn inklużi fir-remunerazzjoni tagħhom, sakemm dawn l-ispejjeż ikunu konformi mal-politika normali tal-applikant dwar ir-remunerazzjoni jew, fejn applikabbli, dawk tas-sħab tiegħu;
- Miżati għal pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħrajn fejn relevanti (bħal software għal kitba tal-iskript, eċċ.);
- Miżuri ta’ saħħa u sigurtà;
- Oġġetti konsumabbli u provvisti;
- Servizzi ta’ produzzjoni pprovduti mix-xandar, li jeskludu l-kiri tat-tagħmir, li jistgħu jitpoġġew fuq il-proġett jew jiġu kkunsidrati bħala kontribuzzjoni lejn kofinanzjament;
- Spejjeż tal-casting fosthom Screen Tests u Awdizzjonijiet;
- Spejjeż ta’ marketing, relazzjonijiet pubbliċi u komunikazzjoni;
- Spejjeż ta’ produzzjoni għal teaser u/jew trailer (massimu ta’ 5 minuti). Fil-każ ta’ dokumentarji kreattivi, l-ispejjeż ta’ produzzjoni ta’ teaser u/jew trailer u/jew sekwenza ta’ materjal riċerkattiv (massimu ta’ 7 minuti) biex juri l-approċċ viżwali. Fil-każ ta’ proġett ta’ animazzjoni, l-ispejjeż ta’ produzzjoni għal trailer/animazzjoni tal-kunċett (massimu ta’ 3 minuti) u l-ispejjeż biex jiġi mħejji pakkett ta’ animazzjoni. Il-Catering jista’ jiġi appoġġjat meta t-teaser u/jew it trailer jiġi prodott u sottomess bħala parti mir-rapport u huwa riżultat tat-2 fergħa;
- Spejjeż ta’ produzzjoni, fil-każ ta’ dokumentarji kreattivi, marbutin mal-iffilmjar tal-avvenimenti li seħħew matul il-perjodu ta’ eliġibbiltà u li huma relevanti għax-xogħol u l-iffilmjar li sar għal finijiet ta’ riċerka marbutin max-xogħol (materjal riċerkattiv);

---

[2] L-ispejjeż kollha jiġu kkunsidrati biss jekk dawn ir-riżorsi mhumiex diġà koperti/ma jistgħux jiġu koperti mill-applikanti jew mill-organizzazzjonijiet li qed jappoġġjaw/huma sħab fil-proġett.

- Spejjeż ta' riċerka (fosthom riċerka fl-arkivji, riċerka tal-udjenza, riċerka għas-sħab, investituri u koprodutturi, tariffi għar-riċerkaturi);
- Spejjeż ta' trasport;
- Tariffi għal akkreditazzjoni għal swieq/forums ta' pitching/festivals jew avvenimenti internazzjonali biex jiġu mfittxija sħab (eż. koprodutturi, aġenti tal-bejgħ, distributuri, xandara, pjattaformi, festivals);
- Tariffi għal diretturi, riċerkatur u produtturi, fejn applikabbli;
- Tariffi għal ħolqien ta' pakkett, finanzjament, marketing u konsulenzi professjonali oħrajn;
- Tariffi għal konsultazzjoni, riċerka u pariri minn professjonisti li jirrigwardjaw ngħidu aħna, il-kontabilità, l-awditjar, il-finanzjament, il-legalità, il-marketing, l-impatt, l-editjar u konsulenza professjonali relatata oħra;
- Tariffi għal membri kreattivi ewlenin (eż. l-iżvilupp u/jew il-konsulent(i) tal-iskript, aġent/direttur tal-casting, production designer, location manager, DOP, animatur, disinjatur, illustratur);
- Tariffi għal workshop għal Żvilupp/Skript (jew avveniment simili) u kwalunkwe spiża marbuta mal-kittieb u/jew il-produttur u/jew id-direttur fosthom titjiriet fil-klassi ekonomika, akkomodazzjoni ekonomika u spejjeż ta' vjaġġar oħrajn;
- Tariffi marbutin mal-lokazzjoni;
- Tariffi oħrajn marbutin direttament mat-twettiq tal-proġett (fosthom, imma mhux b'mod esklużiv, mentors, fornituri ta' servizzi, tariffi għal parteċipazzjoni u tariffi lingwistiċi, eċċ.);
- Tariffi tal-kittieba;
- Traduzzjoni mil-lingwa oriġinali għal kwalunkwe lingwa Ewropea oħra;
- VAT li ma tistax tinġabar lura, fejn applikabbli;
- Viża tal-ivvjaġġar;
- Vjaġġar (fil-klassi ekonomika), fosthom trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru kiri ta' karozza/vettura).

Fil-każ ta' servizzi interni, dikjarazzjoni ffirmata mid-direttur tal-entità ġuridika flimkien ma' evidenza ta' pussess ta' tagħmir (jekk applikabbli) hija biżżejjed.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati se jiġu kkunsidrati qabel kwalunkwe tnaqqis tat-taxxa jew tariffa oħra. L-ispejjeż eliġibbli se jkunu sostnuti minn evidenza dokumentata li se tkun ċara, speċifika u kontemporanja. Il-limiti tal-intensità tal-għajnuna għall-iskemi ta' appoġġ li jaqgħu taħt l-istadju ta' qabel il-produzzjoni jistgħu jitilgħu sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli. Madankollu, jekk l-iskript li joħroġ jew il-proġett jinqalbu għal xogħol awdjoviżiv, l-ispejjeż ta' qabel il-produzzjoni għandhom jiġu inkorporati fil-baġit ġenerali u għandhom jitqiesu fil-kalkulazzjoni tal-intensità tal-għajnuna.

Għal aktar informazzjoni kif tippreżenta l-baġit tiegħek, irreferi għal-Linji Gwida Ġenerali dwar il-Baġit, li jinsabu hawn.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Dejn dubjuż;
- Dejn u spejjeż tas-servizz tad-dejn;

- Dħul minn kapital;
- Imgħax dovut;
- Kopertura għal telf jew dejn;
- Spejjeż diġà koperti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, jew minn programmi ta' finanzjament pubbliku oħrajn ġestiti jew koġestiti mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika, Dipartiment tal-Gvern jew Ministeru ieħor;
- Spejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju u koperti minn għotja oħra tal-Gvern ta' Malta jew tal-Unjoni Ewropea: l-appoġġ finanzjarju mogħti taħt din l-Iskema jista' jingħata flimkien ma' appoġġ finanzjarju mogħti minn awtoritajiet oħra tal-għoti (taħt skemi multipli ta' appoġġ), sakemm dan ma jkunx eskluż b'mod espliċitu mil-linji gwida jew mir-regolamenti tal-awtoritajiet l-oħra tal-għoti u sakemm tali appoġġ kumulattiv ma jaqbiżx l-ispejjeż reali mġarrba u l-limiti tal-għajnuna għall-intensità, kif applikabbli;
- Spejjeż imġarrba minn koproduttur li mhux se jkun kobenefiċjarju tal-ftehim f'każ ta' għażla;
- Spejjeż imġarrba qabel il-bidu tax-xogħlijiet;
- Spejjeż imġarrba qabel it-tressiq tal-applikazzjoni;
- Spejjeż li mhumiex marbuta direttament mal-proġett;
- Spejjeż meqjusa eċċessivi jew imprudenti;
- Spejjeż retroattivi;
- Sussistenza, catering u ospitalità;
- Tariffi għal servizzi pprovduti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jew aġenziji pubbliċi oħra, Dipartiment tal-Gvern, jew Ministeru;
- Tariffi indiretti tal-produtturi u kontinġenzi;
- Telf fil-kambju;
- VAT rikuperabbli, fejn applikabbli.

L-ispejjeż kollha eliġibbli għal finanzjament taħt din l-Iskema jridu jkunu neċessarji u raġonevoli għat-tlestija tal-proġett u konsistenti mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda u l-prattiki kontabilistiċi.

## 3.5 Liema applikazzjonijiet huma eliġibbli għal appoġġ?

Il-proġetti jridu jissodisfaw għall-inqas TNEJN minn dawn il-kriterji:

- Il-produttur jew produtturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta' residenza permanenti f'Malta;
- Il-kittieb jew kittieba huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta' residenza permanenti f'Malta;
- Id-direttur jew diretturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta' residenza permanenti f'Malta.

L-iżvilupp ta' qabel il-produzzjoni ta' proġetti ta' finzjoni, animazzjoni u dokumentarji li huma eliġibbli:

- Film twil intenzjonat għal teatri, festivals, televiżjoni, VOD;
- Serje televiżiv (Episodju Pilota; Episodji Sussegwenti individwali jew bħala staġun sħiħ; Mini-Series sħiħa – din tapplika għal series ġodda kif ukoll għal staġuni ġodda ta' series eżistenti).

Barra minn hekk, l-appoġġ jista' jingħata biss lil Proġetti Awdjoviżivi li huma prodotti kulturali. Il-proġetti jiġu kkunsidrati prodotti kulturali jekk:

- jikkontribwixxu lill-kultura Maltija u/jew Ewropea; jew
- jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-industrija tal-film u t-televiżjoni f’Malta u/jew l-Ewropa; jew
- jiġu kkunsidrati kulturali fid-dawl tal-kontenut tagħhom.

L-evalwaturi għandhom jivverifikaw dawn il-kriterji skont il-parametri ta’ eliġibbiltà kif stabbiliti mill-KMA għal kull wieħed mill-kriterji kulturali ta’ hawn fuq. Il-proġetti ddikjarati mhux kulturali ma għandhom jingħataw l-ebda għajnuna. Agħfas hawn biex tniżżel l-Eżami Kulturali - l-applikanti huma mitluba li jimlewh u jtellgħuh fil-parti indikata meta jissottomettu l-applikazzjoni fuq is-CRM tal-KMA.

## 3.6 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

- Applikazzjonijiet imressqa minn entitajiet pubbliċi b’vot fuq linja baġitarja jew mingħajru;
- Applikazzjonijiet imressqa wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data ta’ skadenza;
- Applikazzjonijiet li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni ta’ produzzjoni/proġett awdjoviżiv kulturali għal din l-Iskema speċifika;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għat-Taqsima 5.1 – Lista ta’ Kontroll);
- Attivitajiet bil-għan li jinġabru fondi jew jagħmlu propoganda politika;
- Attivitajiet mhux marbuta mal-kultura, l-arti u l-industriji kreattivi;
- Films ta’ reklamar, korporattivi, taħriġ u/jew films promozzjonali jew infomercials;
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta jew l-Iskema ta’ Boroż ta’ Studju tal-Arti f’Malta;
- Proġetti li jinkludu u/jew jippromwovu propoganda politika;
- Proġetti li jintemmu qabel in-notifikazzjoni tar-riżultat lill-applikant(i);
- Proġetti li jippromwovu vjolenza, razziżmu u kontenut pornografiku li jiksru l-Kostituzzjoni Maltija;
- Proġetti li l-ispejjeż jaqgħu kompletament barra mill-perjodu ta’ żmien eliġibbli;
- Proposti mressqa mill-ġdid mingħajr ma jkunu sarulhom bidliet konsiderevoli jew elementi ġodda meta mqabblin mas-sottomissjoni preċedenti jew li ma jinkludux rapport/stqarrija li jistqarru biċ-ċar il-bidliet li saru;
- Reality shows, programmi stil magazine u dwar l-istil ta’ ħajja, programmi kulturali, programmi ta’ diskussjoni, kwizzijiet u game shows, reklami, divertiment, films qosra.

Kwalunkwe attività oħra li tiġi żviluppata barra l-ambitu tal-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen – It-Tieni Fergħa: Żvilupp** mhix eliġibbli għal appoġġ.

L-applikanti jistgħu jressqu aktar minn applikazzjoni waħda taħt l-istess sejħa, imma f’kull fergħa applikazzjoni waħda biss tista’ tiġi ffinanzjata.

# 4. L-evalwazzjoni

Il-Bord Evalwattiv se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kriterji li ġejjin:

## 4.1 L-Ewwel Kriterju: Il-Kunċett (45 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità, il-qawwa u l-oriġinalità tal-kunċett u l-iskript/it-trattament kif ukoll il-potenzjal li jintlaħqu udjenzi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Kemm il-kunċett u l-iskript/it-trattamet juru oriġinalità (fit-tema, il-perspettiva u l-approċċ viżiv) (L-applikanti għandhom iqisu wkoll kif il-proposta tallinja mal-prinċipji fi ħdan id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta’ Riżorsi u l-Karta għall-Istatus tal-Artist bħal fit-Taqsima 1); (15-il marka)
- Il-viżjoni u l-istil; (15-il marka)
- Is-saħħa tal-proposta bil-potenzjal li tilħaq udjenzi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. (10 marki)
- Il-pjanijiet lil hinn mill-implimentazzjoni ta’ din il-proposta. (5 marki)

## 4.2 It-Tieni Kriterju: Il-Ġestjoni tal-Proġett (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-livell ta’ impenn u tħejjija qabel it-tressiq tal-proposta kif ukoll il-pjan propost biex iwassal u jikseb l-objettivi fil-mira. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- L-esperjenza relevanti tat-tim kreattiv (fosthom dik fuq livell internazzjonali); (5 marki)
- Il-kapaċità tal-produzzjoni u r-rieda biex jiġi prodott ix-xogħol propost b’suċċess; (10 marki)
- Ir-reputazzjoni finanzjarja u legali tat-tim kreattiv. (5 marki)

## 4.3 It-Tielet Kriterju: L-Involviment tal-Udjenza u l-Potenzjal ta’ Ċirkolazzjoni (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp ta’ udjenzi stabbiliti u ġodda. L-involviment jirreferi għall-irwol, in-natura tal-involviment u l-esperjenza offruta lill-udjenza. Il-potenzjal ta’ ċirkolazzjoni jirreferi għall-potenzjal ta’ parteċipazzjoni f’festivals (u rikonoxximent) u distribuzzjoni internazzjonali, kif ukoll il-potenzjal biex jiġi stimulat interess minn koprodutturi, festivals, swieq, aġenti tal-bejgħ, distributuri u/jew xandara/pjattaformi. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Iddefinixxi l-udenzi fil-miri u spjega kif se jintlaħqu dawn l-udjenzi. Ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-marketing, PR u pjan ta’ komunikazzjoni kif meqjus relevanti għall-programm/i ta’ attivitajiet proposti. Spjega r-raġunijiet għall-metodi magħżula. (20 marka)
- Jekk disponibbli ipprovdi:
  - ittra/i ta’ intenzjoni minn distributuri u membri oħra fl-industrija relatati mal-iskreening, il-festival u l-potenzjal tas-suq.
  - ittra/i ta’ intenzjoni jew kuntratti iffirmati għal kożvilupp jew koproduzzjoni.

## 4.4 Ir-Raba’ Kriterju: Il-Baġit u l-Pjan Finanzjarju (15-il marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità u l-vijabbiltà (skont l-istandards tal-industrija) tal-baġit u l-pjan finanzjarju (fejn applikabbli). Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Ipprovdi tqassim ċar tal-baġit li jinkludi l-ispejjeż relatati direttament mal-iżvilupp propost. (15-ilmarka)
- Ipprovdi pjan finanzjarju (il-kwalità u l-vijabbiltà ġenerali tal-istrateġija finanzjarja; il-livell ta' finanzjament ikkonfermat – evidenzjat bi ftehimiet iffirmati u/jew ittri ta' intenzjoni), jekk applikabbli.

# 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Biex tapplika segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Iċċekkja jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn din l-Iskema.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq 'Irreġistra Issa' u imla d-dettalji.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-Iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġ jirreġistraw profil fuq is-sistema CRM tal-KMA għall-inqas ġimagħtejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.

Jekk ikollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formula ta' applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formuli tal-applikazzjoni tiegħek mhux ser jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti qabel id-data ta' skadenza tal-applikazzjoni. Il-Kunsill għandu d-diskrezzjoni esklużiva li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data ta' skadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, inklużi d-dokumenti li jappoġġjaw il-proposta.

L-applikazzjonijiet illi jaslu wara 12:00 (nofsinhar) tad-data ta' skadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-lista ta' kontroll

Biex l-applikazzjoni tkun sħiħa, trid tkun akkumpanjata minn:

- Katina sħiħa tat-titlu;
- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT Malti;
- Ċertifikat ta' reputazzjoni tajba tar-reġistrazzjoni l-aktar riċenti – Dan id-dokument jiġġedded kull sena mill-Malta Business Registry u huwa prova ta' konformità;
- Kopja tal-karta tal-identità Maltija, permess ta' residenza Maltija, ċertifikat taċ-ċittadinanza Maltija jew passaport Malti tal-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jew id-direttur;
- Bijonoti tal-kontributuri ewlenin tal-proġett;
- Dikjarazzjoni li l-applikant ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' impriża f'diffikultà, hekk kif definit f'dawn il-linji gwida;
- Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għas-sottomissjoni tal-proposta;
- Pakkett ta' proġett kreattiv:
    1. Logline
    2. Sinopsi
    3. Trattament (massimu ta' 10 paġni) jew skript abbozz (jekk disponibbli)
    4. Stqarrija ta' intenzjoni tal-kittieba (massimu ta' paġna)
    5. Deskrizzjoni fil-qosor tal-udjenza fil-mira u l-istrateġija maħsuba fl-aħħar tal-proċess (pitching, eċċ,) – (massimu ta' paġna)
    6. Sekwenza ta' materjal riċerkattiv / filmati (massimu ta' 5 minuti) / teaser / trailer u/jew materjal li jikkonċerna l-karattri ewlenin (jekk applikabbli) jew għall-inqas ritratti li juru l-approċċ viżiv, l-istil u t-ton intenzjonati f'każ ta' proġetti ta' dokumentarju
    7. Pakkett ta' Animazzjoni Inizjali għal proġetti ta' animazzjoni (li jinkludi tpinġijiet li jistgħu juru l-approċċ viżiv intenzjonat u l-istil li se jiġi addottat; disinn bikri tal-karattri (fosthom karattri f'poża jew azzjoni)
- Baġit (żvilupp);
- Pjan finanzjarju (jekk il-baġit jeċċedi l-finanzjament massimu ta' €50,000);
- Sommarju ta' pjan ta' ħidma (massimu ta' paġna);
- Applikazzjonijiet bi ftehim ta' kożvilupp/koproduzzjoni diġà ffirmati jiġu kkunsidrati biss jekk l-applikant jista' jipprovdi l-ftehim ta' kożvilupp/koproduzzjoni jew memo ta' ftehim debitament iffirmati. Il-ftehim jew il-memo ta' ftehim għandhom jinkludu klawżoli standard tal-industrija, fost l-oħrajn klawżoli li jirregolaw it-taqsim ta' drittijiet u l-input kreattiv ta' kull produttur.

Dokumentazzjoni supplimentari (jekk disponibbli):

- Kopja ta' dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tad-Dħul li juri li l-applikant huwa kontribwent f'Malta;
- Ittra/i ta' intenzjoni, memo ta' ftehim jew ftehimiet minn sħab finanzjarji u xerrejja;
- Ftehim(iet) ta' kożvilupp u/jew koproduzzjoni, memo ta' ftehim jew ittra/i ta' intenzjoni;
- Xogħlijiet preċedenti;

- Stqarrija tal-produttur; noti tad-direttur; deskrizzjoni fil-qosor tal-karattri; storyboard; mood board.

N.B. Dokumenti li jeħtieġu numru minimu jew massimu ta' paġni għandhom jinkitbu bil-Font – Times New Roman u bil-Font-Size – 12.

Fajls ta' 5MB jew inqas jistgħu jinthemżu direttament fil-formola tal-applikazzjoni, fajls akbar jistgħu jiġu pprovduti ermezz ta' ħolqa li ma tiskadix jew li teħtieġ verifikazzjoni tal-identità.

# 6. Il-proċess tal-evalwazzjoni

Din l-Iskema hija kompetittiva u tiġi evalwata minn bord ta' esperti settorjali skont kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju għandu allokat għadd ta' marki speċifiċi. Sabiex proġetti jiġu kkunsidrat għal finanzjament, jeħtieġ jiksbu minimu ta' 60 marka.

Madankollu, is-sessjoni ta' evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti mressqa u mid-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk jekk proġett jikseb 60 marka jew aktar ma jfissirx li se jingħata l-fondi awtomatikament. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi totali disponibbli għal sejħa partikulari kemm-il darba l-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont il-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom fl-industrija tal-films. Il-Kunsill jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija.

## 6.1 Komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2 għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament, nehmżu wkoll kopja tal-formula tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, dejjem skont il-kriterji tal-fond.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet tal-proġetti li jingħataw il-fondi. Fil-każ ta' proġetti li ma jingħatawx il-fondi jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista' tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-Eżekuttiv Anzjan tal-Fond, il-Manager tal-Fond u l-evalwaturi tal-fond titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett

Il-Kunsill jaċċetta varjazzjoni mill-baġit propost. Il-kontinġenza indikata fil-pjan baġitarju tappoġġja kwalunkwe varjazzjoni mill-baġit propost. Taħt ebda ċirkustanza, il-Kunsill mhu se jkun f'pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija.

Jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond. L-għotja tista' tingħata biss wara tlestija tal-proċess imsemmi qabel fiż-żmien stabbilit.

70% tal-ammont totali allokat mill-Bord Evalwattiv jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. Il-pagament finali ta' 30% jingħata wara sottomissjoni tar-rapport finali mill-benefiċjarju u l-approvazzjoni mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo uffiċjali tal-Kunsill fuq il-materjal relatat kollu u jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġjat bl-għotja kif ġej: **Dan il-proġett huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti**. Dan għandu jiġi applikat fil-materjal kollu maħsub għall-marketing, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-istampa. L-għotja mogħtija għandha tintuża esklużivament għall-għan li ngħatat għalih, f'konformità mal-proposta mressqa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill minnufih jekk waqt it-twettiq tal-proġett jiżvolġu bidliet li jaffettwaw lin-natura tiegħu. Ma jistgħux jiġu implimentati bidliet mingħajr ma tkun ingħatat ebda approvazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-benefiċjarju li jiġġustifika l-bidliet, u dawn il-bidliet ma għandhomx jinżammu jekk dawn huma normalment aċċettati fl-industrija internazzjonali tal-films. Il-kunċett ewlieni u l-intenzjoni kreattiva tal-proġett iridu jibqgħu konsistenti matul il-perjodu ffinanzjat.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett ma tkunx ikkunsidrata allinjata mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jiġix infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjonijiet ma' rappreżentanti tal-Kunsill għal finijiet ta' monitoraġġ, kemm waqt it-twettiq tal-proġett kif ukoll wara t-tlestija.

Il-Kunsill jirriżerva wkoll id-dritt li jirrevedi l-pagament finali jekk l-infiq totali jkun inqas minn dak stmat fil-formula tal-applikazzjoni.

## 7.1 Rapport

Kull sitt xhur irid jiġi sottomess rapport ta' progress li jipprovdi informazzjoni relatata mal-progress tal-proġett appoġġjat, kwalunkwe diffikultajiet u kif dawn se jingħelbu u biex jintalbu kwalunkwe bidliet li jistgħu jkunu meħtieġa. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell għar-rapport tiegħek.

Fl-għeluq tal-proġett, se tintalab tressaq rapport dettaljat li jenfasizza x-xogħol li sar u l-kisbiet tal-proġett, sa mhux aktar tard minn tliet xhur mill-konklużjoni tal-proġett tiegħek. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell għar-rapport tiegħek. Jekk relevanti, il-benefiċjarji se jintalbu wkoll iressqu flimkien ma' dan ir-rapport, kwalunkwe ritratti u vidjows b'riżoluzzjoni għolja, marketing, pubbliċità, jew materjal ta' informazzjoni żviluppat għall-proġett finanzjat, flimkien ma':

- Skript (abbozz avvanzat). Fil-każ ta' dokumentarji kreattivi, it-trattament (u/jew possibbilment teaser/trailer/sekwenza ta' materjal riċerkattiv) ikun biżżejjed. Fil-każ ta' serje għat-televiżjoni, jekk l-applikant applika għal staġun sħiħ jew miniserje sħiħa, deskrizzjonijiet tal-episodji jkunu biżżejjed – il-KMA jista' jitlob ukoll għall-iskript tal-episodju pilota/l-ewwel episodju jekk din kienet kundizzjoni għall-appoġġ (indikata fl-ittra ta' notifikazzjoni);
- Sinopsi (riveduta);
- Stqarrija ta' intenzjoni tal-kittieba (riveduta);
- Fil-każ ta' dokumentarji kreattivi, teaser u/jew trailer u/jew sekwenza ta' materjal riċerkattiv (massimu ta' 3 minuti) biex juri l-approċċ viżiv, l-istil u t-trattament;
- Fil-każ ta' proġetti animati, teaser u/jew trailer u/jew sekwenza ta' materjal riċerkattiv (minuta waħda) u pakkett animat rivedut;
- Rapport miktub mill-konsulent tal-iskript (fil-każ ta' workshop tal-iskript ir-rapport jista' jinkiteb mill-benefiċjarju u jkun akkumpanjat minn prova tal-attendenza)
- Fil-każ ta' serje, jekk disponibbli, Series Bible (Dokument ta' 10 – 15-il-paġna ddisinjat għall-proġett, inkluż logline, sinopsi, ħarsa ġenerali tal-proġett (baġit/format/ġeneru), informazzjoni dwar dinja/ton/*setting*, deskrizzjoni tal-karattru u tal-episodju, kwalunkwe informazzjoni pertinenti tat-tim)) jew Animation Bible, jekk applikabbli.

Tintalab tippreżenta tqassim finali, dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq. It-tqassim tad-dħul u l-infiq għandu jitħejja f'konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli u allinjati ma' dawn il-linji gwida u regolamenti, u għandu jiġi ċċertifikat minn *accountant* jew awditur bil-warrant.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jitlob lill-Benefiċjarju biex jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew l-irċevuti fiskali biex issostni t-tqassim dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jżomm id-dritt li jirkupra l-fondi f'każ li ma ġewx użati u/jew intużaw ħażin u/jew ma ntużawx skont il-baġit imressaq jew ir-regoli stabbiliti f'dawn il-linji gwida u r-regolamenti.

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri u r-regolamenti stipulati f'dawn il-linji gwida. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern, u/jew,
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta' lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni jew bi provi relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa' finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Fondi fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill ilaqqa' bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord hija finali.

# 9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

Din l-Iskema hija applikabbli għal:

- Entitajiet Awdjoviżivi Indipendenti kif definiti f'dawn il-linji gwida.

Għall-fini ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, tali applikanti jitqiesu bħala impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE. It-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-linji gwida se jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1084 tal-14

ta’ Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 f’dak li għandu x’jaqsam ma’ għajnuna għal infrastruttura tal-port u tal-ajruport, livelli limitu ta’ notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u għajnuna għall-infrastrutturi għall-isport u għar-rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta’ għajnuna operatorja reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 f’dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli, bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta’ Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1407/2013 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u l-aġġustamenti rilevanti, bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1237 tat-23 ta’ Lulju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1315 tat-23 ta’ Ġunju 2023, *li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat u r-Regolament (UE) 2022/2473 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna lil impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat* u kif jista’ jiġi sussegwentament emendat [minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa].

Din l-Iskema mhix applikabbli għal dawn li ġejjin:

a. Attivitajiet fl-Artikolu 1(2), (3), (4) u (5) tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa [fejn applikabbli].
b. L-impriżi f’diffikultà huma fil-prinċpju esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din l-Iskema, sakemm l-impriża ma kinitx f’diffikultà fil-31 ta’ Diċembru 2019 iżda saret impriża f’diffikultà fil-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2020 sal-31 ta’ Diċembru 2021.

Barra minn hekk, ma tistax tingħata għajnuna jekk din hija:

a. Relatata ma’ attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u l-operazzjoni ta’ network ta’ distribuzzjoni jew ma’ nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;
b. Dipendenti fuq l-użu ta’ prodotti domestiċi bi preferenza fuq prodotti importati;
c. Favur benefiċjarju li huwa soġġett għal ordni ta’ rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li għajnuna mogħtija minn Malta hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis ta’ taxxa jew imposta oħra. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu appoġġjati minn evidenza dokumentata, li għandha tkun ċara, speċifika u kontemporanja.

Għajnuna pagabbli fil-futur, inkluża għajnuna pagabbli f’diversi pagamenti, għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. L-ispejjeż eliġibbli għandhom jiġu skontati għall-valur tagħhom fil-mument li tingħata l-għajnuna. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għal skopijiet ta’ skont għandha tkun ir-rata ta’ skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għajnuna.

Ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni tal-għajnuna għandhom ikunu skont l-Artikolu 8 tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

# Teħtieġ parir?

Qabel it-tressiq tal-applikazzjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizzi ta' konsultazzjoni biex jgħinek tiżgura l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu disponibbli matul kull pass tal-proċess. Nistgħu ngħinuk tiddeċiedi jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek humiex konformi mal-mekkaniżmu tal-appoġġ inkwistjoni u nagħtuk feedback dwar il-mod kif qed tippjana li tippreżenta l-proġett. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba' ġimgħat qabel id-data ta' skadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b'hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Dawn il-linji gwida ġew aġġornati fit-02 ta' Marzu 2026.

# Skema ta’ Appoġġ għall-Iscreen:

—

# It-Tielet Fergħa:
# Films Qosra

**Linji Gwida u Regolamenti 2026**

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠIN: MARZU 2026

**L-ALLOKAZZJONIJIET**

| IL-BAĠIT GĦAS-SESSJONI | L-AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| €140,000 | €35,000 |

| KOFINANZJAMENT | L-IŻBORŻ |
|---|---|
| L-Iskema tista’ tkopri sa 100% tal-ispejjeż totali tal-proġett. | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

**L-ISKEDA TA’ ŻMIEN**

| L-ISKADENZA | IR-RIŻULTATI | L-ISKEDA TA’ ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 14 ta’ April 2026 | 25 ta’ Ġunju 2026 | għal Xogħol Fittizju jew Animat<br>mis-26 ta’ Ġunju 2026 sas-26 ta’ Ġunju 2029<br><br>għal Dokumentarji<br>mis-26 ta’ Ġunju 2026 sas-26 ta’ Ġunju 2031 |

# 1. Introduzzjoni

L-għan tal-**Iskema ta' Appoġġ għall-Iscreen – It-Tielet Fergħa: Films Qosra** huwa li tappoġġja l-produzzjoni ta' films qosra b'kontenut kulturali u kreattiv biex titjieb il-kwalità tal-produzzjonijiet awdjoviżivi f'Malta. Il-fergħa se tkun limitata għal dawn il-produzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji kulturali: animazzjoni, dokumentarji u fizzjoni.

Il-fergħa tipprovdi appoġġ finanzjarju permezz ta' għotja lil professjonist individwali fis-settur awdjoviżiv u entitajiet awdjoviżivi indipendenti biex jipproduċu produzzjonijiet awdjoviżivi ta' kwalità u dan l-appoġġ jista' jinkludi wkoll mentoraġġ minn espert tal-industrija tal-films ta' esperjenza kbira maħtur mill-Kunsill Malti għall-Arti ("KMA").

L-Iskema timmira li tappoġġja kreazzjonijiet awdjoviżivi ambizzjużi u li tinkoraġġixxi l-produzzjoni ta' films qosra oriġinali.

L-appoġġ jista' jingħata lil applikanti eliġibbli għall-involviment tagħhom f'koproduzzjonijiet internazzjonali (bħala sħab b'maġġoranza jew minoranza), sakemm l-applikazzjoni titressaq minn applikant eliġibbli u ftehim ta' koproduzzjoni jinsab fis-seħħ (skont standards tal-industrija). Il-proġetti għandhom juru kooperazzjoni artistika u/jew teknika bejn l-isħab tal-koproduzzjoni.

L-applikanti huma mitluba jikkunsidraw id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi meta jizviluppaw il-proposta tagħhom b'rabta ma' kif jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet u l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta' kulħadd fix-xogħol tagħhom. Il-pakkett ta' riżorsi għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u jappoġġja l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta' kuljum.

L-applikanti huma meħtieġa wkoll jikkunsidraw il-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u ta' programmazzjoni tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u deċenti għall-artisti u l-prattikanti kreattivi li jħaddnu l-libertà artistika, l-aċċessibbiltà, ir-rikonoxximent ta' ħiliet formali/informali/non-formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi deċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, konsiderazzjonijiet etiċi u aderenza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex tipprovdi qafas dinamiku ta' referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f'Malta f'konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. Id-definizzjonijiet

Applikant:

- Applikant jista' jkun Professjonist Individwali fis-Settur Awdjoviżiv bħalma hu definit jew Entità Awdjoviżiva Indipendenti. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni tal-**Iskema ta' Appoġġ għall-Iscreen– It-Tielet Fergħa: Films Qosra**.

Il-kodiċi NACE tal-applikant trid tkun waħda minn dawn li ġejjin:

- J59.11 Attivitajiet ta’ produzzjoni ta’ films taċ-ċinema, video u programmi tat-televiżjoni
- J59.12 Attivitajiet ta’ postproduzzjoni ta’ films taċ-ċinema, video u programmi tat-televiżjoni
- J59.13 Attivitajiet ta’ tqassim ta’ films taċ-ċinema u vidjo
- S90.13: Attivitajiet oħra ta’ ħolqien artistiku

Applikazzjoni:

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formula tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.

Benefiċjarju:

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur l-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-Iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista’ jinħareġ biss f’isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT hija maħruġa f’ismu u li tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tiegħu.

Bidu tax-xogħolijiet:

- Tfisser wieħed minn dawn, skont liem jiġi l-ewwel: il-bidu tal-perjodu ta’ eliġibbiltà tal-ispejjeż jew l-iffirmar ta’ ftehim bi rbit legali għall-akkwist ta’ prodott jew servizz relatat mal-proġett, li jagħmel dan l-investiment irriversibbli. Xogħolijiet preparatorji mhumiex meqjusa bħala l-bidu tax-xogħolijiet.

Dokumentarju:

- Produzzjoni li bħala punt tat-tluq tagħha għandha suġġett reali imma li tirrikjedi kitba oriġinali sostanzjali u li tistabbilixxi l-punt di vista tal-awtur u/jew tad-direttur minn perspettiva storika u/jew kontemporanja. Dokumentarju għandu jkollu ċertu elementi li jgħoddu għal kull żmien u għandu jkollu wkoll filming oriġinali sinifikanti (sakemm mhux dokumentarju bbażat fuq filmati arkivjali jew animazzjonijiet) u mhux wieħed li sempliċiment jgħaddi informazzjoni. Għall-għanijiet ta’ dawn il-linji gwida, dokumentarju b’tul ta’ 52 minuta jew aktar għandu jitqies bħala film twil.

Dokumentazzjoni obbligatorja:

- Kwalunkwe dokument meħtieġ li jappoġġja l-proposta tiegħek u jgħin l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek.

Eliġibbiltà:

- L-applikazzjonijiet se jiġu qabelxejn skrinjati f’termini ta’ eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-managers tal-fond. Il-proposti li ma jiġux ikkunsidrati eliġibbli f’termini tal-kriterja mwaqqfa ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

Entità Awdjoviżiva Indipendenti:

- Entità Awdjoviżiva Indipendenti hija persuna ġuridika debitament irreġistrata f’Malta, bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata, sħubija en Commandite jew li tistabbilixxi fergħa jew post tan-negozju f ’Malta taħt Taqsima XI Kapitolu 1 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (KAP 386 tal-Liġijiet ta’ Malta), u li l-attività prinċipali tagħha tikkonsisti fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ xogħlijiet

awdjoviżivi. Hija meqjusa indipendenti jekk l-oriġini tagħha huma indipendenti mill-Istat, jew entitajiet pubbliċi u/jew parastatali, organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliċi jew privati, pjattaformi ta' streaming jew kumpaniji tat-telekomunikazzjoni. L-istokks jew l-ishma tal-entità ma jistgħux jappartjenu lill-Istat, entitajiet pubbliċi u/jew parastatali, organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliċi jew privati, pjattaformi ta' streaming jew kumpaniji tat-telekomunikazzjoni.

Evalwaturi:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar tim ta' evalwaturi għal kull sejħa taħt l-Iskema. Il-Kunsill Malti għall-Arti jista' jaħtar kemm professjonisti lokali kif ukoll barranin fis-settur tal-kultura u l-arti. Il-Kunsill tal-Arti se jiżgura li l-bord ikun bilanċjat u jinkludi kemm professjonisti lokali u/jew barranin b'esperjenza ta' minimu ta' ħames snin f'din il-fergħa.

Evalwazzjoni:

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida.

Films qosra:

- Dawn jistgħu jkunu xogħol ta' fizzjoni, dokumentarju, jew animazzjoni b'tul massimu ta' 69 minuta fil-każ ta' xogħol ta' fizzjoni u 51 minuta fil-każ ta' dokumentarju. Films qosrra huma kkunsidrati bħala xogħol awdjoviżiv diffiċli.

Finanzjament massimu:

- L-allokazzjoni massima għal kull proġett hija ta' €35,000. Kull każ jiġi deċiż għalih, skont il-proġett.

Ġestjoni u amministrazzjoni:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-ġestjoni ta' din l-Iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluża s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, għandha tintbagħat lill-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

Impriża:

- Impriża hija definita bħala entità involuta f'attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE (jiġifieri kwalunkwe attività li tikkonsisti fil-forniment ta' oġġetti u servizzi f'suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li tiġi ffinanzjata bih. Il-klassifikazzjoni ta' entità partikulari bħala impriża tiddependi għalkollox min-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma tiddependix minn jekk l-entità tkunx ġiet stabbilita biex tiġġenera l-profitti. L-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu wkoll ifornu oġġetti u servizzi fis-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, l-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jibqgħu 'l barra mill-ambitu tal-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża tibqa' dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward tal-ewwel.

Impriża f'diffikultà:

- Impriża f'diffikultà tfisser impriża rigward liema sseħħ għall-inqas waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi:
  - Fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs tal-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa

bħala riżultat ta' telf akkumulat. Dan ikun il-każ meta t-tnaqqis ta' telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi l-oħra kollha ġeneralment meqjusa bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv negattiv li jaqbeż nofs il-kapital tal-ishma sottoskritt. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija b'responsabbiltà limitata" tirreferi b'mod partikulari għat-tipi ta' kumpaniji msemmijin fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew u l-"kapital azzjonarju" jinkludi, fejn relevanti, kwalunkwe primjum azzjonarju.

- Fil-każ ta' kumpanija fejn mill-inqas uħud mill-membri huma responsabbli mingħajr limitu għad-dejn tal-kumpanija (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija fejn mill-inqas uħud mill-membri huma responsabbli mingħajr limitu għad-dejn tal-kumpanija" tirreferi b'mod partikulari għat-tipi ta' kumpaniji msemmijin fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE.
- Meta l-impriża tkun soġġetta għal proċeduri kollettivi ta' insolvenza jew tkun tissodisfa l-kriterji biex, skont il-liġi domestika tagħha, jinbdew kontriha proċeduri kollettivi ta' insolvenza fuq talba tal-kredituri tagħha.
- Fejn l-impriża tkun irċeviet għajnuna għas-salvataġġ u għadha ma tkunx ħallset lura s-self jew temmet il-garanzija, jew tkun irċeviet għajnuna għar-ristrutturar u tkun għadha soġġetta għal pjan għar-ristrutturar.
- Fil-każ ta' impriża li mhix SME, fejn, għal dawn l-aħħar sentejn:
  - il-proporzjon tad-dejn kontabilistiku mal-ekwità tal-kumpanija kien ogħla minn 7.5; u
  - il-proporzjon tal-kopertura tal-imgħax EBITDA tal-impriża kien inqas minn 1.0.

## Intrapriża żgħira jew ta' daqs medju

- It-terminju jirreferi għal impriża li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li tiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat.

## Katina tat-titlu:

- Kull ftehim/dokumentazzjoni li huma evidenza tas-sekwenza tat-trasferimenti tat-titlu għal xogħol.

## Mood board:

- Għodda viżwali intenzjonata biex tikkomunika l-kunċetti tal-film ta' proġett partikulari. Hija arranġament maħsub tajjeb u ppjanat ta' immaġni, materjali, biċċiet tat-test, eċċ. li hija maħsuba biex tevoka jew tipproġetta stil jew tonalità partikulari.

## Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi:

- Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti u huma Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta International Contemporary Arts Space, Festivals Malta u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva.

## Perjodu ta' eliġibbiltà tal-ispejjeż:

- Il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-ispejjeż stabbilit f'paġna 2 ta' dan id-dokument u huwa indikat fil-ftehim.

Produttur:

- Il-persuna responsabbli li ssib u tniedi l-proġett awdjoviżiv. Dan jinkludi responsabbiltà għal aspetti kreattivi, finanzjarji u ta’ ġestjoni fil-ħolqien ta’ film jew produzzjoni televiżiva. Produttur jissorvelja l-elementi kollha ta’ qabel, waqt u wara l-produzzjoni, sakemm din tinħareġ.

Produzzjoni/proġett awdjoviżiv:

- Produzzjoni/proġett awdjoviżiv jistgħu jkunu xogħol fittizju, dokumentarju, jew animazzjoni.

Professjonist Individwali fis-Settur Awdjoviżiv:

- Persuni naturali li qed japplikaw għal dan il-fond iridu jkunu ċittadini Maltin jew għandhom permess ta’ reżidenza permanenti Maltija, jew ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija jew passaport Malti. Persuni naturali jridu jkunu professjonisti awdjoviżivi attivi fl-attivitajiet NACE eliġibbli.

Proposti mressqa mill-ġdid:

- Proġett jew proposta li tressqu f’sejħa preċedenti jistgħu jitressqu mill-ġdid biss jekk sar tibdil konsiderevoli fihom jew jekk elementi ġodda ġew żviluppati mill-aħħar sottomissjoni. Fil-każ ta’ tressiq mill-ġdid, l-applikant għandu jippreżent rapport jew stqarrija li juru b’mod ċar il-bidliet li saru.

Trattament:

- Sommarju ddettaljat li normalment jippreżenta l-istruttura tal-istorja sħiħa u jwassal id-dinja, il-karattri, ix-xeni importanti u l-punti tal-istorja; iservi ta’ pjan direzzjonali għall-qarrej, il-produttur u l-kittieb.

Xogħol awdjoviżiv diffiċli:

- Dan jinkludi xogħlijiet awdjoviżivi minn diretturi għall-ewwel u t-tieni darba, films qosra, dokumentarji, produzzjonijiet b’baġit baxx (jiġifieri meta l-baġit totali tal-produzzjoni ma jaqbiżx il-€1,500,000, xogħlijiet li ġew prodotti oriġinarjament bil-Malti (jew b’lingwa b’territorju ta’ distribuzzjoni, popolazzjoni jew żona tal-lingwa limititati), jew xogħlijiet li huma kummerċjalment diffiċli.

# 3. L-eliġibbiltà

Qabelxejn, il-proġetti jiġu skrinjati f’termini ta’ eliġibbiltà. Proposti ineliġibbli f’termini tal-punti msemmija hawn taħt ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

L-iskeda ta’ żmien massima biex twettaq il-proġett:

- Fil-każ ta’ xogħol fittizju u animat, 36 xahar mid-data tan-notifikazzjoni tar-riżultat, fejn il-perjodu ta’ eliġibbiltà għall-ispejjeż huwa bejn is-26 ta’ Ġunju 2026 u s-26 ta’ Ġunju 2029.
- Fil-każ ta’ dokumentarji, 60 xahar mid-data tan-notifikazzjoni tar-riżultat, fejn il-perjodu ta’ eliġibbiltà huwa bejn is-26 ta’ Ġunju 2026 u s-26 ta’ Ġunju 2031.

## 3.1 Min jista’ japplika?

L-għotja hija miftuħa għal impriżi (li għalihom tingħata għajnuna skont ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFEU) [jekk jogħġbok irreferi għal Taqsima 9 ta’ dawn il-linji gwida għal aktar informazzjoni].

L-applikanti jeħtieġ jikkwalifikaw bħala:

- Entità Awdjoviżiva Independenti kif iddefinita f’dawn il-linji gwida.
- Professjonist Individwali fis-Settur Awdjoviżiv hekk kif definit f’dawn il-linji gwida.

Barra minn hekk, l-applikanti jeħtieġ jissodisfaw dawn il-kriterji kollha:

- Huma intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju.
- Fejn applikabbli, l-applikanti jridu jkunu l-oriġinaturi tal-proġett, l-iskript jew it-trattament jew għandhom il-maġġoranza tad-drittijiet (sakemm l-applikant ma jkunx koproduttur b’minoranza) fir-rigward tal-proġett li għalih qed jintalab appoġġ.
- Jeħtieġ li għall-inqas direttorat wieħed jew il-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jkunu miżmuma minn ċittadini Maltin jew persuni li għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta.
- Jeħtieġ li l-applikanti jkollhom ċertifikat ta’ reġistrazzjoni tal-VAT.
- Jeħtieġ li l-applikanti jkunu fil-pussess ta’ katina sħiħa tat-titlu. Id-dokumenti tal-katina tat-titlu se jkunu meħtieġa meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Jekk il-katina tat-titlu ma tkunx kompluta, il-KMA jkollu d-dritt li jirtira kwalunkwe appoġġ mogħti.
- Jeħtieġ li waqt it-tressiq tal-applikazzjoni, l-applikanti jkunu reġistrati mal-korp regolatorju applikabbli.
- Ressaq applikazzjoni kompleta għal assistenza permezz ta’ din l-Iskema, qabel il-bidu tax-xogħolijiet.

Fil-każ ta’ aktar minn produttur wieħed, jeħtieġ li l-applikazzjoni timtela minn entità waħda. Il-produtturi li huma parti mill-koproduzzjoni jridu jilħqu ftehim fuq dan il-punt u jinkludu dikjarazzjoni konġunta li trid tiġi inkluża fl-applikazzjoni.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti jiġu esklużi milli japplikaw għall-appoġġ jekk huma, jew, fejn applikabbli, l-azzjonisti jew il-persuni li għandhom setgħat ta’ rappreżentanza jew ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet:
  i. instabu ħatja permezz ta’ sentenza finali ta’ wieħed minn dawn ir-reati li ġejjin: parteċipazzjoni f’organizzazzjoni kriminali, korruzzjoni, frodi, ħasil ta’ flus, tħaddim ta’ tfal, traffikar tal-bnedmin;
  ii. jinsabu f’sitwazzjoni ta’ falliment, likwidazzjoni, terminazzjoni tal-attivitajiet, insolvenza jew arranġament mal-kredituri jew kwalunkwe sitwazzjoni simili li tirriżulta minn proċedura tal-istess tip, jew soġġetti għal proċedura tal-istess tip; jew
  iii. instabu ħatja b’sentenza finali ta’ mġiba professjonali ħażina serja jew kwalunkwe reat ieħor relatat mal-integrità professjonali.
- Applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat minħabba li ma jkunx komplut sforz in-nuqqas tad-dokumenti obbligatorji mniżżlin hawn isfel:

   - kopja tal-karta tal-identità Maltija (quddiem u wara); jew permess ta’ residenza f’Malta; jew ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx bħala applikant skont id-definizzjoni ta’ din il-fergħa speċifika.
- Benefiċjarji li ma onorawx impenji ta’ finanzjament preċedenti.
- Benefiċjarji li ma ressqux jew li ma kkonkludewx saż-żmien stipulat minn tal-inqas rapport finali wieħed b’rabta ma’ għotja passata u ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti.
- Entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali mitluba mill-Malta Business Registry.
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi lokali permezz ta’ voti stabbiliti fil-baġit tal-Gvern.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?[3]

L-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen – It-Tielet Fergħa: Films Qosra** tista’ tkopri sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli indikati hawn taħt (sa massimu ta’ €35,000, liema ammont minnhom ikun l-inqas).

L-ispejjeż diretti eliġibbli huma identifikati bħala spejjeż speċifiċi marbutin direttament mal-istadju ta’ qabel il-produzzjoni, fosthom:

- Akkomodazzjoni ekonomika;
- Akkwist tad-drittijiet neċessarji (fosthom tariffa raġonevoli għal opzjoni jekk l-iskript huwa bbażat fuq materjal sottostant, awtorizzazzjoni tal-mużika, materjal arkivjali);
- Assigurazzjoni;
- Catering (*on* jew *off set*)
- Ġestjoni tal-proġett (inklużi fost l-oħrajn l-amministrazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iżvilupp);
- Kiri ta’ spazji;
- Kiri/xiri ta’ tagħmir u teknoloġija (ix-xiri ta’ tagħmir jiġi kkunsidrat biss jekk meqjus neċessarju għall-proġett);
- Kirjiet u servizzi marbutin mal-produzzjoni;
- Kontinġenza, sa massimu ta’ 10% tal-ispejjeż totali;
- Spejjeż ta' ħidma/iet (above the line and below the line): Persunal u talent li jaħdmu taħt kuntratt ta’ impjieg mal-applikant u assenjati għall-proġett, li jinkludi salarji attwali flimkien ma’ kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u spejjeż statutorji oħrajn inklużi fir-remunerazzjoni tagħhom, sakemm dawn l-ispejjeż ikunu konformi mal-politika normali tal-applikant dwar ir-remunerazzjoni jew, fejn applikabbli, dawk tas-sħab tiegħu;
- Miżati għal pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħrajn fejn relevanti (bħal software għal kitba tal-iskript, eċċ.);
- Miżuri ta’ saħħa u sigurtà;
- Oġġetti konsumabbli u provvisti;

---

[3] L-ispejjeż kollha jiġu kkunsidrati biss jekk dawn ir-riżorsi mhumiex diġà koperti/ma jistgħux jiġu koperti mill-applikanti jew mill-organizzazzjonijiet li qed jappoġġjaw/huma sħab fil-proġett.

- Servizzi ta' produzzjoni pprovduti mix-xandar, li jeskludu l-kiri tat-tagħmir, li jistgħu jew jitpoġġew fuq il-proġett jew ikkunsidrati bħala kontribuzzjoni lejn kofinanzjament;
- Servizzi ta' VFX u oħrajn simili;
- Sottotitolar;
- Spejjeż marbutin ma' wara l-produzzjoni (fosthom editjar, ekwipaġġ/tagħmir/servizzi; disinn tal-ħoss fosthom ADR u Foley; drittijiet għall-mużika u kompożizzjoni; korrezzjoni tal-kulur; sottotitolar; krediti u trailers);
- Spejjeż ta' marketing, relazzjonijiet pubbliċi u komunikazzjoni;
- Spejjeż ta' riċerka (fosthom riċerka fl-arkivji, riċerka tal-udjenza, riċerka għas-sħab, investituri u koprodutturi, tariffi għar-riċerkaturi);
- Spejjeż ta' trasport;
- Tariffa tal-produtturi jew koprodutturi;
- Tariffi għal konsultazzjoni, riċerka u pariri minn professjonisti li jirrigwardjaw ngħidu aħna, il-kontabilità, l-awditjar, il-finanzjament, il-legalità, il-marketing, l-impatt, l-editjar u konsulenza professjonali relatata oħra;
- Tariffi marbutin mal-lokazzjoni;
- Tariffi oħrajn marbutin direttament mat-twettiq tal-proġett (fosthom, imma mhux b'mod esklużiv, mentors, fornituri ta' servizzi, tariffi għal parteċipazzjoni, tariffi lingwistiċi, eċċ.);
- Teaser/trailer;
- Traduzzjoni mil-lingwa oriġinali għal kwalunkwe lingwa Ewropea oħra;
- Traskrizzjoni, dubbing u sottotitoli deskrittivi;
- VAT li ma tistax tinġabar lura, fejn applikabbli;
- Viża tal-ivvjaġġar;
- Vjaġġar (fil-klassi ekonomika), fosthom trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru kiri ta' karozza/vettura).

Fil-każ ta' servizzi interni, dikjarazzjoni ffirmata mid-direttur tal-entità ġuridika flimkien ma' evidenza ta' pussess ta' tagħmir (jekk applikabbli) hija biżżejjed.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati se jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis tat-taxxa jew ħlas ieħor. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu appoġġjati minn evidenza dokumentata li tkun ċara, speċifika u attwali.

Għal aktar informazzjoni kif tippreżenta l-baġit tiegħek, irreferi għal-Linji Gwida Ġenerali dwar il-Baġit, li jinsabu hawn.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Dejn dubjuż;
- Dejn u spejjeż tas-servizz tad-dejn;
- Dħul minn kapital;
- Imgħax dovut;
- Kopertura għal telf jew dejn;

- Spejjeż diġà koperti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, jew minn programmi ta' finanzjament pubbliku oħrajn ġestiti jew koġestiti mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika, Dipartiment tal-Gvern jew Ministeru ieħor;
- Spejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju u koperti minn għotja oħra tal-Gvern ta' Malta jew tal-Unjoni Ewropea: l-appoġġ finanzjarju mogħti taħt din l-Iskema jista' jingħata flimkien ma' appoġġ finanzjarju mogħti minn awtoritajiet oħra tal-għoti (taħt skemi multipli ta' appoġġ), sakemm dan ma jkunx eskluż b'mod espliċitu mil-linji gwida jew mir-regolamenti tal-awtoritajiet l-oħra tal-għoti u sakemm tali appoġġ kumulattiv ma jaqbiżx l-ispejjeż reali mġarrba u l-limiti tal-għajnuna għall-intensità, kif applikabbli;
- Spejjeż imġarrba minn koproduttur li mhux se jkun kobenefiċjarju tal-ftehim f'każ ta' għażla;
- Spejjeż imġarrba qabel il-bidu tax-xogħlijiet;
- Spejjeż imġarrba qabel it-tressiq tal-applikazzjoni;
- Spejjeż li mhumiex marbuta direttament mal-proġett;
- Spejjeż meqjusa eċċessivi jew imprudenti;
- Spejjeż retroattivi;
- Tariffi għal servizzi pprovduti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jew aġenziji pubbliċi oħra, Dipartiment tal-Gvern, jew Ministeru;
- Tariffi indiretti tal-produtturi u kontinġenzi;
- Telf fil-kambju;
- VAT rikuperabbli, fejn applikabbli.

L-ispejjeż kollha eliġibbli għal finanzjament taħt din l-Iskema jridu jkunu neċessarji u raġonevoli għat-tlestija tal-proġett u konsistenti mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda u l-prattiki kontabilistiċi.

## 3.5 Liema applikazzjonijiet huma eliġibbli għal appoġġ?

Il-proġetti jridu jissodisfaw għall-inqas TNEJN minn dawn il-kriterji:

- Il-produttur jew produtturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta' residenza permanenti f'Malta;
- Il-kittieb jew kittieba huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta' residenza permanenti f'Malta;
- Id-direttur jew diretturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta' residenza permanenti f'Malta.

Barra minn hekk, l-appoġġ jingħata biss lil Proġetti Awdjoviżivi li huma prodotti kulturali.

Il-proġetti jiġu kkunsidrati prodotti kulturali jekk:

- jikkontribwixxu lill-kultura Maltija u/jew Ewropea; jew
- jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-industrija tal-film u t-televiżjoni f'Malta u/jew l-Ewropa; jew
- jiġu kkunsidrati kulturali fid-dawl tal-kontenut tagħhom.

L-evalwaturi għandhom jivverifikaw dawn il-kriterji skont il-parametri ta' eliġibbiltà kif stabbiliti mill-KMA għal kull wieħed mill-kriterji kulturali ta' hawn fuq. Il-proġetti ddikjarati mhux kulturali ma

għandhom jingħataw l-ebda għajnuna. Agħfas hawn biex tniżżel l-Eżami Kulturali - l-applikanti huma mitluba li jimlewh u jtellgħuh fil-parti indikata meta jissottomettu l-applikazzjoni fuq is-CRM tal-KMA.

## 3.6 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli għal appoġġ?

- Applikazzjonijiet imressqa minn entitajiet pubbliċi b’vot fuq linja baġitarja jew mingħajru;
- Applikazzjonijiet imressqa wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data ta’ skadenza;
- Applikazzjonijiet li ma jikkwalifikawx bħala xogħol awdjoviżiv diffiċli skont id-definizzjoni għal din il-fergħa;
- Applikazzjonijiet li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni ta’ produzzjoni/proġett awdjoviżiv kulturali għal din l-Iskema speċifika;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għat-Taqsima 5.1 – Lista ta’ Kontroll);
- Attivitajiet bil-għan li jinġabru fondi jew jagħmlu propoganda politika;
- Attivitajiet mhux marbuta mal-kultura, l-arti u l-industriji kreattivi;
- Films ta’ reklamar, korporattivi, taħriġ u/jew films promozzjonali jew infomercials;
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, jew l-Iskema ta’ Boroż ta’ Studju tal-Arti f’Malta;
- Proġetti li jinkludu u/jew jippromwovu propoganda politika;
- Proġetti li jintemmu qabel in-notifikazzjoni tar-riżultat lill-applikant(i);
- Proġetti li jippromwovu vjolenza, razziżmu u kontenut pornografiku li jiksru l-Kostituzzjoni Maltija;
- Proġetti li l-ispejjeż jaqgħu kompletament barra mill-perjodu ta’ żmien eliġibbli;
- Proposti mressqa mill-ġdid mingħajr ma jkunu sarulhom bidliet konsiderevoli jew elementi ġodda meta mqabblin mas-sottomissjoni preċedenti jew li ma jinkludux rapport/stqarrija li jistqarru biċ-ċar il-bidliet li saru;
- Reality shows, programmi stil magazine u dwar l-istil ta’ ħajja, programmi kulturali, programmi ta’ diskussjoni, kwizzijiet u game shows, reklami, divertiment.

Kwalunkwe attività oħra li tiġi żviluppata barra l-ambitu tal-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen – It-Tielet Fergħa: Films Qosra** mhix eliġibbli għal appoġġ.

L-applikanti jistgħu jressqu aktar minn applikazzjoni waħda taħt l-istess sejħa, imma f’kull fergħa applikazzjoni waħda biss tista’ tiġi ffinanzjata.

# 4. L-evalwazzjoni

Il-Bord Evalwattiv se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kriterji li ġejjin:

## 4.1 L-Ewwel Kriterju: Il-Kunċett (45 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità, il-qawwa u l-oriġinalità tal-kunċett u l-iskript/it-trattament kif ukoll il-potenzjal li jintlaħqu udjenzi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Kemm il-kunċett u l-iskript/it-trattamet juru oriġinalità (fit-tema, il-perspettiva u l-approċċ viżiv) (L-applikanti għandhom iqisu wkoll kif il-proposta tallinja mal-prinċipji fi ħdan id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi u l-Karta għall-Istatus tal-Artist bħal fit-Taqsima 1); (15-il marka)
- Il-viżjoni u l-istil; (15-il marka)
- Is-saħħa tal-proposta bil-potenzjal li tilħaq udjenzi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. (10 marki)
- Il-pjanijiet lil hinn mill-implimentazzjoni ta' din il-proposta. (5 marki)

## 4.2 It-Tieni Kriterju: Il-Ġestjoni tal-Proġett (15-il marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-livell ta' impenn u tħejjija qabel it-tressiq tal-proposta kif ukoll il-pjan propost biex iwassal u jikseb l-objettivi fil-mira. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- L-esperjenza relevanti tat-tim kreattiv (fosthom dik fuq livell internazzjonali); (5 marki)
- Il-kapaċità tal-produzzjoni u r-rieda biex jiġi prodott ix-xogħol propost b'suċċess; (5 marki)
- Ir-reputazzjoni finanzjarja u legali tat-tim kreattiv. (5 marki)

## 4.3 It-Tielet Kriterju: L-Involviment tal-Udjenza u l-Potenzjal ta' Ċirkolazzjoni (25 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp ta' udjenzi stabbiliti u ġodda. L-involviment jirreferi għall-irwol, in-natura tal-involviment u l-esperjenza offruta lill-udjenza. Il-potenzjal ta' ċirkolazzjoni jirreferi għall-potenzjal ta' parteċipazzjoni f'festivals (u rikonoxximent) u distribuzzjoni internazzjonali, kif ukoll il-potenzjal biex jiġi stimulat interess minn koprodutturi, festivals, swieq, aġenti tal-bejgħ, distributuri u/jew xandara/pjattaformi. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Iddefinixxi l-udjenzi fil-mira u spjega kif se jintlaħqu dawn l-udjenzi. Agħti deskrizzjoni ġenerali tal-pjan ta' marketing, relazzjonijiet pubbliċi u komunikazzjoni meqjusin relevanti għall-programm(i) propost(i) ta' attivitajiet. Spjega r-raġunijiet wara l-metodi magħżula. (10 marki)
- Il-potenzjal ta' skrinjar, parteċipazzjoni f'festivals u s-suq; il-livell ta' distribuzzjoni f'territorji differenti; ittra/i ta' intenzjoni minn distributuri u membri fl-industrija. (10 marki)
- Ittra/i ta' intenzjoni jew kuntratt iffirmati għal koproduzzjoni, jekk disponibbli. (5 marki)

## 4.4 Ir-Raba' Kriterju: Il-Baġit u l-Pjan Finanzjarju (15-il marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità u l-vijabbiltà (skont l-istandards tal-industrija) tal-baġit u l-pjan finanzjarju (fejn applikabbli). Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Ipprovdi tqassim ċar tal-baġit li jinkludi l-ispejjeż relatati direttament mal-produzzjoni proposta. (8 marki)
- Ipprovdi pjan finanzjarju (il-kwalità u l-vijabbiltà ġenerali tal-istrateġija finanzjarja; il-livell ta' finanzjament ikkonfermat – evidenzjat bi ftehimiet iffirmati u/jew ittri ta' intenzjoni). (7 marki)

# 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Biex tapplika segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Iċċekkja jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn din l-Iskema.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq ‘Irreġistra Issa’ u imla d-dettalji.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-Iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta’ sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġ jirreġistraw profil fuq is-sistema CRM tal-KMA għall-inqas ġimagħtejn qabel id-data ta’ skadenza tas-sejħa.

Jekk ikollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista’ ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formula ta’ applikazzjoni kompluta kif spjegat f’dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formuli tal-applikazzjoni tiegħek mhux ser jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti qabel id-data ta’ skadenza tal-applikazzjoni. Il-Kunsill għandu d-diskrezzjoni esklużiva li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data ta’ skadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, inklużi d-dokumenti li jappoġġjaw il-proposta.

L-applikazzjonijiet illi jaslu wara 12:00 (nofsinhar) tad-data ta’ skadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-lista ta’ kontroll

Biex l-applikazzjoni tkun sħiħa, trid tkun akkumpanjata minn:

- Katina sħiħa tat-titlu;

- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT Malti;
- Ċertifikat ta' reputazzjoni tajba tar-reġistrazzjoni l-aktar riċenti – Dan id-dokument jiġġedded kull sena mill-Malta Business Registry u huwa prova ta' konformità;
- Kopja tal-karta tal-identità Maltija, permess ta' residenza Maltija, ċertifikat taċ-ċittadinanza Maltija jew passaport Malti tal-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jew id-direttur;
- Bijonoti tal-kontributuri ewlenin tal-proġett;
- Dikjarazzjoni li l-applikant ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' impriża f'diffikultà, hekk kif definit f'dawn il-linji gwida;
- Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għas-sottomissjoni tal-proposta;
- Pakkett ta' proġett kreattiv:
    i. Logline
    ii. Sinopsi
    iii. Skript (abbozz avvanzat) / trattament fil-każ ta' dokumentarju kreattiv
    iv. Stqarrija ta' intenzjoni tal-kittieba (massimu ta' paġna)
    v. Noti tad-direttur (massimu ta' paġna)
    vi. Deskrizzjoni fil-qosor tal-udjenza fil-mira u l-istrateġija maħsuba fl-aħħar tal-proċess (strateġija ta' festivals u marketing, eċċ.) (massimu ta' paġna)
    vii. Teaser, trailer, sekwenza ta' materjal riċerkattiv (massimu ta' 7 minuti) jew għall-inqas ritratti li juru lill-karattri ewlenin (jekk applikabbli), l-approċċ viżiv, l-istil u t-ton intenzjonati f'każ ta' proġetti ta' dokumentarju kreattiv
- Pakkett ta' Animazzjoni (li jinkludi tpinġijiet li jistgħu juru l-approċċ viżiv, l-istil u t-ton intenzjonati; id-disinn tal-karattri (fosthom karattri f'poża jew azzjoni) u, jekk disponibbli, Animation Bible fil-każ ta' proġett ta' animazzjoni;
- Series Bible (Dokument ta' 10 – 15-il-paġna ddisinjat għall-proġett, inkluż logline, sinopsi, ħarsa ġenerali tal-proġett (baġit/format/ġeneru), informazzjoni dwar dinja/ton/*setting*, deskrizzjoni tal-karattru u tal-episodju, kwalunkwe informazzjoni pertinenti tat-tim) fil-każ ta' serje.
- Baġit (sommarju fuq quddiem u ieħor dettaljat);
- Pjan finanzjarju (jekk il-baġit jeċċedi l-finanzjament massimu ta' €35,000);
- Skeda tal-iffilmjar (pjan ta' ħidma fil-każ ta' dokumentarji/animazzjoni);
- Applikazzjonijiet bi ftehim ta' kożvilupp diġà ffirmati jiġu kkunsidrati biss jekk l-applikant jista' jipprovdi l-ftehim ta' kożvilupp jew memo ta' ftehim debitament iffirmati. Il-ftehim jew il-memo ta' ftehim għandhom jinkludu klawżoli standard tal-industrija, fost l-oħrajn klawżoli li jirregolaw it-taqsim ta' drittijiet u l-input kreattiv ta' kull produttur.

Dokumentazzjoni supplimentari (jekk disponibbli):

- Kopja ta' dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tad-Dħul li juri li l-applikant huwa kontribwent f'Malta;

- Ittra/i ta' intenzjoni, memo ta' ftehim jew ftehimiet minn sħab finanzjarji u xerrejja;
- Ftehim(iet) ta' kożvilupp u/jew koproduzzjoni, memo ta' ftehim jew ittra/i ta' intenzjoni;
- Xogħlijiet preċedenti;
- Stqarrija tal-produttur; deskrizzjoni fil-qosor tal-karattri; storyboard; mood board.

N.B. Dokumenti li jeħtieġu numru minimu jew massimu ta’ paġni għandhom jinkitbu bil-Font – Times New Roman u bil-Font-Size – 12.
Fajls ta’ 5MB jew inqas jistgħu jinthemżu direttament fil-formola tal-applikazzjoni, fajls akbar jistgħu jiġu pprovduti permezz ta’ ħolqa li ma tiskadix jew li teħtieġ verifikazzjoni tal-identità.

# 6. Il-proċess tal-evalwazzjoni

Din l-Iskema hija kompetittiva u tiġi evalwata minn bord ta’ esperti settorjali skont kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju għandu allokat għadd ta’ marki speċifiċi. Sabiex proġetti jiġu kkunsidrati għal finanzjament, jeħtieġ jiksbu minimu ta’ 60 marka.

Madankollu, is-sessjoni ta’ evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta’ finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti mressqa u mid-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk jekk proġett jikseb 60 marka jew aktar ma jfissirx li se jingħata l-fondi awtomatikament. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista’ jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi totali disponibbli għal sejħa partikulari kemm-il darba l-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont il-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta’ evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom fl-industrija tal-films. Il-Kunsill jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija.

## 6.1 Shortlisting

Il-bord ta’ evalwazzjoni jiltaqa’ għall-evalwazzjoni inizjali li fiha jiġu diskussi l-applikazzjonijiet eliġibbli kollha. L-applikazzjonijiet kollha jingħataw punteġġ u dawk li jiksbu 60 marka jew aktar jitpoġġew f’shortlist. L-applikanti li jitpoġġew fix-shortlist jiġu mistiedna għal sessjoni ta’ pitching.

Is-sessjoni ta’ pitching mhix obbligatorja u huwa l-applikant li jiddeċiedi jattendix jew le. L-applikanti fix-shortlist li jagħżlu li ma jattendux għas-sessjoni ta’ pitching ma jiġux penalizzati. L-evalwaturi, fid-diskrezzjoni esklużiva tagħhom, jistgħu wkoll jistiednu applikant għal sessjoni ta’ pitching li kiseb 25 marka jew aktar fl-ewwel kriterju, imma total ta’ anqas minn 60 marka.

L-applikazzjonijiet kollha, inklużi dawk li ma jiġux shortlisted, jirċievu n-notifika tar-riżultat uffiċjali flimkien ma’ kopja tal-formola tar-rispons fid-data tar-riżultati kif indikat f’paġna 2 ta’ dan id-dokument.

## 6.2 Pitching

L-għan tas-sessjoni tal-pitching huwa li tinħoloq opportunità għall-applikanti biex jippreżentaw il-proġetti tagħhom lill-evalwaturi. L-applikazzjonijiet tal-proġetti diġà jkunu ġew evalwati mill-

evalwaturi u l-maniġers tal-fond qabel is-sessjoni tal-pitching. Il-kittieb, id-direttur u l-produttur jistgħu jkunu preżenti għas-sessjoni tal-pitching.

Matul is-sessjoni, l-applikant ikollu l-opportunità li jippreżenta kummenti, l-aħħar għarfien u żidiet mad-deskrizzjoni tal-proġett li tkun diġà ġiet imressqa.

Il-pitch jista’ jiġi ppreżentat f’forom varji, fosthom permezz ta’ għajnuniet viżwali, preżentazzjonijiet bil-PowerPoint, awdjo, eċċ., u m’għandhiex tkun itwal minn ħames (5) minuti. Matul il-pitch, l-applikanti huma mistennija li jispjegaw il-viżjoni artistika tal-proġett u jikkomunikaw kif il-proġett se jiġi mwettaq. Din il-pitch ta’ ħames minuti se tkun segwita minn sessjoni ta’ mistoqsijiet mal-bord tal-evalwaturi.

Is-sessjoni tal-pitching hija elettiva.

L-applikanti jistgħu jagħżlu li ma jattendux għas-sessjoni tal- pitching. F’każ bħal dan, l-applikant ma jiġix penalizzat talli jagħżel li ma jattendix. F’każ bħal dan, l-applikant ikun awtomatikament qed jitlef l-opportunità li jippreżenta materjal ġdid u/jew addizzjonali lill-bord tal-evalwazzjoni.

## 6.3 Komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f’paġna 2 għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta’ akkumpanjament, nehmżu wkoll kopja tal-formula tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, dejjem skont il-kriterji tal-fond.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet tal-proġetti li jingħataw il-fondi. Fil-każ ta’ proġetti li ma jingħatawx il-fondi jiġi ppubblikat biss in-numru ta’ referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista’ tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta’ sollecitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-Eżekuttiv Anzjan tal-Fond, il-Manager tal-Fond u l-evalwaturi tal-fond titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett

Il-Kunsill jaċċetta varjazzjoni mill-baġit propost. Il-kontinġenza indikata fil-pjan baġitarju tappoġġja kwalunkwe varjazzjoni mill-baġit propost. Taħt ebda ċirkustanza, il-Kunsill mhu se jkun f’pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija.

Jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond. L-għotja tista’ tingħata biss wara tlestija tal-proċess imsemmi qabel fiż-żmien stabbilit.

70% tal-ammont totali allokat mill-Bord Evalwattiv jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. Il-pagament finali ta’ 30% jingħata wara sottomissjoni tar-rapport finali mill-benefiċjarju u l-approvazzjoni mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo uffiċjali tal-Kunsill fuq il-materjal relatat kollu u jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġjat bl-għotja kif ġej: **Dan il-proġett huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti**. Dan għandu jiġi applikat fil-materjal kollu maħsub għall-marketing, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-istampa. L-għotja mogħtija għandha tintuża esklużivament għall-għan li ngħatat għalih, f’konformità mal-proposta mressqa u l-kuntratt. Il-kunċett ewlieni u l-intenzjoni kreattiva tal-proġett iridu jibqgħu konsistenti matul il-perjodu ffinanzjat.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill minnufih jekk waqt it-twettiq tal-proġett jiżvolġu bidliet li jaffettwaw lin-natura tiegħu. Ma jistgħux jiġu implimentati bidliet mingħajr ma tkun ingħatat ebda approvazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-benefiċjarju li jiġġustifika l-bidliet, u dawn il-bidliet ma għandhomx jinżammu jekk dawn huma normalment aċċettati fl-industrija internazzjonali tal-films.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett ma tkunx ikkunsidrata allinjata mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jiġix infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjonijiet ma’ rappreżentanti tal-Kunsill għal finijiet ta’ monitoraġġ, kemm waqt it-twettiq tal-proġett kif ukoll wara t-tlestija.

Il-Kunsill jirriżerva wkoll id-dritt li jirrevedi l-pagament finali jekk l-infiq totali jkun inqas minn dak stmat fil-formula tal-applikazzjoni.

## 7.1 Rapport

Fl-għeluq tal-proġett, se tintalab tressaq rapport dettaljat li jenfasizza x-xogħol li sar u l-kisbiet tal-proġett, sa mhux aktar tard minn tliet xhur mill-konklużjoni tal-proġett tiegħek. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell għar-rapport tiegħek. Jekk relevanti, il-benefiċjarji se jintalbu wkoll iressqu flimkien ma’ dan ir-rapport, kopja tal-film u kwalunkwe marketing, pubbliċità, jew materjal ta’ informazzjoni żviluppat għall-proġett finanzjat.

Tintalab tippreżenta tqassim finali, dettaljat u ċċertifikat tal-dħul u l-infiq. It-tqassim tad-dħul u l-infiq għandu jitħejja f’konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli u allinjati ma’ dawn il-linji gwida u regolamenti, u għandu jiġi ċċertifikat minn *accountant* jew awditur bil-warrant.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jżomm id-dritt li juża mill-materjal tal-proġett imressaq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jitlob lill-Benefiċjarju biex jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew l-irċevuti fiskali biex issostni t-tqassim dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jżomm id-dritt li jirkupra l-fondi f'każ li ma ġewx użati u/jew intużaw ħażin u/jew ma ntużawx skont il-baġit imressaq jew ir-regoli stabbiliti f'dawn il-linji gwida u r-regolamenti.

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri u r-regolamenti stipulati f'dawn il-linji gwida. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern, u/jew,
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta' lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni jew bi provi relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa' finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Fondi fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill ilaqqa' bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord hija finali.

# 9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

Din l-Iskema hija applikabbli għal:

- Entitajiet Awdjoviżivi Indipendenti kif definiti f'dawn il-linji gwida.
- Professjonist Individwali fis-Settur Awdjoviżiv hekk kif definit f'dawn il-linji gwida.

Għall-fini ta’ regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, tali applikanti jitqiesu bħala impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE. It-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f’dawn il-linji gwida se jiġu implimentati f’konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta’ għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1084 tal-14 ta’ Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 f’dak li għandu x’jaqsam ma’ għajnuna għal infrastruttura tal-port u tal-ajruport, livelli limitu ta’ notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u għajnuna għall-infrastrutturi għall-isport u għar-rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta’ għajnuna operatorja reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 f’dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli, bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta’ Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1407/2013 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u l-aġġustamenti rilevanti, bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1237 tat-23 ta’ Lulju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1315 tat-23 ta’ Ġunju 2023, *li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat u r-Regolament (UE) 2022/2473 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna lil impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat* u kif jista’ jiġi sussegwentament emendat [minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa].

Din l-Iskema mhix applikabbli għal dawn li ġejjin:

a. Attivitajiet fl-Artikolu 1(2), (3), (4) u (5) tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa [fejn applikabbli].
b. L-impriżi f’diffikultà huma fil-prinċpju esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din l-Iskema, sakemm l-impriża ma kinitx f’diffikultà fil-31 ta’ Diċembru 2019 iżda saret impriża f’diffikultà fil-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2020 sal-31 ta’ Diċembru 2021.

Barra minn hekk, ma tistax tingħata għajnuna jekk din hija:

a. Relatata ma’ attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u l-operazzjoni ta’ network ta’ distribuzzjoni jew ma’ nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;
b. Dipendenti fuq l-użu ta’ prodotti domestiċi bi preferenza fuq prodotti importati;
c. Favur benefiċjarju li huwa soġġett għal ordni ta’ rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li għajnuna mogħtija minn Malta hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis ta’ taxxa jew imposta oħra. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu appoġġjati minn evidenza dokumentata, li għandha tkun ċara, speċifika u kontemporanja.

Għajnuna pagabbli fil-futur, inkluża għajnuna pagabbli f’diversi pagamenti, għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. L-ispejjeż eliġibbli għandhom jiġu skontati għall-valur tagħhom fil-mument li tingħata l-għajnuna. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għal skopijiet ta’ skont għandha tkun ir-rata ta’ skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għajnuna.

Ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni tal-għajnuna għandhom ikunu skont l-Artikolu 8 tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

# Teħtieġ parir?

Qabel it-tressiq tal-applikazzjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizzi ta’ konsultazzjoni biex jgħinek tiżgura l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu disponibbli matul kull pass tal-proċess. Nistgħu ngħinuk tiddeċiedi jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek humiex konformi mal-mekkaniżmu tal-appoġġ inkwistjoni u nagħtuk feedback dwar il-mod kif qed tippjana li tippreżenta l-proġett. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba’ ġimgħat qabel id-data ta’ skadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b’hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista’ ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Dawn il-linji gwida ġew aġġornati fit-02 ta’ Marzu 2026.

# Skema ta’ Appoġġ għall-Iscreen:

—

# Ir-Raba’ Fergħa:
# Produzzjoni ta’ Films Twal

**Linji Gwida u Regolamenti 2026**

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠIN: MARZU 2026

**L-ALLOKAZZJONIJIET**

| IL-BAĠIT GĦAS-SESSJONI | L-AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| €2,000,000 | €450,000 |

| KOFINANZJAMENT | L-IŻBORŻ |
|---|---|
| Din l-Iskema tista’ tkopri sa 50% tal-ispejjeż eliġibbli, sa 60% fil-każ ta’ koproduzzjonijiet li jinvolvu aktar minn Stat Membru tal-UE wieħed (jiġifieri ffinanzjati minn aktar minn Stat Membru wieħed u li jinvolvu produtturi minn aktar minn Stat Membru wieħed), u sa 100% fil-każ ta’ xogħol awdjoviżiv diffiċli. | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja.<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali. |

**L-ISKEDA TA’ ŻMIEN**

| L-ISKADENZA | IR-RIŻULTATI | L-ISKEDA TA’ ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 14 ta’ April 2026 | 25 ta’ Ġunju 2026 | għal Xogħol Fittizju u Animat<br>mis-26 ta’ Ġunju 2026<br>sas-26 ta’ Ġunju 2030<br><br>għal Dokumentarji<br>mis-26 ta’ Ġunju 2026<br>sas-26 ta’ Ġunju 2031 |

# 1. Introduzzjoni

L-għan tal-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen– Ir-Raba’ Fergħa: Produzzjoni ta’ Films Twal** hija li tappoġġja l-istadju ta’ produzzjoni ta’ produzzjonijiet awdjoviżivi kulturali u kreattivi f’Malta. Din il-fergħa se tkun miftuħa għal dawn il-produzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji kulturali eliġibbli: fizzjoni, dokumentarji u animazzjoni.

Din il-fergħa tipprovdi appoġġ finanzjarju permezz ta’ għotja lil entitajiet awdjoviżivi indipendenti biex jipproduċu produzzjonijiet awdjoviżivi ta’ kwalità u dan l-appoġġ jista’ jinkludi wkoll mentoraġġ minn espert tal-industrija tal-films ta’ esperjenza kbira maħtur mill-Kunsill Malti għall-Arti (“KMA”).

L-Iskema timmira li tappoġġja kreazzjonijiet awdjoviżivi ambizzjużi u li tinkoraġġixxi l-produzzjoni ta’ films qosra oriġinali.

L-appoġġ jista’ jingħata lil applikanti eliġibbli għall-involviment tagħhom f’koproduzzjonijiet internazzjonali (bħala sħab b’maġġoranza jew minoranza), sakemm l-applikazzjoni titressaq minn applikant eliġibbli u ftehim ta’ koproduzzjoni jinsab fis-seħħ (skont standards tal-industrija). Il-proġetti għandhom juru kooperazzjoni artistika u/jew teknika bejn l-isħab tal-koproduzzjoni.

L-applikanti huma mitluba jikkunsidraw id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta’ Riżorsi meta jiżviluppaw il-proposta tagħhom b’rabta ma’ kif jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet u l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta’ kulħadd fix-xogħol tagħhom. Il-pakkett ta’ riżorsi għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u jappoġġja l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta’ kuljum.

L-applikanti huma meħtieġa wkoll jikkunsidraw il-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u ta’ programmazzjoni tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u deċenti għall-artisti u l-prattikanti kreattivi li jħaddnu l-libertà artistika, l-aċċessibbiltà, ir-rikonoxximent ta’ ħiliet formali/informali/non-formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi deċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, konsiderazzjonijiet etiċi u aderenza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex tipprovdi qafas dinamiku ta’ referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f’Malta f’konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. Id-definizzjonijiet

Applikant:

- Applikant jista’ jkun Entità Awdjoviżiva Indipendenti. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni tal-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen– Ir-Raba’ Fergħa: Produzzjoni ta’ Films Twal**.

  Il-kodiċi NACE tal-applikant trid tkun waħda minn dawn li ġejjin:

- J59.11 Attivitajiet ta’ produzzjoni ta’ films taċ-ċinema, video u programmi tat-televiżjoni
- J59.12 Attivitajiet ta’ postproduzzjoni ta’ films taċ-ċinema, video u programmi tat-televiżjoni
- J59.13 Attivitajiet ta’ tqassim ta’ films taċ-ċinema u vidjo

Applikazzjoni:

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formula tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.

Benefiċjarju:

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur l-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-Iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista’ jinħareġ biss f’isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT hija maħruġa f’ismu u li tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tiegħu.

Bidu tax-xogħolijiet:

- Tfisser wieħed minn dawn, skont liem jiġi l-ewwel: il-bidu tal-perjodu ta’ eliġibbiltà tal-ispejjeż jew l-iffirmar ta’ ftehim bi rbit legali għall-akkwist ta’ prodott jew servizz relatat mal-proġett, li jagħmel dan l-investiment irriversibbli. Xogħolijiet preparatorji mhumiex meqjusa bħala l-bidu tax-xogħolijiet.

Dokumentarju:

- Produzzjoni li bħala punt tat-tluq tagħha għandha suġġett reali imma li tirrikjedi kitba oriġinali sostanzjali u li tistabbilixxi l-punt di vista tal-awtur u/jew tad-direttur minn perspettiva storika u/jew kontemporanja. Dokumentarju għandu jkollu ċertu elementi li jgħoddu għal kull żmien u għandu jkollu wkoll filming oriġinali sinifikanti (sakemm mhux dokumentarju bbażat fuq filmati arkivjali jew animazzjonijiet) u mhux wieħed li sempliċiment jgħaddi informazzjoni. Għall-għanijiet ta’ dawn il-linji gwida, dokumentarju b’tul ta’ 52 minuta jew aktar għandu jitqies bħala film twil.

Dokumentazzjoni obbligatorja:

- Kwalunkwe dokument meħtieġ li jappoġġja l-proposta tiegħek u jgħin l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek.

Eliġibbiltà:

- L-applikazzjonijiet se jiġu qabelxejn skrinjati f’termini ta’ eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-managers tal-fond. Il-proposti li ma jiġux ikkunsidrati eliġibbli f’termini tal-kriterja mwaqqfa ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

Entità Awdjoviżiva Indipendenti:

- Entità Awdjoviżiva Indipendenti hija persuna ġuridika debitament irreġistrata f’Malta, bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata, sħubija en Commandite jew li tistabbilixxi fergħa jew post tan-negozju f ’Malta taħt Taqsima XI Kapitolu 1 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (KAP 386 tal-Liġijiet ta’ Malta) u li l-attività prinċipali tagħha tikkonsisti fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ xogħlijiet awdjoviżivi u hija residenti f’Malta għall-finijiet ta’ taxxa. Hija meqjusa indipendenti jekk l-oriġini tagħha huma indipendenti mill-Istat, jew entitajiet pubbliċi u/jew parastatali,

organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliċi jew privati, pjattaformi ta’ streaming jew kumpaniji tat-telekomunikazzjoni. L-istokks jew l-ishma tal-entità ma jistgħux jappartjenu lill-Istat, entitajiet pubbliċi u/jew parastatali, organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliċi jew privati, pjattaformi ta’ streaming jew kumpaniji tat-telekomunikazzjoni.

Evalwaturi:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar tim ta’ evalwaturi għal kull sejħa taħt l-Iskema. Il-Kunsill Malti għall-Arti jista’ jaħtar kemm professjonisti lokali kif ukoll barranin fis-settur tal-kultura u l-arti. Il-Kunsill tal-Arti se jiżgura li l-bord ikun bilanċjat u jinkludi kemm professjonisti lokali u/jew barranin b’esperjenza ta’ minimu ta’ ħames snin f’din il-fergħa.

Evalwazzjoni:

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f’dawn il-linji gwida.

Films twal:

- Dawn jistgħu jkunu xogħol fittizju, dokumentarju, jew animazzjoni, b’tul minimu ta’ 70 minuta fil-każ ta’ xogħol fittizju u 52 minuta fil-każ ta’ dokumentarju.

Finanzjament massimu:

- L-allokazzjoni massima għal kull proġett hija ta’ €450,000. Kull każ jiġi deċiż għalih, skont il-proġett.

Ġestjoni u amministrazzjoni:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-ġestjoni ta’ din l-Iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluża s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, għandha tintbagħat lill-indirizz indikat f’dawn il-linji gwida.

Impriża:

- Impriża hija definita bħala entità involuta f’attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE (jiġifieri kwalunkwe attività li tikkonsisti fil-forniment ta’ oġġetti u servizzi f’suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li tiġi ffinanzjata bih. Il-klassifikazzjoni ta’ entità partikulari bħala impriża tiddependi għalkollox min-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma tiddependix minn jekk l-entità tkunx ġiet stabbilita biex tiġġenera l-profitti. L-entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ jistgħu wkoll ifornu oġġetti u servizzi fis-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, l-entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ jibqgħu ’l barra mill-ambitu tal-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta’ entità bħala impriża tibqa’ dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward tal-ewwel.

Impriża f’diffikultà:

- Impriża f’diffikultà tfisser impriża rigward liema sseħħ għall-inqas waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi:
    - Fil-każ ta’ kumpanija b’responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs tal-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta’ telf akkumulat. Dan ikun il-każ meta t-tnaqqis ta’ telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi l-oħra kollha ġeneralment meqjusa bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija)

iwassal għal ammont kumulattiv negattiv li jaqbeż nofs il-kapital tal-ishma sottoskritt. Għall-finijiet ta’ din id-dispożizzjoni, “kumpanija b’responsabbiltà limitata” tirreferi b’mod partikulari għat-tipi ta’ kumpaniji msemmijin fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew u l-“kapital azzjonarju” jinkludi, fejn relevanti, kwalunkwe primjum azzjonarju.

- Fil-każ ta’ kumpanija fejn mill-inqas uħud mill-membri huma responsabbli mingħajr limitu għad-dejn tal-kumpanija (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa bħala riżultat ta’ telf akkumulat. Għall-finijiet ta’ din id-dispożizzjoni, “kumpanija fejn mill-inqas uħud mill-membri huma responsabbli mingħajr limitu għad-dejn tal-kumpanija” tirreferi b’mod partikulari għat-tipi ta’ kumpaniji msemmijin fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE.
- Meta l-impriża tkun soġġetta għal proċeduri kollettivi ta’ insolvenza jew tkun tissodisfa l-kriterji biex, skont il-liġi domestika tagħha, jinbdew kontriha proċeduri kollettivi ta’ insolvenza fuq talba tal-kredituri tagħha.
- Fejn l-impriża tkun irċeviet għajnuna għas-salvataġġ u għadha ma tkunx ħallset lura s-self jew temmet il-garanzija, jew tkun irċeviet għajnuna għar-ristrutturar u tkun għadha soġġetta għal pjan għar-ristrutturar.
- Fil-każ ta’ impriża li mhix SME, fejn, għal dawn l-aħħar sentejn:
    - il-proporzjon tad-dejn kontabilistiku mal-ekwità tal-kumpanija kien ogħla minn 7.5; u
    - il-proporzjon tal-kopertura tal-imgħax EBITDA tal-impriża kien inqas minn 1.0.

## Intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju

- It-terminju jirreferi għal impriża li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta’ Ġunju 2014 li tiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat.

## Katina tat-titlu:

- Kull ftehim/dokumentazzjoni li huma evidenza tas-sekwenza tat-trasferimenti tat-titlu għal xogħol.

## Mood board:

- Għodda viżwali intenzjonata biex tikkomunika l-kunċetti tal-film ta’ proġett partikulari. Hija arranġament maħsub tajjeb u ppjanat ta’ immaġni, materjali, biċċiet tat-test, eċċ. li hija maħsuba biex tevoka jew tipproġetta stil jew tonalità partikulari.

## Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi:

- Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti u huma Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika ta’ Malta, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta International Contemporary Arts Space, Festivals Malta u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva.

## Perjodu ta’ eliġibbiltà tal-ispejjeż:

- Il-perjodu ta’ eliġibbiltà tal-ispejjeż stabbilit f’paġna 2 ta’ dan id-dokument u huwa indikat fil-

Produttur:

- Il-persuna responsabbli li ssib u tniedi l-proġett awdjoviżiv. Dan jinkludi responsabbiltà għal aspetti kreattivi, finanzjarji u ta’ ġestjoni fil-ħolqien ta’ film jew produzzjoni televiżiva. Produttur jissorvelja l-elementi kollha ta’ qabel, waqt u wara l-produzzjoni, sakemm din tinħareġ.

Produzzjoni/proġett awdjoviżiv:

- Produzzjoni/proġett awdjoviżiv jistgħu jkunu xogħol fittizju, dokumentarju, jew animazzjoni.

Proposti mressqa mill-ġdid:

- Proġett jew proposta li tressqu f’sejħa preċedenti jistgħu jitressqu mill-ġdid biss jekk sar tibdil konsiderevoli fihom jew jekk elementi ġodda ġew żviluppati mill-aħħar sottomissjoni. Fil-każ ta’ tressiq mill-ġdid, l-applikant għandu jippreżent rapport jew stqarrija li juru b’mod ċar il-bidliet li saru.

Trattament:

- Sommarju ddettaljat li normalment jippreżenta l-istruttura tal-istorja sħiħa u jwassal id-dinja, il-karattri, ix-xeni importanti u l-punti tal-istorja; iservi ta’ pjan direzzjonali għall-qarrej, il-produttur u l-kittieb.

Xogħol awdjoviżiv diffiċli:

- Dan jinkludi xogħlijiet awdjoviżivi minn diretturi għall-ewwel u t-tieni darba, films qosra, dokumentarji, produzzjonijiet b’baġit baxx (jiġifieri meta l-baġit totali tal-produzzjoni ma jaqbiżx il-€1,500,000, xogħlijiet li ġew prodotti oriġinarjament bil-Malti (jew b’lingwa b’territorju ta’ distribuzzjoni, popolazzjoni jew żona tal-lingwa limititati), jew xogħlijiet li huma kummerċjalment diffiċli.

# 3. L-eliġibbiltà

Qabelxejn, il-proġetti jiġu skrinjati f’termini ta’ eliġibbiltà. Proposti ineliġibbli f’termini tal-punti msemmija hawn taħt ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

L-iskeda ta’ żmien massima biex twettaq il-proġett:

- Fil-każ ta’ xogħol fittizju u animat, 48 xahar mid-data tan-notifikazzjoni tar-riżultat, fejn il-perjodu ta’ eliġibbiltà għall-ispejjeż huwa bejn is-26 ta’ Ġunju 2026 u s-26 ta’ Ġunju 2030.
- Fil-każ ta’ dokumentarji, 60 xahar mid-data tan-notifikazzjoni tar-riżultat, fejn il-perjodu ta’ eliġibbiltà huwa bejn is-26 ta’ Ġunju 2026 u s-26 ta’ Ġunju 2031.

## 3.1 Min jista’ japplika?

L-għotja hija miftuħa għal impriżi (li għalihom tingħata għajnuna skont ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFEU) [jekk jogħġbok irreferi għal Taqsima 9 ta’ dawn il-linji gwida għal aktar informazzjoni].

L-applikanti jeħtieġ jikkwalifikaw bħala:

- Entità Awdjoviżiva Independenti kif iddefinita f’dawn il-linji gwida.

Barra minn hekk, l-applikanti jeħtieġ jissodisfaw dawn il-kriterji kollha:

- Huma intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju.
- Fejn applikabbli, l-applikanti jridu jkunu l-oriġinaturi tal-proġett, l-iskript jew it-trattament jew għandhom il-maġġoranza tad-drittijiet (sakemm l-applikant ma jkunx koproduttur b’minoranza) fir-rigward tal-proġett li għalih qed jintalab appoġġ.
- Jeħtieġ li għall-inqas direttorat wieħed jew il-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jkunu miżmuma minn ċittadini Maltin jew persuni li għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta.
- Jeħtieġ li l-applikanti jkollhom ċertifikat ta’ reġistrazzjoni tal-VAT.
- Jeħtieġ li l-applikanti jkunu fil-pussess ta’ katina sħiħa tat-titlu. Id-dokumenti tal-katina tat-titlu se jkunu meħtieġa meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Jekk il-katina tat-titlu ma tkunx kompluta, il-KMA jkollu d-dritt li jirtira kwalunkwe appoġġ mogħti.
- Jeħtieġ li waqt it-tressiq tal-applikazzjoni, l-applikanti jkunu reġistrati mal-korp regolatorju applikabbli.
- Ressaq applikazzjoni kompleta għal assistenza permezz ta’ din l-Iskema, qabel il-bidu tax-xogħolijiet.

Fil-każ ta’ aktar minn produttur wieħed, jeħtieġ li l-applikazzjoni timtela minn entità waħda. Il-produtturi li huma parti mill-koproduzzjoni jridu jilħqu ftehim fuq dan il-punt u jinkludu dikjarazzjoni konġunta li trid tiġi inkluża fl-applikazzjoni.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti jiġu esklużi milli japplikaw għall-appoġġ jekk huma, jew, fejn applikabbli, l-azzjonisti jew il-persuni li għandhom setgħat ta’ rappreżentanza jew ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet:
    i. instabu ħatja permezz ta’ sentenza finali ta’ wieħed minn dawn ir-reati li ġejjin: parteċipazzjoni f’organizzazzjoni kriminali, korruzzjoni, frodi, ħasil ta’ flus, tħaddim ta’ tfal, traffikar tal-bnedmin;
    ii. jinsabu f’sitwazzjoni ta’ falliment, likwidazzjoni, terminazzjoni tal-attivitajiet, insolvenza jew arranġament mal-kredituri jew kwalunkwe sitwazzjoni simili li tirriżulta minn proċedura tal-istess tip, jew soġġetti għal proċedura tal-istess tip; jew
    iii. instabu ħatja b’sentenza finali ta’ mġiba professjonali ħażina serja jew kwalunkwe reat ieħor relatat mal-integrità professjonali.
- Applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat minħabba li ma jkunx komplut sforz in-nuqqas tad-dokumenti obbligatorji mniżżlin hawn isfel:
    - kopja tal-karta tal-identità Maltija (quddiem u wara); jew permess ta’ residenza f’Malta; jew ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx bħala applikant skont id-definizzjoni ta’ din il-fergħa speċifika.
- Benefiċjarji li ma onorawx impenji ta’ finanzjament preċedenti.
- Benefiċjarji li ma ressqux jew li ma kkonkludewx saż-żmien stipulat minn tal-inqas rapport finali wieħed b’rabta ma’ għotja passata u ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti.
- Entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali mitluba mill-Malta Business Registry.

- Organizzazzjonijiet/attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi lokali permezz ta’ voti stabbiliti fil-baġit tal-Gvern.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?[4]

L-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen – Ir-Raba’ Fergħa: Produzzjoni ta’ Films Twal** tista’ tkopri ta’ 50% / 60% f’każ ta’ koproduzzjonijiet li jinvolvu aktar minn Stat Membru tal-UE wieħed (jiġifieri ffinanzjati minn aktar minn Stat Membru wieħed u li jinvolvu produtturi minn aktar minn Stat Membru wieħed), / sa 100% fil-każ ta’ xogħol awdjoviżiv diffiċli tal-ispejjeż eliġibbli indikati hawn isfel (sa massimu ta’ €450,000, liema ammont minnhom ikun l-inqas).

L-ispejjeż diretti eliġibbli huma identifikati bħala spejjeż speċifiċi marbutin direttament mal-istadju ta’ qabel il-produzzjoni, fosthom:

- Akkomodazzjoni ekonomika;
- Akkwist tad-drittijiet meħtieġa (inkluż l-awtorizzazzjoni tal-mużika, il-materjali tal-arkivji);
- Assigurazzjoni;
- Catering (*on* u *off set*) ;
- Ġestjoni tal-proġett (inklużi fost l-oħrajn l-amministrazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iżvilupp);
- Kiri ta’ spazji;
- Kiri/xiri ta’ tagħmir u teknoloġija (ix-xiri ta’ tagħmir jiġi kkunsidrat biss jekk meqjus neċessarju għall-proġett);
- Kirjiet u servizzi marbutin mal-produzzjoni;
- Kontinġenza, sa massimu ta’ 10% tal-ispejjeż totali;
- Spejjeż ta' ħidma/iet (above the line and below the line): Persunal u talent li jaħdmu taħt kuntratt ta’ impjieg mal-applikant u assenjati għall-proġett, li jinkludi salarji attwali flimkien ma’ kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u spejjeż statutorji oħrajn inklużi fir-remunerazzjoni tagħhom, sakemm dawn l-ispejjeż ikunu konformi mal-politika normali tal-applikant dwar ir-remunerazzjoni jew, fejn applikabbli, dawk tas-sħab tiegħu;
- Miżati għal pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħrajn fejn relevanti (bħal software għal kitba tal-iskript, eċċ.);
- Miżuri ta’ saħħa u sigurtà;
- Oġġetti konsumabbli u provvisti;
- Servizzi ta’ produzzjoni pprovduti mix-xandar, li jeskludu l-kiri tat-tagħmir, li jistgħu jew jitpoġġew fuq il-proġett jew ikkunsidrati bħala kontribuzzjoni lejn kofinanzjament;
- Servizzi ta’ VFX u oħrajn simili;
- Sottotitolar;

---

[4] L-ispejjeż kollha jiġu kkunsidrati biss jekk dawn ir-riżorsi mhumiex diġà koperti/ma jistgħux jiġu koperti mill-applikanti jew mill-organizzazzjonijiet li qed jappoġġjaw/huma sħab fil-proġett.

- Spejjeż marbutin ma' wara l-produzzjoni (fosthom editjar, ekwipaġġ/tagħmir/servizzi; disinn tal-ħoss fosthom ADR u Foley; drittijiet għall-mużika u kompożizzjoni; korrezzjoni tal-kulur; sottotitolar; krediti u trailers);
- Spejjeż ta' marketing, relazzjonijiet pubbliċi u komunikazzjoni;
- Spejjeż ta' riċerka (fosthom riċerka fl-arkivji, riċerka tal-udjenza, riċerka għas-sħab, investituri u koprodutturi, tariffi għar-riċerkaturi);
- Spejjeż ta' trasport;
- Spejjeż tal-ivvjaġġar (titjiriet fil-klassi ekonomika, akkomodazzjoni ekonomika, spejjeż oħra tal-ivvjaġġar, per diem massima ta' €70 għal kull lejl għal kull persuna, li jridu jiġu sostnuti bi rċevuti) u tariffi għal akkreditazzjoni għal festivals jew forums ta' swieq/pitching jew avvenimenti oħrajn biex jiġu mfittxija sħab (eż. koprodutturi, aġenti tal-bejgħ, distributuri, xandara, pjattaformi, festivals). Fil-każ ta' dokumentarji kreattivi, l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' teaser u/jew trailer u/jew sekwenza ta' materjal riċerkattiv (massimu ta' 7 minuti) biex juri l-approċċ viżiv, l-istil u t-ton lil xerrejja potenzjali;
- Tariffa tal-produtturi jew koprodutturi;
- Tariffi għal konsultazzjoni, riċerka u pariri minn professjonisti li jirrigwardjaw ngħidu aħna, il-kontabilità, l-awditjar, il-finanzjament, il-legalità, il-marketing, l-impatt, l-editjar u konsulenza professjonali relatata oħra;
- Tariffi għal workshop (jew avveniment ieħor) imsejjes fuq proġett mtella' wara l-produzzjoni u kwalunkwe spejjeż ta' vjaġġar marbutin mal-editur u/jew il-produttur u/jew id-direttur fosthom titjiriet fil-klassi ekonomika, akkomodazzjoni ekonomika u spejjeż oħra tal-ivvjaġġar, per diem massima ta' €70 għal kull lejl għal kull persuna. L-ispejjeż kollha jridu jiġu sostnuti bi rċevuta;
- Tariffi marbutin mal-lokazzjoni;
- Tariffi oħrajn marbutin direttament mat-twettiq tal-proġett (fosthom, imma mhux b'mod esklużiv, mentors, fornituri ta' servizzi, tariffi għal parteċipazzjoni, tariffi lingwistiċi, eċċ.);
- Teaser/trailer;
- Traduzzjoni mil-lingwa oriġinali għal kwalunkwe lingwa Ewropea oħra;
- Traskrizzjoni, dubbing u sottotitoli deskrittivi;
- VAT li ma tistax tinġabar lura, fejn applikabbli;
- Viża tal-ivvjaġġar;
- Vjaġġar (fil-klassi ekonomika), fosthom trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru kiri ta' karozza/vettura).

Fil-każ ta' servizzi interni, dikjarazzjoni ffirmata mid-direttur tal-entità ġuridika flimkien ma' evidenza ta' pussess ta' tagħmir (jekk applikabbli) hija biżżejjed.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati se jiġu kkunsidrati qabel kwalunkwe tnaqqis tat-taxxa jew tariffa oħra. L-ispejjeż eliġibbli jridu jkunu sostnuti minn evidenza dokumentata li se tkun ċara, speċifika u kontemporanja. F'dawk il-każijiet, wara appoġġ ta' qabel il-produzzjoni, jekk l-iskript li joħroġ jew il-proġett jinqalbu għal xogħol awdjoviżiv, l-ispejjeż ta' qabel il-produzzjoni għandhom jiġu inkorporati fil-baġit ġenerali u għandhom jitqiesu fil-kalkulazzjoni tal-intensità tal-għajnuna.

Għal aktar informazzjoni kif tippreżenta l-baġit tiegħek, irreferi għal-Linji Gwida Ġenerali dwar il-Baġit, li jinsabu hawn.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Baġits li jaqbżu l-100% tal-ispiża tal-proġett;
- Dejn dubjuż;
- Dejn u spejjeż tas-servizz tad-dejn;
- Dħul minn kapital;
- Imgħax dovut;
- Kopertura għal telf jew dejn;
- Spejjeż diġà koperti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, jew minn programmi ta’ finanzjament pubbliku oħrajn ġestiti jew koġestiti mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika, Dipartiment tal-Gvern jew Ministeru ieħor;
- Spejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju u koperti minn għotja oħra tal-Gvern ta’ Malta jew tal-Unjoni Ewropea: l-appoġġ finanzjarju mogħti taħt din l-Iskema jista’ jingħata flimkien ma’ appoġġ finanzjarju mogħti minn awtoritajiet oħra tal-għoti (taħt skemi multipli ta’ appoġġ), sakemm dan ma jkunx eskluż b’mod espliċitu mil-linji gwida jew mir-regolamenti tal-awtoritajiet l-oħra tal-għoti u sakemm tali appoġġ kumulattiv ma jaqbiżx l-ispejjeż reali mġarrba u l-limiti tal-għajnuna għall-intensità, kif applikabbli;
- Spejjeż imġarrba minn koproduttur li mhux se jkun kobenefiċjarju tal-ftehim f’każ ta’ għażla;
- Spejjeż imġarrba qabel il-bidu tax-xogħlijiet;
- Spejjeż imġarrba qabel it-tressiq tal-applikazzjoni;
- Spejjeż li mhumiex marbuta direttament mal-proġett;
- Spejjeż meqjusa eċċessivi jew imprudenti;
- Spejjeż retroattivi;
- Tariffi għal servizzi pprovduti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jew aġenziji pubbliċi oħra, Dipartiment tal-Gvern, jew Ministeru;
- Tariffi indiretti tal-produtturi u kontinġenzi;
- Telf fil-kambju;
- VAT rikuperabbli, fejn applikabbli.

L-ispejjeż kollha eliġibbli għal finanzjament taħt din l-Iskema jridu jkunu neċessarji u raġonevoli għat-tlestija tal-proġett u konsistenti mal-prinċipji ta’ ġestjoni finanzjarja soda u l-prattiki kontabilistiċi.

## 3.5 Liema applikazzjonijiet huma eliġibbli għal appoġġ?

Il-proġetti jridu jissodisfaw għall-inqas TNEJN minn dawn il-kriterji:

- Il-produttur jew produtturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta;
- Il-kittieb jew kittieba huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta;
- Id-direttur jew diretturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta.

Dawn it-tip ta’ proġetti ta’ fizzjoni, animazzjoni u dokumentarji huma eliġibbli:

- Film twil intenzjonat għal teatri, festivals, televiżjoni, VOD;
- Serje televiżiv (Episodju Pilota; Episodji Sussegwenti individwali jew bħala staġun sħiħ; Mini-Series sħiħa – din tapplika għal series ġodda kif ukoll għal staġuni ġodda ta’ series eżistenti).

Barra minn hekk, l-appoġġ jingħata biss lil Proġetti Awdjoviżivi li huma prodotti kulturali. Il-proġetti jiġu kkunsidrati prodotti kulturali jekk:

- jikkontribwixxu lill-kultura Maltija u/jew Ewropea; jew
- jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-industrija tal-film u t-televiżjoni f'Malta u/jew l-Ewropa; jew
- jiġu kkunsidrati kulturali fid-dawl tal-kontenut tagħhom.

L-evalwaturi għandhom jivverifikaw dawn il-kriterji skont il-parametri ta' eliġibbiltà kif stabbiliti mill-KMA għal kull wieħed mill-kriterji kulturali ta' hawn fuq. Il-proġetti ddikjarati mhux kulturali ma għandhom jingħataw l-ebda għajnuna. Agħfas hawn biex tniżżel l-Eżami Kulturali - l-applikanti huma mitluba li jimlewh u jtellgħuh fil-parti indikata meta jissottomettu l-applikazzjoni fuq is-CRM tal-KMA.

## 3.6 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli għal appoġġ?

- Applikazzjonijiet imressqa minn entitajiet pubbliċi b'vot fuq linja baġitarja jew mingħajru;
- Applikazzjonijiet imressqa wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data ta' skadenza;
- Applikazzjonijiet li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni ta' produzzjoni/proġett awdjoviżiv kulturali għal din l-Iskema speċifika;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għat-Taqsima 5.1 – Lista ta' Kontroll);
- Attivitajiet bil-għan li jinġabru fondi jew jagħmlu propoganda politika;
- Attivitajiet mhux marbuta mal-kultura, l-arti u l-industriji kreattivi;
- Films ta' reklamar, korporattivi, taħriġ u/jew films promozzjonali jew infomercials;
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, jew l-Iskema ta' Boroż ta' Studju tal-Arti f'Malta;
- Proġetti li jinkludu u/jew jippromwovu propoganda politika;
- Proġetti li jintemmu qabel in-notifikazzjoni tar-riżultat lill-applikant(i);
- Proġetti li jippromwovu vjolenza, razziżmu u kontenut pornografiku li jiksru l-Kostituzzjoni Maltija;
- Proġetti li l-ispejjeż jaqgħu kompletament barra mill-perjodu ta' żmien eliġibbli;
- Proposti mressqa mill-ġdid mingħajr ma jkunu sarulhom bidliet konsiderevoli jew elementi ġodda meta mqabblin mas-sottomissjoni preċedenti jew li ma jinkludux rapport/stqarrija li jistqarru biċ-ċar il-bidliet li saru.
- Reality shows, programmi stil magazine u dwar l-istil ta' ħajja, programmi kulturali, programmi ta' diskussjoni, kwizzijiet u game shows, reklami, divertiment.

Kwalunkwe attività oħra li tiġi żviluppata barra l-ambitu tal-**Iskema ta' Appoġġ għall-Iscreen – Ir-Raba' Fergħa 4: Produzzjoni ta' Films Twal** mhix eliġibbli għal appoġġ.

L-applikanti jistgħu jressqu aktar minn applikazzjoni waħda taħt l-istess sejħa, imma f'kull fergħa applikazzjoni waħda biss tista' tiġi ffinanzjata.

# 4. L-evalwazzjoni

Il-Bord Evalwattiv se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kriterji li ġejjin:

## 4.1 L-Ewwel Kriterju: Il-Kunċett (45 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità, il-qawwa u l-oriġinalità tal-kunċett u l-iskript/it-trattament kif ukoll il-potenzjal li jintlaħqu udjenzi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Kemm il-kunċett u l-iskript/it-trattamet juru oriġinalità (fit-tema, il-perspettiva u l-approċċ viżiv) (L-applikanti għandhom iqisu wkoll kif il-proposta tallinja mal-prinċipji fi ħdan id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta’ Riżorsi u l-Karta għall-Istatus tal-Artist bħal fit-Taqsima 1) (15-il marka)
- Il-viżjoni u l-istil; (15-il marka)
- Is-saħħa tal-proposta bil-potenzjal li tilħaq udjenzi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. (10 marki)
- Il-pjanijiet lill hinn mill-implimentazzjoni ta’ din il-proposta. (5 marki)

## 4.2 It-Tieni Kriterju: Il-Ġestjoni tal-Proġett (15-il marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-livell ta’ impenn u tħejjija qabel it-tressiq tal-proposta kif ukoll il-pjan propost biex iwassal u jikseb l-objettivi fil-mira. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- L-esperjenza relevanti tat-tim kreattiv (fosthom dik fuq livell internazzjonali); (5 marki)
- Il-kapaċità tal-produzzjoni u r-rieda biex jiġi prodott ix-xogħol propost b’suċċess; (5 marki)
- Ir-reputazzjoni finanzjarja u legali tat-tim kreattiv. (5 marki)

## 4.3 It-Tielet Kriterju: L-Involviment tal-Udjenza u l-Potenzjal ta’ Ċirkolazzjoni (25 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp ta’ udjenzi stabbiliti u ġodda. L-involviment jirreferi għall-irwol, in-natura tal-involviment u l-esperjenza offruta lill-udjenza. Il-potenzjal ta’ ċirkolazzjoni jirreferi għall-potenzjal ta’ parteċipazzjoni f’festivals (u rikonoxximent) u distribuzzjoni internazzjonali, kif ukoll il-potenzjal biex jiġi stimulat interess minn koprodutturi, festivals, swieq, aġenti tal-bejgħ, distributuri u/jew xandara/pjattaformi. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Iddefinixxi l-udjenzi fil-mira u spjega kif se jintlaħqu dawn l-udjenzi. Agħti deskrizzjoni ġenerali tal-pjan ta’ marketing, relazzjonijiet pubbliċi u komunikazzjoni meqjusin relevanti għall-programm(i) propost(i) ta’ attivitajiet. Spjega r-raġunijiet wara l-metodi magħżula. (10 marki)
- Il-potenzjal ta’ skrinjar, parteċipazzjoni f’festivals u s-suq; il-livell ta’ distribuzzjoni f’territorji differenti; ittra/i ta’ intenzjoni minn distributuri u membri fl-industrija. (10 marki)
- Ittra/i ta’ intenzjoni jew kuntratt iffirmati għal koproduzzjoni, jekk disponibbli. (5 marki)

## 4.4 Ir-Raba’ Kriterju: Il-Baġit u l-Pjan Finanzjarju (15-il marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità u l-vijabbiltà (skont l-istandards tal-industrija) tal-baġit u l-pjan finanzjarju. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Ipprovdi tqassim ċar tal-baġit li jinkludi l-ispejjeż relatati direttament mal-produzzjoni proposta. (8 marki)
- Ipprovdi pjan finanzjarju (il-kwalità u l-vijabbiltà ġenerali tal-istrateġija finanzjarja; il-livell ta’ finanzjament ikkonfermat – evidenzjat bi ftehimiet iffirmati u/jew ittri ta’ intenzjoni). (7 marki)

# 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Biex tapplika segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Iċċekkja jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn din l-Iskema.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq ‘Irreġistra Issa’ u imla d-dettalji.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-Iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta’ sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġ jirreġistraw profil fuq is-sistema CRM tal-KMA għall-inqas ġimagħtejn qabel id-data ta’ skadenza tas-sejħa.

Jekk ikollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista’ ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formula ta’ applikazzjoni kompluta kif spjegat f’dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formuli tal-applikazzjoni tiegħek mhux ser jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti qabel id-data ta’ skadenza tal-applikazzjoni. Il-Kunsill għandu d-diskrezzjoni esklużiva li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data ta’ skadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, inklużi d-dokumenti li jappoġġjaw il-proposta.

L-applikazzjonijiet illi jaslu wara 12:00 (nofsinhar) tad-data ta’ skadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-lista ta’ kontroll

Biex l-applikazzjoni tkun sħiħa, trid tkun akkumpanjata minn:

- Katina sħiħa tat-titlu;
- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT Malti;
- Ċertifikat ta’ reputazzjoni tajba tar-reġistrazzjoni l-aktar riċenti – Dan id-dokument jiġġedded kull sena mill-Malta Business Registry u huwa prova ta’ konformità;
- Kopja tal-karta tal-identità Maltija, permess ta’ residenza Maltija, ċertifikat taċ-ċittadinanza Maltija jew passaport Malti tal-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jew id-direttur;
- Bijonoti tal-kontributuri ewlenin tal-proġett;
- Dikjarazzjoni li l-applikant ma jaqax taħt id-definizzjoni ta’ impriża f’diffikultà, hekk kif definit f’dawn il-linji gwida;
- Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għas-sottomissjoni tal-proposta;
- Pakkett ta’ proġett kreattiv:
    i. Logline
    ii. Sinopsi
    iii. Skript (abbozz avvanzat) / trattament fil-każ ta’ dokumentarju kreattiv
    iv. Stqarrija ta’ intenzjoni tal-kittieba (massimu ta’ paġna)
    v. Noti tad-direttur (massimu ta’ paġna)
    vi. Deskrizzjoni fil-qosor tal-udjenza fil-mira u l-istrateġija maħsuba fl-aħħar tal-proċess (strateġija ta’ festivals u marketing, eċċ.) (massimu ta’ paġna)
    vii. teaser, trailer, sekwenza ta’ materjal riċerkattiv (massimu ta’ 7 minuti) jew għall-inqas ritratti li juru lill-karattri ewlenin (jekk applikabbli), l-approċċ viżiv, l-istil u t-ton intenzjonati f’każ ta’ proġetti ta’ dokumentarju kreattiv
    viii. trailer/animazzjoni kunċettwali (30 sekonda huma biżżejjed) għal proġett ta’ animazzjoni.
- Pakkett ta’ Animazzjoni (li jinkludi tpinġijiet li jistgħu juru l-approċċ viżiv, l-istil u t-ton intenzjonati; id-disinn tal-karattri (fosthom karattri f’poża jew azzjoni) u, jekk disponibbli, Animation Bible fil-każ ta’ proġett ta’ animazzjoni;
- Series Bible (Dokument ta’ 10 – 15-il-paġna ddisinjat għall-proġett, inkluż logline, sinopsi, ħarsa ġenerali tal-proġett (baġit/format/ġeneru), informazzjoni dwar dinja/ton/*setting*, deskrizzjoni tal-karattru u tal-episodju, kwalunkwe informazzjoni pertinenti tat-tim) fil-każ ta’ serje;
- Baġit (sommarju fuq quddiem u ieħor dettaljat);
- Pjan finanzjarju;
- Skeda tal-iffilmjar (pjan ta’ ħidma fil-każ ta’ dokumentarji/animazzjoni);
- Applikazzjonijiet bi ftehim ta’ kożvilupp diġà ffirmati jiġu kkunsidrati biss jekk l-applikant jista’ jipprovdi l-ftehim ta’ kożvilupp jew memo ta’ ftehim debitament iffirmati. Il-ftehim jew il-memo

ta’ ftehim għandhom jinkludu klawżoli standard tal-industrija, fost l-oħrajn klawżoli li jirregolaw it-taqsim ta’ drittijiet u l-input kreattiv ta’ kull produttur.

Dokumentazzjoni supplimentari (jekk disponibbli):

- Kopja ta’ dokumenti maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tad-Dħul li juri li l-applikant huwa kontribwent f’Malta;
- Ittra/i ta’ intenzjoni, memo ta’ ftehim jew ftehimiet minn sħab finanzjarji u xerrejja;
- Ftehim(iet) ta’ kożvilupp u/jew koproduzzjoni, memo ta’ ftehim jew ittra/i ta’ intenzjoni;
- Xogħlijiet preċedenti;
- Stqarrija tal-produttur; deskrizzjoni fil-qosor tal-karattri; storyboard; mood board.

N.B. Dokumenti li jeħtieġu numru minimu jew massimu ta’ paġni għandhom jinkitbu bil-Font – Times New Roman u bil-Font-Size – 12.
Fajls ta’ 5MB jew inqas jistgħu jinthemżu direttament fil-formola tal-applikazzjoni, fajls akbar jistgħu jiġu pprovduti permezz ta’ ħolqa li ma tiskadix jew li teħtieġ verifikazzjoni tal-identità.

# 6. Il-proċess tal-evalwazzjoni

Din l-Iskema hija kompetittiva u tiġi evalwata minn bord ta’ esperti settorjali skont kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju għandu allokat għadd ta’ marki speċifiċi. Sabiex proġetti jiġu kkunsidrati għal finanzjament, jeħtieġ jiksbu minimu ta’ 60 marka.

Madankollu, is-sessjoni ta’ evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta’ finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti mressqa u mid-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk jekk proġett jikseb 60 marka jew aktar ma jfissirx li se jingħata l-fondi awtomatikament. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista’ jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi totali disponibbli għal sejħa partikulari kemm-il darba l-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont il-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta’ evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom fl-industrija tal-films. Il-Kunsill jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija.

## 6.1 Shortlisting

Il-bord ta’ evalwazzjoni jiltaqa’ għall-evalwazzjoni inizjali li fiha jiġu diskussi l-applikazzjonijiet eliġibbli kollha. L-applikazzjonijiet kollha jingħataw punteġġ u dawk li jiksbu 60 marka jew aktar jitpoġġew f’shortlist. L-applikanti li jitpoġġew fix-shortlist jiġu mistiedna għal sessjoni ta’ pitching.

Is-sessjoni ta’ pitching mhix obbligatorja u huwa l-applikant li jiddeċiedi jattendix jew le. L-applikanti fix-shortlist li jagħżlu li ma jattendux għas-sessjoni ta’ pitching ma jiġux penalizzati. L-evalwaturi, fid-diskrezzjoni esklużiva tagħhom, jistgħu wkoll jistiednu applikant għal sessjoni ta’ pitching li kiseb 25 marka jew aktar fl-ewwel kriterju, imma total ta’ anqas minn 60 marka.

L-applikazzjonijiet kollha, inklużi dawk li ma jiġux shortlisted, jirċievu n-notifika tar-riżultat uffiċjali flimkien ma' kopja tal-formola tar-rispons fid-data tar-riżultati kif indikat f'paġna 2 ta' dan id-dokument.

## 6.2 Pitching

L-għan tas-sessjoni tal-pitching huwa li tinħoloq opportunità għall-applikanti biex jippreżentaw il-proġetti tagħhom lill-evalwaturi. L-applikazzjonijiet tal-proġetti diġà jkunu ġew evalwati mill-evalwaturi u l-maniġers tal-fond qabel is-sessjoni tal-pitching. Il-kittieb, id-direttur u l-produttur jistgħu jkunu preżenti għas-sessjoni tal-pitching.

Matul is-sessjoni, l-applikant ikollu l-opportunità li jippreżenta kummenti, l-aħħar għarfien u żidiet mad-deskrizzjoni tal-proġett li tkun diġà ġiet imressqa.

Il-pitch jista' jiġi ppreżentat f'forom varji, fosthom permezz ta' għajnuniet viżwali, preżentazzjonijiet bil-PowerPoint, awdjo, eċċ., u m'għandhiex tkun itwal minn ħames (5) minuti. Matul il-pitch, l-applikanti huma mistennija li jispjegaw il-viżjoni artistika tal-proġett u jikkomunikaw kif il-proġett se jiġi mwettaq. Din il-pitch ta' ħames minuti se tkun segwita minn sessjoni ta' mistoqsijiet mal-bord tal-evalwaturi.

Is-sessjoni tal-pitching hija elettiva.

L-applikanti jistgħu jagħżlu li ma jattendux għas-sessjoni tal- pitching. F'każ bħal dan, l-applikant ma jiġix penalizzat talli jagħżel li ma jattendix. F'każ bħal dan, l-applikant ikun awtomatikament qed jitlef l-opportunità li jippreżenta materjal ġdid u/jew addizzjonali lill-bord tal-evalwazzjoni.

## 6.3 Komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2 għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament, nehmżu wkoll kopja tal-formula tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, dejjem skont il-kriterji tal-fond.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet tal-proġetti li jingħataw il-fondi. Fil-każ ta' proġetti li ma jingħatawx il-fondi jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista' tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta' solleċitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-Eżekuttiv Anzjan tal-Fond, il-Manager tal-Fond u l-evalwaturi tal-fond titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett

Il-Kunsill jaċċetta varjazzjoni mill-baġit propost. Il-kontinġenza indikata fil-pjan baġitarju tappoġġja kwalunkwe varjazzjoni mill-baġit propost. Taħt ebda ċirkustanza, il-Kunsill mhu se jkun f’pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija.

Jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond. L-għotja tista’ tingħata biss wara tlestija tal-proċess imsemmi qabel fiż-żmien stabbilit.

70% tal-ammont totali allokat mill-Bord Evalwattiv jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. Il-pagament finali ta’ 30% jingħata wara sottomissjoni tar-rapport finali mill-benefiċjarju u l-approvazzjoni mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo uffiċjali tal-Kunsill fuq il-materjal relatat kollu u jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġjat bl-għotja kif ġej: **Dan il-proġett huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti**. Dan għandu jiġi applikat fil-materjal kollu maħsub għall-marketing, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-istampa. L-għotja mogħtija għandha tintuża esklużivament għall-għan li ngħatat għalih, f’konformità mal-proposta mressqa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill minnufih jekk waqt it-twettiq tal-proġett jiżvolġu bidliet li jaffettwaw lin-natura tiegħu. Ma jistgħux jiġu implimentati bidliet mingħajr ma tkun ingħatat ebda approvazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-benefiċjarju li jiġġustifika l-bidliet u dawn il-bidliet ma għandhomx jinżammu jekk dawn huma normalment aċċettati fl-industrija internazzjonali tal-films. Il-kunċett ewlieni u l-intenzjoni kreattiva tal-proġett iridu jibqgħu konsistenti matul il-perjodu ffinanzjat.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett ma tkunx ikkunsidrata allinjata mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jiġix infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjonijiet ma’ rappreżentanti tal-Kunsill għal finijiet ta’ monitoraġġ, kemm waqt it-twettiq tal-proġett kif ukoll wara t-tlestija.

Il-Kunsill jirriżerva wkoll id-dritt li jirrevedi l-pagament finali jekk l-infiq totali jkun inqas minn dak stmat fil-formula tal-applikazzjoni.

## 7.1 Rapport

Fl-għeluq tal-proġett, se tintalab tressaq rapport dettaljat li jenfasizza x-xogħol li sar u l-kisbiet tal-proġett, sa mhux aktar tard minn tliet xhur mill-konklużjoni tal-proġett tiegħek. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell għar-rapport tiegħek. Jekk relevanti, il-benefiċjarji se jintalbu wkoll iressqu flimkien ma’ dan ir-rapport, kopja tal-film jew ix-xogħol u kwalunkwe ritratti u vidjows b’riżoluzzjoni għolja, marketing, pubbliċità, jew materjal ta’ informazzjoni żviluppat għall-proġett finanzjat.

Tintalab tippreżenta tqassim finali, dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq. It-tqassim tad-dħul u l-infiq għandu jitħejja f’konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli u allinjati ma’ dawn il-linji gwida u regolamenti, u għandu jiġi ċċertifikat minn *accountant* jew awditur bil-warrant.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jżomm id-dritt li juża mill-materjal tal-proġett imressaq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jitlob lill-Benefiċjarju biex jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew l-irċevuti fiskali biex issostni t-tqassim dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq

Il-Kunsill Malti għall-Arti jżomm id-dritt li jirkupra l-fondi f’każ li ma ġewx użati u/jew intużaw ħażin u/jew ma ntużawx skont il-baġit imressaq jew ir-regoli stabbiliti f’dawn il-linji gwida u r-regolamenti.

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta’ lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b’mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri u r-regolamenti stipulati f’dawn il-linji gwida. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern, u/jew,
- Il-merti tal-applikazzjoni f’termini tal-kriterji stipulati f’dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta’ lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista’ jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b’dokumentazzjoni jew bi provi relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f’dawn il-linji gwida u regolamenti jew f’regoli u regolamenti ta’ governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa’ finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Fondi fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill ilaqqa’ bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f’aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord hija finali.

# 9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

Din l-Iskema hija applikabbli għal:

- Entitajiet Awdjoviżivi Indipendenti kif definiti f’dawn il-linji gwida.

Għall-fini ta’ regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, tali applikanti jitqiesu bħala impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE. It-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f’dawn il-linji gwida se jiġu implimentati f’konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta’ għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1084 tal-14 ta’ Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 f’dak li għandu x’jaqsam ma’ għajnuna għal infrastruttura tal-port u tal-ajruport, livelli limitu ta’ notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u għajnuna għall-infrastrutturi għall-isport u għar-rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta’ għajnuna operatorja reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 f’dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli, bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta’ Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1407/2013 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u l-aġġustamenti rilevanti, bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1237 tat-23 ta’ Lulju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1315 tat-23 ta’ Ġunju 2023, *li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat u r-Regolament (UE) 2022/2473 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna lil impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat* u kif jista’ jiġi sussegwentament emendat [minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa].

Din l-Iskema mhix applikabbli għal dawn li ġejjin:

a. Attivitajiet fl-Artikolu 1(2), (3), (4) u (5) tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa [fejn applikabbli].
b. L-impriżi f’diffikultà huma fil-prinċpju esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din l-Iskema, sakemm l-impriża ma kinitx f’diffikultà fil-31 ta’ Diċembru 2019 iżda saret impriża f’diffikultà fil-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2020 sal-31 ta’ Diċembru 2021.

Barra minn hekk, ma tistax tingħata għajnuna jekk din hija:

a. Relatata ma’ attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u l-operazzjoni ta’ network ta’ distribuzzjoni jew ma’ nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;
b. Dipendenti fuq l-użu ta’ prodotti domestiċi bi preferenza fuq prodotti importati;

c. Favur benefiċjarju li huwa soġġett għal ordni ta’ rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li għajnuna mogħtija minn Malta hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis ta’ taxxa jew imposta oħra. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu appoġġjati minn evidenza dokumentata, li għandha tkun ċara, speċifika u kontemporanja.

Għajnuna pagabbli fil-futur, inkluża għajnuna pagabbli f’diversi pagamenti, għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. L-ispejjeż eliġibbli għandhom jiġu skontati għall-valur tagħhom fil-mument li tingħata l-għajnuna. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għal skopijiet ta’ skont għandha tkun ir-rata ta’ skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għajnuna.

Ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni tal-għajnuna għandhom ikunu skont l-Artikolu 8 tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

F'konformità mal-Artikolu 9(1)(c) tar-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, informazzjoni dwar kwalunkwe għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż il-€100,000 għandha tkun disponibbli pubblikament fuq il-modulu tal-premju ta’ trasparenza tal-Kummissjoni.

# Teħtieġ parir?

Qabel it-tressiq tal-applikazzjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizzi ta’ konsultazzjoni biex jgħinek tiżgura l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu disponibbli matul kull pass tal-proċess. Nistgħu ngħinuk tiddeċiedi jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek humiex konformi mal-mekkaniżmu tal-appoġġ inkwistjoni u nagħtuk feedback dwar il-mod kif qed tippjana li tippreżenta l-proġett. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba’ ġimgħat qabel id-data ta’ skadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b’hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista’ ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Dawn il-linji gwida ġew aġġornati fit-02 ta’ Marzu 2026.

# Skema ta' Appoġġ għall-Iscreen

—

# Il-Ħames Fergħa: Programmi Kulturali

**Linji Gwida u Regolamenti 2026**

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠIN: MARZU 2026

**L-ALLOKAZZJONIJIET**

| IL-BAĠIT GĦAS-SESSJONI | L-AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| €100,000 | €20,000 |

| KOFINANZJAMENT | L-IŻBORŻ |
|---|---|
| Il-fond jista’ jkopri sa 100% tal-ispejjeż kollha tal-proġett | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

**L-ISKEDA TA’ ŻMIEN**

| L-ISKADENZA | IR-RIŻULTATI | L-ISKEDA TA’ ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 14 ta’ April 2026 | 25 ta’ Ġunju 2026 | mis-26 ta’ Ġunju 2026<br>sas-26 ta’ Ġunju 2029<br>*(bix-xandiriet jibdew minn Ottubru tal-2027)* |

# 1. Introduzzjoni

L-għan tal-**Iskema ta' Appoġġ għall-Iscreen – Il-Ħames Fergħa: Programmi Kulturali** hija li tinċentiva l-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi diffiċli b'kontenut kulturali u kreattiv fuq stazzjoniet tax-xandir privati sabiex tittejjeb il-kwalità tal-produzzjonijiet awdjoviżivi tal-arti u l-kultura f'Malta. Din il-fergħa se tkun limitata għall-produzzjoni ta' programmi kulturali.

Din il-fergħa timmira lejn produzzjonijiet eliġibbli fuq stazzjonijiet televiżivi privati li jeħtieġu investiment biex jiġu żviluppati xogħlijiet li ħafna drabi ma jkollhomx aċċess għal finanzjament privat. L-Iskema tipprovdi appoġġ finanzjarju permezz ta' għotja lil entitajiet awdjoviżivi indipendenti biex jipproduċu produzzjonijiet awdjoviżivi ta' kwalità u dan l-appoġġ jista' jinkludi wkoll mentoraġġ minn espert tal-industrija tal-films ta' esperjenza kbira maħtur mill-Kunsill Malti għall-Arti ("KMA").

Din il-fergħa għandha l-għan li tappoġġja kreazzjonijiet awdjoviżivi ambizzjużi u li tinkoraġġixxi l-produzzjoni ta' programmi kulturali oriġinali.

L-appoġġ jista' jingħata lil applikanti eliġibbli għall-involviment tagħhom f'koproduzzjonijiet internazzjonali (bħala sħab b'maġġoranza jew minoranza), sakemm l-applikazzjoni titressaq minn applikant eliġibbli u ftehim ta' koproduzzjoni jinsab fis-seħħ (skont standards tal-industrija). Il-proġetti għandhom juru kooperazzjoni artistika u/jew teknika bejn l-isħab tal-koproduzzjoni.

L-applikanti huma mitluba jikkunsidraw id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi meta jizviluppaw il-proposta tagħhom b'rabta ma' kif jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet u l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta' kulħadd fix-xogħol tagħhom. Il-pakkett ta' riżorsi għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u jappoġġja l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta' kuljum.

L-applikanti huma meħtieġa wkoll jikkunsidraw il-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u ta' programmazzjoni tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u deċenti għall-artisti u l-prattikanti kreattivi li jħaddnu l-libertà artistika, l-aċċessibbiltà, ir-rikonoxximent ta' ħiliet formali/informali/non-formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi deċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, konsiderazzjonijiet etiċi u aderenza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex tipprovdi qafas dinamiku ta' referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f'Malta f'konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. Id-definizzjonijiet

Applikant:

- L-Applikant jista' jkun Entità Awdjoviżiva Indipendenti. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni tal-**Iskema ta' Appoġġ għall-Iscreen – Produzzjoni – Il-Ħames Fergħa: Programmi Kulturali**.

Il-kodiċi NACE tal-applikant trid tkun waħda minn dawn li ġejjin:

- o J59.11 Attivitajiet ta’ produzzjoni ta’ films taċ-ċinema, video u programmi tat-televiżjoni
- o J59.12 Attivitajiet ta’ postproduzzjoni ta’ films taċ-ċinema, video u programmi tat-televiżjoni
- o J59.13 Attivitajiet ta’ tqassim ta’ films taċ-ċinema uvidjo

Applikazzjoni:

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formula tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.

Benefiċjarju:

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-Iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista’ jinħareġ biss f’isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT hija maħruġa f’ismu u li tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tiegħu.

Bidu tax-xogħolijiet:

- Tfisser wieħed minn dawn, skont liem jiġi l-ewwel: il-bidu tal-perjodu ta’ eliġibbiltà tal-ispejjeż jew l-iffirmar ta’ ftehim bi rbit legali għall-akkwist ta’ prodott jew servizz relatat mal-proġett, li jagħmel dan l-investiment irriversibbli. Xogħolijiet preparatorji mhumiex meqjusa bħala l-bidu tax-xogħolijiet.

Dokumentazzjoni obbligatorja:

- Kwalunkwe dokument meħtieġ li jappoġġja l-proposta tiegħek u jgħin l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek.

Eliġibbiltà:

- L-applikazzjonijiet se jiġu qabelxejn skrinjati f’termini ta’ eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-managers tal-fond. Il-proposti li ma jiġux ikkunsidrati eliġibbli f’termini tal-kriterja mwaqqfa ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

Entità Awdjoviżiva Indipendenti:

- Entità Awdjoviżiva Indipendenti hija persuna ġuridika debitament irreġistrata f’Malta, bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata, sħubija en Commandite jew li tistabbilixxi fergħa jew post tan-negozju f ’Malta taħt Taqsima XI Kapitolu 1 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (KAP 386 tal-Liġijiet ta’ Malta), u li l-attività prinċipali tagħha tikkonsisti fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ xogħlijiet awdjoviżivi. Hija meqjusa indipendenti jekk l-oriġini tagħha huma indipendenti mill-Istat, jew entitajiet pubbliċi u/jew parastatali, organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliċi jew privati, pjattaformi ta’ streaming jew kumpaniji tat-telekomunikazzjoni. L-istokks jew l-ishma tal-entità ma jistgħux jappartjenu lill-Istat, entitajiet pubbliċi u/jew parastatali, organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliċi jew privati, pjattaformi ta’ streaming jew kumpaniji tat-telekomunikazzjoni.

Evalwaturi:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar tim ta’ evalwaturi għal kull sejħa taħt l-Iskema. Il-Kunsill Malti għall-Arti jista’ jaħtar kemm professjonisti lokali kif ukoll barranin fis-settur tal-kultura u l-arti.

Il-Kunsill tal-Arti se jiżgura li l-bord ikun bilanċjat u jinkludi kemm professjonisti lokali u/jew barranin b’esperjenza ta’ minimu ta’ ħames snin f’din il-fergħa.

Evalwazzjoni:

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f’dawn il-linji gwida.

Finanzjament massimu:

- L-allokazzjoni massima għal kull proġett hija ta’ €20,000. Kull każ jiġi deċiż għalih, skont il-proġett.

Ġestjoni u amministrazzjoni:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-ġestjoni ta’ din l-Iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluża s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, għandha tintbagħat lill-indirizz indikat f’dawn il-linji gwida.

Impriża:

- Impriża hija definita bħala entità involuta f’attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE (jiġifieri kwalunkwe attività li tikkonsisti fil-forniment ta’ oġġetti u servizzi f’suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li tiġi ffinanzjata bih. Il-klassifikazzjoni ta’ entità partikulari bħala impriża tiddependi għalkollox min-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma tiddependix minn jekk l-entità tkunx ġiet stabbilita biex tiġġenera l-profitti. L-entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ jistgħu wkoll ifornu oġġetti u servizzi fis-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, l-entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ jibqgħu ’l barra mill-ambitu tal-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta’ entità bħala impriża tibqa’ dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward tal-ewwel.

Impriża f’diffikultà:

- Impriża f’diffikultà tfisser impriża rigward liema sseħħ għall-inqas waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi:
    - Fil-każ ta’ kumpanija b’responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs tal-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta’ telf akkumulat. Dan ikun il-każ meta t-tnaqqis ta’ telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi l-oħra kollha ġeneralment meqjusa bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv negattiv li jaqbeż nofs il-kapital tal-ishma sottoskritt. Għall-finijiet ta’ din id-dispożizzjoni, “kumpanija b’responsabbiltà limitata” tirreferi b’mod partikulari għat-tipi ta’ kumpaniji msemmijin fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew u l-“kapital azzjonarju” jinkludi, fejn relevanti, kwalunkwe primjum azzjonarju.
    - Fil-każ ta’ kumpanija fejn mill-inqas uħud mill-membri huma responsabbli mingħajr limitu għad-dejn tal-kumpanija (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa bħala riżultat ta’ telf akkumulat. Għall-finijiet ta’ din id-dispożizzjoni, “kumpanija fejn mill-inqas uħud mill-membri huma responsabbli mingħajr limitu għad-dejn tal-kumpanija” tirreferi b’mod partikulari għat-tipi ta’ kumpaniji msemmijin fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE.

- Meta l-impriża tkun soġġetta għal proċeduri kollettivi ta’ insolvenza jew tkun tissodisfa l-kriterji biex, skont il-liġi domestika tagħha, jinbdew kontriha proċeduri kollettivi ta’ insolvenza fuq talba tal-kredituri tagħha.
- Fejn l-impriża tkun irċeviet għajnuna għas-salvataġġ u għadha ma tkunx ħallset lura s-self jew temmet il-garanzija, jew tkun irċeviet għajnuna għar-ristrutturar u tkun għadha soġġetta għal pjan għar-ristrutturar.
- Fil-każ ta’ impriża li mhix SME, fejn, għal dawn l-aħħar sentejn:
  - il-proporzjon tad-dejn kontabilistiku mal-ekwità tal-kumpanija kien ogħla minn 7.5; u
  - il-proporzjon tal-kopertura tal-imgħax EBITDA tal-impriża kien inqas minn 1.0.

## Intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju

- It-terminju jirreferi għal impriża li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta’ Ġunju 2014 li tiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat.

## Katina tat-titlu

- Kull ftehim/dokumentazzjoni li huma evidenza tas-sekwenza tat-trasferimenti tat-titlu għal xogħol.

## Lingwa:

- Il-lingwa oriġinali tax-xogħol awdjoviżiv teħtieġ li tkun il-Malti.

## Mood board:

- Għodda viżwali intenzjonata biex tikkomunika l-kunċetti tal-film ta’ proġett partikulari. Hija arranġament maħsub tajjeb u ppjanat ta’ immaġni, materjali, biċċiet tat-test, eċċ. li hija maħsuba biex tevoka jew tipproġetta stil jew tonalità partikulari.

## Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi:

- Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti u huma Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika ta’ Malta, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta International Contemporary Arts Space, Festivals Malta u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva.

## Perjodu ta’ eliġibbiltà tal-ispejjeż:

- Il-perjodu ta’ eliġibbiltà tal-ispejjeż stabbilit f’paġna 2 ta’ dan id-dokument u huwa indikat fil-ftehim.

## Produttur:

- Il-persuna responsabbli li ssib u tniedi l-proġett awdjoviżiv. Dan jinkludi responsabbiltà għal aspetti kreattivi, finanzjarji u ta’ ġestjoni fil-ħolqien ta’ film jew produzzjoni televiżiva. Produttur jissorvelja l-elementi kollha ta’ qabel, waqt u wara l-produzzjoni, sakemm din tinħareġ.

## Produzzjoni/proġett awdjoviżiv:

- Għall-fini ta’ din il-fergħa, produzzjoni/proġett awdjoviżiv jirreferu għal programm kulturali. Dan jista’ jinkludi xogħlijiet ta’ fizzjoni, dokumentarju jew animazzjoni.

Programmi kulturali:

- Produzzjonijiet/proġetti awdjoviżivi oriġinali li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta’ xogħol awdjoviżiv diffiċli u li jippromwovu l-kultura u l-arti, li jippreżentaw aspetti speċifiċi jew varji ta’ xogħlijiet/proġetti kulturali u artistiċi. Dawn jinkludu programmi ta’ diskussjoni dwar il-kultura u l-kreattività u intervisti minn wara l-kwinti. Jistgħu jinkludu xogħlijiet ta’ fizzjoni, dokumentarju, jew animazzjoni.

Proposti mressqa mill-ġdid:

- Proġett jew proposta li tressqu f’sejħa preċedenti jistgħu jitressqu mill-ġdid biss jekk sar tibdil konsiderevoli fihom jew jekk elementi ġodda ġew żviluppati mill-aħħar sottomissjoni. Fil-każ ta’ tressiq mill-ġdid, l-applikant għandu jippreżent rapport jew stqarrija li juru b’mod ċar il-bidliet li saru.

Trattament:

- Sommarju ddettaljat li normalment jippreżenta l-istruttura tal-istorja sħiħa u jwassal id-dinja, il-karattri, ix-xeni importanti u l-punti tal-istorja; iservi ta’ pjan direzzjonali għall-qarrej, il-produttur u l-kittieb.

Xandar:

- Kull persuna li tipprovdi servizzi ta’ xandir televiżiv kif previst fl-Att dwar ix-Xandir (KAP 350 tal-Liġijiet ta’ Malta), u tinkludi wkoll kull persuna, korp, jew awtorità li tipprovdi dawn is-servizzi b’liċenzja mingħand jew skont arranġamenti mal-Gvern. “Servizz ta ’xandir bit-televiżjoni” tfisser l-oġġetti kollha f’servizz tat-televiżjoni wieħed ipprovdut minn xandar partikulari. Ara l-lista ta’ xandara applikabbli hawn.

Xandir:

- It-trażmissjoni inizjali ta’ programmi televiżivi jew ta’ kwalunkwe materjal awdjoviżiv maħsub għar-riċezzjoni mill-pubbliku jew kwalunkwe network ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi u kwalunkwe servizz ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi kif definit f’Artikolu 2 tal-Att Biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Regolament) (KAP 399 tal-Liġijiet ta’ Malta), iżda ma tinkludix trażmissjonijiet mill-ġdid u servizzi ta’ komunikazzjoni li jipprovdu elementi ta’ informazzjoni jew messaġġi oħra fuq talba individwali, bħal telekopjar, banek tad-data elettroniċi u servizzi simili oħra.

Xogħol awdjoviżiv diffiċli:

- Dan jinkludi xogħlijiet awdjoviżivi minn diretturi għall-ewwel u t-tieni darba, films qosra, dokumentarji, produzzjonijiet b’baġit baxx (jiġifieri meta l-baġit totali tal-produzzjoni ma jaqbiżx il-€1,500,000, xogħlijiet li ġew prodotti oriġinarjament bil-lingwa Maltija, jew xogħlijiet li huma kummerċjalment diffiċli.

# 3. L-eliġibbiltà

Qabelxejn, il-proġetti jiġu skrinjati f’termini ta’ eliġibbiltà. Proposti ineliġibbli f’termini tal-punti msemmija hawn taħt ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

L-iskeda ta’ żmien massima biex twettaq il-proġett: 36 xahar mid-data tan-notifikazzjoni tar-riżultat.

Il-proġetti li jiġu appoġġjata permezz tas-sessjoni tal-2025 jistgħu jiġu mxandra minn Ottubru tal-2026 biex jingħata biżżejjed żmien għall-iżvilupp u l-produzzjoni. Il-perjodu ta’ eliġibbiltà għall-ispejjeż huwa bejn is-26 ta’ Ġunju 2026 u s-26 ta’ Ġunju 2029.

## 3.1 Min jista’ japplika?

L-għotja hija miftuħa għal impriżi (li għalihom tingħata għajnuna skont ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFEU) [jekk jogħġbok irreferi għal Taqsima 9 ta’ dawn il-linji gwida għal aktar informazzjoni].

L-applikanti jeħtieġ jikkwalifikaw bħala:

- Entità Awdjoviżiva Independenti kif iddefinita f’dawn il-linji gwida.

Barra minn hekk, l-applikanti jeħtieġ jissodisfaw dawn il-kriterji kollha:

- Huma intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju.
- Fejn applikabbli, l-applikanti jridu jkunu l-oriġinaturi tal-proġett, l-iskript jew it-trattament jew għandhom il-maġġoranza tad-drittijiet (sakemm l-applikant ma jkunx koproduttur b’minoranza) fir-rigward tal-proġett li għalih qed jintalab appoġġ.
- Jeħtieġ li għall-inqas direttorat wieħed jew il-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jkunu miżmuma minn ċittadini Maltin jew persuni li għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta.
- Jeħtieġ li l-applikanti jkollhom ċertifikat ta’ reġistrazzjoni tal-VAT.
- Jeħtieġ li l-applikanti jkunu fil-pussess ta’ katina sħiħa tat-titlu. Id-dokumenti tal-katina tat-titlu se jkunu meħtieġa meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Jekk il-katina tat-titlu ma tkunx kompluta, il-KMA jkollu d-dritt li jirtira kwalunkwe appoġġ mogħti.
- Jeħtieġ li l-lingwa oriġinali tax-xogħol awdjoviżiv tkun il-Malti.
- Jeħtieġ li waqt it-tressiq tal-applikazzjoni, l-applikanti jkunu reġistrati mal-korp regolatorju applikabbli.
- Ressaq applikazzjoni kompleta għal assistenza permezz ta’ din l-Iskema, qabel il-bidu tax-xogħolijiet.

Fil-każ ta’ aktar minn produttur wieħed, jeħtieġ li l-applikazzjoni timtela minn entità waħda. Il-produtturi li huma parti mill-koproduzzjoni jridu jilħqu ftehim fuq dan il-punt u jinkludu dikjarazzjoni konġunta li trid tiġi inkluża fl-applikazzjoni.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti jiġu esklużi milli japplikaw għall-appoġġ jekk huma, jew, fejn applikabbli, l-azzjonisti jew il-persuni li għandhom setgħat ta’ rappreżentanza jew ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet:
  i. instabu ħatja permezz ta’ sentenza finali ta’ wieħed minn dawn ir-reati li ġejjin: parteċipazzjoni f’organizzazzjoni kriminali, korruzzjoni, frodi, ħasil ta’ flus, tħaddim ta’ tfal, traffikar tal-bnedmin;

ii. jinsabu f’sitwazzjoni ta’ falliment, likwidazzjoni, terminazzjoni tal-attivitajiet, insolvenza jew arranġament mal-kredituri jew kwalunkwe sitwazzjoni simili li tirriżulta minn proċedura tal-istess tip, jew soġġetti għal proċedura tal-istess tip; or
iii. instabu ħatja b’sentenza finali ta’ mġiba professjonali ħażina serja jew kwalunkwe reat ieħor relatat mal-integrità professjonali.

- Applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat minħabba li ma jkunx komplut sforz in-nuqqas tad-dokumenti obbligatorji mniżżlin hawn isfel:
    - kopja tal-karta tal-identità Maltija (quddiem u wara); jew permess ta’ residenza f’Malta; jew ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti;
- Applikanti li ma jikkwalifikawx bħala applikant skont id-definizzjoni ta’ din il-fergħa speċifika.
- Benefiċjarji li ma onorawx impenji ta’ finanzjament preċedenti.
- Benefiċjarji li ma ressqux jew li ma kkonkludewx saż-żmien stipulat minn tal-inqas rapport finali wieħed b’rabta ma’ għotja passata u ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti.
- Entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali mitluba mill-Malta Business Registry.
- Organizzazzjonijiet/attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi lokali permezz ta’ voti stabbiliti fil-baġit tal-Gvern.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?[5]

L-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen – Il-Ħames Fergħa: Programmi Kulturali** tista’ tkopri sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli indikati hawn taħt (sa massimu ta’ €20,000, liema ammont minnhom ikun l-inqas).

L-ispejjeż diretti eliġibbli huma identifikati bħala spejjeż speċifiċi marbutin direttament mal-istadju ta’ qabel il-produzzjoni, fosthom:

- Akkomodazzjoni ekonomika;
- Akkwist tad-drittijiet meħtieġa (inkluż l-awtorizzazzjoni tal-mużika, il-materjali tal-arkivji);
- Assigurazzjoni;
- Ġestjoni tal-proġett (inklużi fost l-oħrajn l-amministrazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iżvilupp);
- Kiri ta’ spazji;
- Kiri/xiri ta’ tagħmir u teknoloġija (ix-xiri ta’ tagħmir jiġi kkunsidrat biss jekk meqjus neċessarju għall-proġett);
- Kirjiet u servizzi marbutin mal-produzzjoni;
- Kontinġenza, sa massimu ta’ 10% tal-ispejjeż totali;
- Spejjeż ta' ħidma/iet (above the line and below the line): Persunal u talent li jaħdmu taħt kuntratt ta’ impjieg mal-applikant u assenjati għall-proġett, li jinkludi salarji attwali flimkien ma’ kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u spejjeż statutorji oħrajn inklużi fir-remunerazzjoni tagħhom, sakemm dawn l-ispejjeż ikunu konformi mal-politika normali tal-applikant dwar ir-remunerazzjoni jew, fejn applikabbli, dawk tas-sħab tiegħu;

[5] L-ispejjeż kollha jiġu kkunsidrati biss jekk dawn ir-riżorsi mhumiex diġà koperti/ma jistgħux jiġu koperti mill-applikanti jew mill-organizzazzjonijiet li qed jappoġġjaw/huma sħab fil-proġett.

- Miżati għal pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħrajn fejn relevanti (bħal software għal kitba tal-iskript, eċċ.);
- Miżuri ta' saħħa u sigurtà;
- Oġġetti konsumabbli u provvisti;
- Servizzi ta' produzzjoni pprovduti mix-xandar, li jeskludu l-kiri tat-tagħmir, li jistgħu jew jitpoġġew fuq il-proġett jew ikkunsidrati bħala kontribuzzjoni lejn kofinanzjament;
- Servizzi ta' VFX u oħrajn simili;
- Sottotitolar;
- Spejjeż marbutin ma' wara l-produzzjoni (fosthom editjar, ekwipaġġ/tagħmir/servizzi; disinn tal-ħoss fosthom ADR u Foley; drittijiet għall-mużika u kompożizzjoni; korrezzjoni tal-kulur; sottotitolar; krediti u trailers);
- Spejjeż ta' marketing, relazzjonijiet pubbliċi u komunikazzjoni;
- Spejjeż ta' riċerka (fosthom riċerka fl-arkivji, riċerka tal-udjenza, riċerka għas-sħab, investituri u koprodutturi, tariffi għar-riċerkaturi);
- Spejjeż ta' trasport;
- Tariffa tal-produtturi jew koprodutturi;
- Tariffi għal konsultazzjoni, riċerka u pariri minn professjonisti li jirrigwardjaw ngħidu aħna, il-kontabilità, l-awditjar, il-finanzjament, il-legalità, il-marketing, l-impatt, l-editjar u konsulenza professjonali relatata oħra;
- Tariffi marbutin mal-lokazzjoni;
- Tariffi oħrajn marbutin direttament mat-twettiq tal-proġett (fosthom, imma mhux b'mod esklużiv, mentors, fornituri ta' servizzi, tariffi għal parteċipazzjoni, tariffi lingwistiċi, eċċ.);
- Teaser/trailer;
- Traduzzjoni mill-Malti għal kwalunkwe lingwa Ewropea oħra;
- Traskrizzjoni, dubbing u sottotitoli deskrittivi;
- VAT li ma tistax tinġabar lura, fejn applikabbli;
- Viża tal-ivvjaġġar;
- Vjaġġar (fil-klassi ekonomika), fosthom trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru kiri ta' karozza/vettura).

Fil-każ ta' servizzi interni, dikjarazzjoni ffirmata mid-direttur tal-entità ġuridika flimkien ma' evidenza ta' pussess ta' tagħmir (jekk applikabbli) hija biżżejjed.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati se jiġu kkunsidrati qabel kwalunkwe tnaqqis tat-taxxa jew tariffa oħra. L-ispejjeż eliġibbli se jkunu sostnuti minn evidenza dokumentata li se tkun ċara, speċifika u kontemporanja.

Għal aktar informazzjoni kif tippreżenta l-baġit tiegħek, irreferi għal-Linji Gwida Ġenerali dwar il-Baġit, li jinsabu hawn.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Dejn dubjuż;

- Dejn u spejjeż tas-servizz tad-dejn;
- Dħul minn kapital;
- Imgħax dovut;
- Kopertura għal telf jew dejn;
- Kwalunkwe spiża li taqbeż l-ammont massimu mogħti lill-proġett;
- Spejjeż diġà koperti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, jew minn programmi ta’ finanzjament pubbliku oħrajn ġestiti jew koġestiti mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika, Dipartiment tal-Gvern jew Ministeru ieħor;
- Spejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju u koperti minn għotja oħra tal-Gvern ta’ Malta jew tal-Unjoni Ewropea: l-appoġġ finanzjarju mogħti taħt din l-Iskema jista’ jingħata flimkien ma’ appoġġ finanzjarju mogħti minn awtoritajiet oħra tal-għoti (taħt skemi multipli ta’ appoġġ), sakemm dan ma jkunx eskluż b’mod espliċitu mil-linji gwida jew mir-regolamenti tal-awtoritajiet l-oħra tal-għoti u sakemm tali appoġġ kumulattiv ma jaqbiżx l-ispejjeż reali mġarrba u l-limiti tal-għajnuna għall-intensità, kif applikabbli;
- Spejjeż imġarrba minn koproduttur li mhux se jkun kobenefiċjarju tal-ftehim f’każ ta’ għażla;
- Spejjeż imġarrba qabel il-bidu tax-xogħlijiet;
- Spejjeż imġarrba qabel it-tressiq tal-applikazzjoni;
- Spejjeż li mhumiex marbuta direttament mal-proġett;
- Spejjeż meqjusa eċċessivi jew imprudenti;
- Spejjeż retroattivi;
- Sussistenza, catering u ospitalità;
- Tariffi għal servizzi pprovduti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jew aġenziji pubbliċi oħra, Dipartiment tal-Gvern, jew Ministeru;
- Tariffi indiretti tal-produtturi u kontinġenzi;
- Telf fil-kambju;
- VAT rikuperabbli, fejn applikabbli.

L-ispejjeż kollha eliġibbli għal finanzjament taħt din l-Iskema jridu jkunu neċessarji u raġonevoli għat-tlestija tal-proġett u konsistenti mal-prinċipji ta’ ġestjoni finanzjarja soda u l-prattiki kontabilistiċi.

## 3.5 Liema applikazzjonijiet huma eliġibbli għal appoġġ?

Il-proġetti jridu jissodisfaw għall-inqas TNEJN minn dawn il-kriterji:

- Il-produttur jew produtturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta;
- Il-kittieb jew kittieba huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta;
- Id-direttur jew diretturi huma ċittadini Maltin jew għandhom status ta’ residenza permanenti f’Malta.

Barra minn hekk, l-appoġġ jingħata biss lil Proġetti Awdjoviżivi li huma prodotti kulturali. Il-proġetti jiġu kkunsidrati prodotti kulturali jekk:

- jikkontribwixxu lill-kultura Maltija u/jew Ewropea; jew

- jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-industrija tal-film u t-televiżjoni f’Malta u/jew l-Ewropa; jew
- jiġu kkunsidrati kulturali fid-dawl tal-kontenut tagħhom.

L-evalwaturi għandhom jivverifikaw dawn il-kriterji skont il-parametri ta’ eliġibbiltà kif stabbiliti mill-KMA għal kull wieħed mill-kriterji kulturali ta’ hawn fuq. Il-proġetti ddikjarati mhux kulturali ma għandhom jingħataw l-ebda għajnuna. Agħfas hawn biex tniżżel l-Eżami Kulturali - l-applikanti huma mitluba li jimlewh u jtellgħuh fil-parti indikata meta jissottomettu l-applikazzjoni fuq is-CRM tal-KMA.

## 3.6 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

- Applikazzjonijiet għal produzzjonijiet awdjoviżivi li mhumiex bil-Malti;
- Applikazzjonijiet imressqa minn entitajiet pubbliċi b’vot fuq linja baġitarja jew mingħajru;
- Applikazzjonijiet imressqa wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data ta’ skadenza;
- Applikazzjonijiet li ma jikkwalifikawx skont id-definizzjoni ta’ produzzjoni awdjoviżiva ta’ din il-fergħa speċifika;
- Applikazzjonijiet li ma jikkwalifikawx skont id-definizzjoni ta’ xogħol awdjoviżiv diffiċli ta’ din il-fergħa speċifika;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għat-Taqsima 5.1 – Lista ta’ Kontroll);
- Attivitajiet bil-għan li jinġabru fondi jew jagħmlu propoganda politika;
- Attivitajiet mhux marbuta mal-kultura, l-arti u l-industriji kreattivi;
- Films ta’ reklamar, korporattivi, taħriġ u/jew films promozzjonali jew infomercials;
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, jew l-Iskema ta’ Boroż ta’ Studju tal-Arti f’Malta;
- Proġetti li jinkludu u/jew jippromwovu propoganda politika;
- Proġetti li jintemmu qabel in-notifikazzjoni tar-riżultat lill-applikant(i);
- Proġetti li jippromwovu vjolenza, razziżmu u kontenut pornografiku li jiksru l-Kostituzzjoni Maltija;
- Proġetti li l-ispejjeż jaqgħu kompletament barra mill-perjodu ta’ żmien eliġibbli;
- Proposti mressqa mill-ġdid mingħajr ma jkunu sarulhom bidliet konsiderevoli jew elementi ġodda meta mqabblin mas-sottomissjoni preċedenti jew li ma jinkludux rapport/stqarrija li jistqarru biċ-ċar il-bidliet li saru;
- Reality shows, kwizzijiet u game shows, reklami, divertiment.

Kwalunkwe attività oħra li tiġi żviluppata barra l-ambitu tal-**Iskema ta’ Appoġġ għall-Iscreen – Il-Ħames Fergħa: Programmi Kulturali** mhix eliġibbli għal appoġġ.

L-applikanti jistgħu jressqu aktar minn applikazzjoni waħda taħt l-istess sejħa, imma f’kull fergħa applikazzjoni waħda biss tista’ tiġi ffinanzjata.

# 4. L-evalwazzjoni

Il-Bord Evalwattiv se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kriterji li ġejjin:

## 4.1 L-Ewwel Kriterju: Il-Kunċett (45 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità, il-qawwa u l-oriġinalità tal-kunċett u l-iskript/it-trattament kif ukoll il-potenzjal li jintlaħqu l-udjenzi. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Kemm il-kunċett u l-iskript/it-trattamet (kif applikabbli) juru oriġinalità (fit-tema, il-perspettiva u l-approċċ viżiv) (L-applikanti għandhom iqisu wkoll kif il-proposta tallinja mal-prinċipji fi ħdan id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi u l-Karta għall-Istatus tal-Artist bħal fit-Taqsima 1); (15-il marka)
- Il-viżjoni u l-istil; (15-il marka)
- Is-saħħa tal-proposta bil-potenzjal li tilħaq l-udjenzi. (10 marki)
- Il-pjanijiet lil hinn mill-implimentazzjoni ta' din il-proposta. (5 marki)

## 4.2 It-Tieni Kriterju: Il-Ġestjoni tal-Proġett (15-il marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-livell ta' impenn u tħejjija qabel it-tressiq tal-proposta kif ukoll il-pjan propost biex iwassal u jikseb l-objettivi fil-mira. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- L-esperjenza relevanti tat-tim kreattiv (fosthom dik fuq livell internazzjonali); (5 marki)
- Il-kapaċità tal-produzzjoni u r-rieda biex jiġi prodott ix-xogħol propost b'suċċess; (5 marki)
- Ir-reputazzjoni finanzjarja u legali tat-tim kreattiv. (5 marki)

## 4.3 It-Tielet Kriterju: L-Involviment tal-Udjenza u l-Potenzjal ta' Ċirkolazzjoni (25 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment u l-iżvilupp ta' udjenzi stabbiliti u ġodda. L-involviment jirreferi għall-irwol, in-natura tal-involviment u l-esperjenza offruta lill-udjenza.
Il-potenzjal ta' ċirkolazzjoni jirreferi għal distribuzzjoni lil hinn fosthom dik internazzjonali, kif ukoll il-potenzjal biex jiġi stimulat interess minn koprodutturi u/jew xandara/pjattaformi. Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Iddefinixxi l-udjenzi fil-mira u spjega kif se jintlaħqu dawn l-udjenzi. Agħti deskrizzjoni ġenerali tal-pjan ta' marketing, relazzjonijiet pubbliċi u komunikazzjoni meqjusin relevanti għall-programm(i) propost(i) ta' attivitajiet. Spjega r-raġunijiet wara l-metodi magħżula. (10 marki)
- Il-potenzjal tas-suq; il-livell ta' potenzjal ta' distribuzzjoni f'territorji differenti. (10 marki)
- Ittra/i ta' intenzjoni jew kuntratt iffirmati għal koproduzzjoni jew kollaborazzjoni internazzjonali, jekk disponibbli. (5 marki)

### 4.4 Ir-Raba' Kriterju: Il-Baġit u l-Pjan Finanzjarju (15-il marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra l-kwalità u l-vijabbiltà (skont l-istandards tal-industrija) tal-baġit u l-pjan finanzjarju (fejn applikabbli). Il-punti li ġejjin se jiġu assessjati:

- Ipprovdi tqassim ċar tal-baġit li jinkludi l-ispejjeż relatati direttament mal-produzzjoni proposta. (8 marki)
- Ipprovdi pjan finanzjarju (il-kwalità u l-vijabbiltà ġenerali tal-istrateġija finanzjarja; il-livell ta' finanzjament ikkonfermat – evidenzjat bi ftehimiet iffirmati u/jew ittri ta' intenzjoni). (7 marki)

## 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Biex tapplika segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Iċċekkja jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn din l-Iskema.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq 'Irreġistra Issa' u imla d-dettalji.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-Iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġ jirreġistraw profil fuq is-sistema CRM tal-KMA għall-inqas ġimagħtejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.

Jekk ikollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formula ta' applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formuli tal-applikazzjoni tiegħek mhux ser jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti qabel id-data ta' skadenza tal-applikazzjoni. Il-Kunsill għandu d-diskrezzjoni esklużiva li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data ta' skadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, inklużi d-dokumenti li jappoġġjaw il-proposta.

L-applikazzjonijiet illi jaslu wara 12:00 (nofsinhar) tad-data ta’ skadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-lista ta’ kontroll

Biex l-applikazzjoni tkun sħiħa, trid tkun akkumpanjata minn:

- Katina sħiħa tat-titlu;
- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT Malti;
- Ċertifikat ta’ reputazzjoni tajba tar-reġistrazzjoni l-aktar riċenti – Dan id-dokument jiġġedded kull sena mill-Malta Business Registry u huwa prova ta’ konformità;
- Kopja tal-karta tal-identità Maltija, permess ta’ residenza Maltija, ċertifikat taċ-ċittadinanza Maltija jew passaport Malti tal-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja jew id-direttur;
- Ittra ta’ intenzjoni, memo tal-ftehim jew ftehim mix-xandar;
- Bijonoti tal-kontributuri ewlenin tal-proġett;
- Dikjarazzjoni li l-applikant ma jaqax taħt id-definizzjoni ta’ impriża f’diffikultà, hekk kif definit f’dawn il-linji gwida;
- Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għas-sottomissjoni tal-proposta;
- Pakkett ta’ proġett kreattiv:
    - i. Logline
    - ii. Sinopsi
    - iii. Skript (abbozz avvanzat) / trattament fil-każ ta’ dokumentarju kreattiv
    - iv. Stqarrija ta’ intenzjoni tal-kittieba (massimu ta’ paġna)
    - v. Noti tad-direttur (massimu ta’ paġna)
    - vi. Deskrizzjoni fil-qosor tal-udjenza fil-mira u l-istrateġija maħsuba fl-aħħar tal-proċess (strateġija ta’ festivals u marketing, eċċ.) (massimu ta’ paġna)
- Baġit (sommarju fuq quddiem u ieħor dettaljat);
- Pjan finanzjarju (jekk il-baġit jaqbeż il-finanzjament massimu ta’ €20,000);
- Skeda tal-iffilmjar/pjan ta’ ħidma;
- Applikazzjonijiet bi ftehim ta’ kożvilupp diġà ffirmati jiġu kkunsidrati biss jekk l-applikant jista’ jipprovdi l-ftehim ta’ kożvilupp jew memo ta’ ftehim debitament iffirmati. Il-ftehim jew il-memo ta’ ftehim għandhom jinkludu klawżoli standard tal-industrija, fost l-oħrajn klawżoli li jirregolaw it-taqsim ta’ drittijiet u l-input kreattiv ta’ kull produttur.

Dokumentazzjoni supplimentari (jekk disponibbli):

- Kopja ta’ dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tad-Dħul li juri li l-applikant huwa kontribwent f’Malta;
- Ittra/i ta’ intenzjoni, memo ta’ ftehim jew ftehimiet minn sħab finanzjarji u xerrejja;
- Ftehim(iet) ta’ kożvilupp u/jew koproduzzjoni, memo ta’ ftehim jew ittra/i ta’ intenzjoni;
- Xogħlijiet preċedenti;
- Stqarrija tal-produtturi; deskrizzjoni fil-qosor tal-karattri; storyboard; mood board.

N.B. Dokumenti li jeħtieġu numru minimu jew massimu ta' paġni għandhom jinkitbu bil-Font – Times New Roman u bil-Font-Size – 12.
Fajls ta' 5MB jew inqas jistgħu jinthemżu direttament fil-formola tal-applikazzjoni, fajls akbar jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' ħolqa li ma tiskadix jew li teħtieġ verifikazzjoni tal-identità.

# 6. Il-proċess tal-evalwazzjoni

Din l-Iskema hija kompetittiva u tiġi evalwata minn bord ta' esperti settorjali skont kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju għandu allokat għadd ta' marki speċifiċi. Sabiex proġetti jiġu kkunsidrat għal finanzjament, jeħtieġ jiksbu minimu ta' 60 marka.

Madankollu, is-sessjoni ta' evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti mressqa u mid-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk jekk proġett jikseb 60 marka jew aktar ma jfissirx li se jingħata l-fondi awtomatikament. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi totali disponibbli għal sejħa partikulari kemm-il darba l-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont il-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom fl-industrija tal-films. Il-Kunsill jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija.

## 6.1 Komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2 għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament, nehmżu wkoll kopja tal-formula tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, dejjem skont il-kriterji tal-fond.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet tal-proġetti li jingħataw il-fondi. Fil-każ ta' proġetti li ma jingħatawx il-fondi jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista' tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-Eżekuttiv Anzjan tal-Fond, il-Manager tal-Fond u l-evalwaturi tal-fond titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett

Il-Kunsill jaċċetta varjazzjoni mill-baġit propost. Il-kontinġenza indikata fil-pjan baġitarju tappoġġja kwalunkwe varjazzjoni mill-baġit propost. Taħt ebda ċirkustanza, il-Kunsill mhu se jkun f’pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija.

Jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond. L-għotja tista’ tingħata biss wara tlestija tal-proċess imsemmi qabel fiż-żmien stabbilit.

70% tal-ammont totali allokat mill-Bord Evalwattiv jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. Il-pagament finali ta’ 30% jingħata wara sottomissjoni tar-rapport finali mill-benefiċjarju u l-approvazzjoni mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo uffiċjali tal-Kunsill fuq il-materjal relatat kollu u jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġjat bl-għotja kif ġej: **Dan il-proġett huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti**. Dan għandu jiġi applikat fil-materjal kollu maħsub għall-marketing, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-istampa. L-għotja mogħtija għandha tintuża esklużivament għall-għan li ngħatat għalih, f’konformità mal-proposta mressqa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill minnufih jekk waqt it-twettiq tal-proġett jiżvolġu bidliet li jaffettwaw lin-natura tiegħu. Ma jistgħux jiġu implimentati bidliet mingħajr ma tkun ingħatat ebda approvazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-benefiċjarju li jiġġustifika l-bidliet, u dawn il-bidliet ma għandhomx jinżammu jekk dawn huma normalment aċċettati fl-industrija internazzjonali tal-films. Il-kunċett ewlieni u l-intenzjoni kreattiva tal-proġett iridu jibqgħu konsistenti matul il-perjodu ffinanzjat.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett ma tkunx ikkunsidrata allinjata mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jiġix infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjonijiet ma’ rappreżentanti tal-Kunsill għal finijiet ta’ monitoraġġ, kemm waqt it-twettiq tal-proġett kif ukoll wara t-tlestija.

Il-Kunsill jirriżerva wkoll id-dritt li jirrevedi l-pagament finali jekk l-infiq totali jkun inqas minn dak stmat fil-formula tal-applikazzjoni.

## 7.1 Rapport

Kull sitt xhur irid jiġi sottomess rapport ta’ progress li jipprovdi informazzjoni relatata mal-progress tal-proġett appoġġjat, kwalunkwe diffikultajiet u kif dawn se jingħelbu u biex jintalbu kwalunkwe bidliet li jistgħu jkunu meħtieġa. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell għar-rapport tiegħek.

Fl-għeluq tal-proġett, se tintalab tressaq rapport dettaljat li jenfasizza x-xogħol li sar u l-kisbiet tal-proġett, sa mhux aktar tard minn tliet xhur mill-konklużjoni tal-proġett tiegħek. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell għar-rapport tiegħek. Jekk relevanti, il-benefiċjarji se jintalbu wkoll iressqu

flimkien ma' dan ir-rapport, kopja tax-xogħol u kwalunkwe marketing, pubbliċità, jew materjal ta' informazzjoni żviluppat għall-proġett finanzjat.

Tintalab tqassim finali, dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq. It-tqassim tad-dħul u l-infiq għandu jitħejja f'konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli u allinjati ma' dawn il-linji gwida u regolamenti, u għandu jiġi ċċertifikat minn *accountant* jew awditur bil-warrant.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jżomm id-dritt li juża mill-materjal tal-proġett imressaq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jitlob lill-Benefiċjarju biex jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew l-irċevuti fiskali biex issostni t-tqassim dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq

Il-Kunsill Malti għall-Arti jżomm id-dritt li jirkupra l-fondi f'każ li ma ġewx użati u/jew intużaw ħażin u/jew ma ntużawx skont il-baġit imressaq jew ir-regoli stabbiliti f'dawn il-linji gwida u r-regolamenti.

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri u r-regolamenti stipulati f'dawn il-linji gwida. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern, u/jew,
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta' lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni jew bi provi relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa' finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Fondi fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill ilaqqa' bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord hija finali.

# 9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

Din l-Iskema hija applikabbli għal:

- Entitajiet Awdjoviżivi Indipendenti kif definiti f'dawn il-linji gwida.

Għall-fini ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, tali applikanti jitqiesu bħala impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE. It-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-linji gwida se jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna għal infrastruttura tal-port u tal-ajruport, livelli limitu ta' notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u għajnuna għall-infrastrutturi għall-isport u għar-rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta' għajnuna operatorja reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 f'dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli, bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1407/2013 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u l-aġġustamenti rilevanti, bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1237 tat-23 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1315 tat-23 ta' Ġunju 2023, *li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat u r-Regolament (UE) 2022/2473 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna lil impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat* u kif jista' jiġi sussegwentament emendat [minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa].

Din l-Iskema mhix applikabbli għal dawn li ġejjin:

a. Attivitajiet fl-Artikolu 1(2), (3), (4) u (5) tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa [fejn applikabbli].
b. L-impriżi f'diffikultà huma fil-prinċpju esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Iskema, sakemm l-impriża ma kinitx f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019 iżda saret impriża f'diffikultà fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021.

Barra minn hekk, ma tistax tingħata għajnuna jekk din hija:

a. Relatata ma’ attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u l-operazzjoni ta’ network ta’ distribuzzjoni jew ma’ nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;
b. Dipendenti fuq l-użu ta’ prodotti domestiċi bi preferenza fuq prodotti importati;
c. Favur benefiċjarju li huwa soġġett għal ordni ta’ rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li għajnuna mogħtija minn Malta hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis ta’ taxxa jew imposta oħra. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu appoġġjati minn evidenza dokumentata, li għandha tkun ċara, speċifika u kontemporanja.

Għajnuna pagabbli fil-futur, inkluża għajnuna pagabbli f’diversi pagamenti, għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. L-ispejjeż eliġibbli għandhom jiġu skontati għall-valur tagħhom fil-mument li tingħata l-għajnuna. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għal skopijiet ta’ skont għandha tkun ir-rata ta’ skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għajnuna.

Ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni tal-għajnuna għandhom ikunu skont l-Artikolu 8 tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

# Teħtieġ parir?

Qabel it-tressiq tal-applikazzjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizzi ta’ konsultazzjoni biex jgħinek tiżgura l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu disponibbli matul kull pass tal-proċess. Nistgħu ngħinuk tiddeċiedi jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek humiex konformi mal-mekkaniżmu tal-appoġġ inkwistjoni u nagħtuk feedback dwar il-mod kif qed tippjana li tippreżenta l-proġett. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba’ ġimgħat qabel id-data ta’ skadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b’hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista’ ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Dawn il-linji gwida ġew aġġornati fit-02 ta’ Marzu 2026